# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT

ippreżentati fit-13 ta' Diċembru 2007 [1]

## Werrej


I — Introduzzjoni ........ I - 4963

II — Il-kuntest ġuridiku ........ I - 4963

III — Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-iżvolġiment tal-proċeduri ........ I - 4966

A — Il-konċentrazzjoni ........ I - 4966

B — Il-problema tal-pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq ........ I - 4967

C — Proċedura amministrattiva u l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni ........ I - 4969

D — Il-proċeduri fl-ewwel istanza ........ I - 4970

E — Proċeduri tal-appell ........ I - 4970

F — Proċeduri amministrattivi ġodda u t-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni ........ I - 4971

IV — Kwistjonijiet preliminari għall-analiżi tal-appell ........ I - 4972

A — Ammissibbiltà tal-aggravji individwali tal-appell ........ I - 4972

1. Ammissibbiltà tal-ħames aggravju ........ I - 4973

2. Ammissibbiltà tal-bqija tal-aggravji ........ I - 4974

3. Konklużjoni provviżorja ........ I - 4974

B — Jekk l-appell jistax jikseb ir-riżultat mixtieq ........ I - 4975

1. L-allegat nuqqas tal-appellanti li jikkontestaw silta deċiżiva tas-sentenza appellata ........ I - 4975

2. Il-motivi tas-sentenza appellata li ma jsostnux id-dispożittiv tagħha ........ I - 4976


1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

3. Konklużjoni provviżorja ........ I - 4977

C — L-eżistenza kontinwa ta' interess li jitkompla l-appell ........ I - 4977

V — Jekk l-appell huwiex fondat ........ I - 4981

A — Il-portata tal-investigazzjoni u tal-ġustifikazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni fir-rigward ta' deċizjonijiet ta' approvazzjoni (l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt aggravju) ........ I - 4982

1. Ir-rekwiżit li jingħataw raġunijiet għad-deċiżjonijet ta' approvazzjoni ta' konċentrazzjoni (l-ewwel u t-tielet parti tas-sitt aggravju) ........ I - 4982

a) Jekk deċiżjonijiet ta' approvazzjoni jistgħux jiġu kkontestati minħabba nuqqas li jingħataw raġunijiet ........ I - 4983

b) Il-portata tal-obbligu li jingħataw raġunijiet ........ I - 4985

— Is-sentenza appellata ........ I - 4986

— Analiżi ........ I - 4987

c) Kunsiderazzjonijiet oħra ........ I - 4991

d) Konklużjoni provviżorja ........ I - 4993

2. Ir-referenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (l-ewwel aggravju u t-tieni parti tas-sitt aggravju) ........ I - 4993

a) L-approċċ inġenerali tal-Qorti tal-Prim'Istanza għar-relazzjoni bejn id-deċiżjoni ta' approvazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ........ I - 4994

— Is-sentenza appellata ........ I - 4994

— Analiżi ........ I - 4994

b) Ir-referenzi speċifiċi mill-Qorti tal-Prim'Istanza għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ........ I - 4997

c) Konklużjoni provviżorja ........ I - 5002

3. Il-valur probatorju tal-asserzjonijiet fattwali fir-risposta għall-oġġezzjonijiet (it-tieni aggravju; l-ewwel parti tat-tielet aggravju) ........ I - 5002

a) Is-sentenza appellata ........ I - 5002

b) Analiżi ........ I - 5003

4. Rekwiżiti ta' prova meħtieġa għall-approvazzjoni ta' konċentrazzjonijiet (it-tieni parti tat-tielet aggravju) ........ I - 5006

a) L-allegat żbilanċ bejn ir-rekwiżiti għal deċiżjonijiet ta' approvazzjoni u deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fir-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet . . . I - 5007

— Id-deċiżjonijiet ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet huma bbażati fuq pronjosi . . . I - 5007

— Simetrija tar-rekwiżiti imposti għal approvazzjoni u għal projbizzjoni . . . I - 5009

— Ebda preżunzjoni ġenerali ta' kompatibbiltà mas-suq komuni . . . I - 5011

— Konklużjoni provviżorja . . . I - 5013

b) Ir-rekwiżiti ta' prova applikati mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'dan il-każ . . . I - 5013

c) Konklużjoni provviżorja . . . I - 5014

B — Limitazzjonijiet fuq il-poter tal-Qorti tal-Prim'Istanza biex tanalizza l-fatti u l-provi (ir-raba' aggravju) . . . I - 5014

1. Id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni u l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha . . . I - 5015

a) Is-sentenza appellata . . . I - 5015

b) Analiżi . . . I - 5016

2. L-allegat żnaturament tal-provi . . . I - 5018

a) Il-punt 425 tas-sentenza appellata . . . I - 5019

b) Il-punt 427 tas-sentenza appellata . . . I - 5020

c) Il-punt 434 tas-sentenza appellata . . . I - 5021

3. Konklużjoni provviżorja . . . I - 5022

C — L-użu ta' provi mhux żvelati fis-sentenza appellata (is-seba' aggavju) . . . I - 5023

D — Konklużjoni provviżorja . . . I - 5025

VI — L-allegat appell inċidentali . . . I - 5025

VII — Spejjeż . . . I - 5026

VIII — Konklużjoni . . . I - 5027

## I — Introduzzjoni

1. Il-kawża preżenti tagħti opportunità sabiex tiġi żviluppata l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi fil-KE. Fis-sustanza, din il-kawża tikkonċerna l-kwistjoni — estremament importanti fil-prattika — tal-portata tal-investigazzjoni u l-motivazzjoni li tista' tkun mitluba mill-Kummissjoni meta hija tawtorizza konċentrazzjoni bejn impriżi.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża jikkonċernaw proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet li tikkonċerna s-swieq għal mużika rreġistrata, għal mużika on-line u għal pubblikazzjoni ta' mużika. Lejn l-aħħar tal-2003, Bertelsmann u Sony ftehmu li kienu ser jgħaqqdu n-negozji globali tagħhom ta' mużika rreġistrata. Wara dubji inizjali, b'Deċiżjoni tad-19 ta' Lulju, 2004 [2] (l-"ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni"), il-Kummissjoni approvat il-konċentrazzjoni proposta.

3. L-Independent Music Publishers and Labels Association ("Impala"), assoċjazzjoni internazzjonali rregolata bil-liġi Belġjana u li tiġbor fiha 2 500 impriża indipendenti li jipproduċu l-mużika, ilmentat fuq din il-konċentrazzjoni. Wara r-rikors tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni permezz tas-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006 [3] (is-"sentenza appellata").

4. Bertelsmann u Sony appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-sustanza, l-appellanti jargumentaw illi l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat rekwiżiti legali eċċessivi għal deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni u għall-istħarrig ġudizzjarju ta' dik id-deċiżjoni.

5. Madankollu, hemm kwistjoni preliminari dwar jekk l-appellanti għadx għandhom interess ġuridiku li jkomplu bl-appell tagħhom peress illi sadanittant, fit-3 ta' Ottubru 2007, il-konċentrazzjoni tagħhom ġiet approvata għal darba oħra mill-Kummissjoni.

## II — Il-kuntest ġuridiku

6. Il-kuntest ġuridiku f'din il-kawża jikkonsisti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-"Regolament ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet — RKK") [4] hekk kif

2 — Deċiżjoni 2005/188/KE li tiddikjara l-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE (Każ Nru KOMP/M.3333 — SONY/BMG) (innotifikata bid-dokument numru C(2004) 2815) (ĠU 2005 L 62, p. 30).

3 — Sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Impala vs Il-Kummissjoni, T-464/04, Ġabra p. II-2289.

4 — ĠU L 395, p. 1; ippubblikat mill-ġdid wara rettifika fil-ĠU 1990, L 257, p.13.

emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1310/97 [5].

7. Konċentrazzjonijiet b'dimensjoni Komunitarja fl-ambitu tar-Regolament ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-implimentazzjoni u għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni (Artikoli 4 u 7 RKK). Il-Kummissjoni tevalwa l-kompatibbiltà tagħhom mas-suq komuni (Artikolu 2(1) RKK).

8. Jekk konċentrazzjoni tiġix approvata jew ipprojbita jiddependi fuq jekk din toħloqx jew issaħħaħx xi pożizzjoni dominanti li bir-riżultat tagħha tiġi mfixkla sew il-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'xi parti sostanzjali tiegħu. Fuq dan il-punt, l-Artikolu 2(2) u (3) RKK jipprovdi s-segwenti:

"(2) Konċentrazzjoni li ma toħloqx jew li ma ssaħħaħx posizzjoni dominanti li b'riżultat ta' dan tiġi mfixkla sew il-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'xi parti sostanzjali tiegħu tiġi dikjarata kumpatibbli mas-suq komuni.

(3) Konċentrazzjoni li toħloq jew issaħħaħ posizzjoni dominanti li b'riżultat tagħha l-kompetizzjoni effettiva tiġi mfixkla sew fis-suq komuni jew f'xi parti kbira minnu għandha tiġi dikjarata mhix kumpatibbli mas-suq komuni."

9. Il-*proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet* tikkonsisti f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi hija sempliċiment eżami preliminari tal-konċentrazzjoni proposta. Jekk din tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni mas-suq komuni, ikun hemm, f' tieni fażi, proċedura formali li l-Kummissjoni għandha tibda skont l-Artikolu 6(1)(ċ) RKK [6].

10. *Is-setgħat ta' deċiżjoni* mill-Kummissjoni fil-proċedura formali huma pprovduti fl-Artikolu 8 RKK kif ġej:

"(1) [...] kull proċediment mibdi skond l-Artikolu 6(1)(ċ) għandu jingħalaq b'deċiżjoni kif previst fil-paragrafi 2 sa 5.

5 — Regolament tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 180, p. 1, b'rettifika fil-ĠU 1998, L 3, p. 16, u ĠU 1998, L 40, p. 17).

6 — Jekk, kif fil-prattika huwa ħafna drabi l-każ, konċentrazzjoni ma tqajjem ebda dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni, din tiġi approvata mingħajr il-ftuħ ta' proċedura ta' kontroll tal-għaqda diġa abbażi tal-analiżi preliminari. Taħt l-Artikolu 6(1)(b) RKK, f'dawn il-każijiet il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi biex ma tmurx kontra tagħha u għandha tiddikjara li hija kompatibbli mas-suq komuni.

(2) Meta l-Kummissjoni ssib li, wara bidliet mill-impriżi konċernati, konċentrazzjoni notifikata tissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 2(2) […], hija għandha toħroġ deċiżjoni li fiha tiddikjara li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni […]

(3) Meta l-Kummissjoni ssib li konċentrazzjoni tissodisfa l-kriterji definiti fl-Artikolu 2(3) […], hija għandha toħroġ deċiżjoni li fiha tiddikjara li l-konċentrazzjoni mhix kompatibbli mas-suq komuni.

[…]"

11. Qabel ma deċiżjoni li tipprojbixxi l-konċentrazzjoni tkun tista' tittieħed taħt l-Artikolu 8(3) RKK, il-partijiet fil-konċentrazzjoni jingħataw seduta. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tibgħatilhom *dikjarazzjoni bil-miktub tal-oġġezzjonijiet*, li għaliha jkunu jistgħu jirrispondu bil-miktub u wkoll verbalment, skond il-każ. Fuq din il-kwistjoni, l-Artikolu 18 RKK jipprovdi s-segwenti [7]:

"(1) Qabel tieħu kull deċiżjoni prevista fl-Artikolu […] 8 [(3) sa (5)] […] il-Kummissjoni għandha tagħti lill-persuni, impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi konċernati l-opportunità f'kull stadju tal-proċedura sal-konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv, li jagħtu l-veduti tagħhom dwar l-oġġezzjonijiet kontra tagħhom.

[…]

(3) Il-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Id-drittijiet ta' difiża għandhom jiġu mħarsa waqt il-proċedimenti […]"

12. Il-proċedura sħiħa għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet hija kkaratterizzata bir-*rekwiżit ta' ħeffa*, li jitwettaq b'sistema bbilanċjata u komparattivament stretta ta' limiti taż-żmien u li hija intiża sabiex tillimita t-tul taż-żmien tal-proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet [8]. Jekk il-Kummissjoni ma tieħux deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà mas-suq komuni fit-terminu stipulat, il-konċentrazzjoni *tiqies li hija approvata* u f'dan is-sens l-Artikolu 10(6) RKK jipprovdi s-segwenti:

7 — Barra minn hekk, ara l-Artikoli 11 sa 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 447/98, tal-1 ta' Marzu 1998, dwar n-notifiki, perijodi ta' żmien u smigħ tal-partijiet li hemm provduti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 (ĠU L 61, p. 1).

8 — Ara s-sentenzi tal-25 ta' Settembru 2003, Schlüsselverlag J. S. Moser *et* vs Il-Kummissjoni, C-170/02 P Ġabra p. I-9889, punt 33, u tat-22 ta' Ġunju 2004, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-42/01, Ġabra p. I-6079, punt 51; ara wkoll is-sentenzi tas-27 ta' Novembru 1997, Kaysersberg vs Il-Kummissjoni, T-290/94, Ġabra p. II-2137, punt 113, u tal-20 ta' Novembru 2002, Lagardère u Canal+ vs Il-Kummissjoni, T-251/00, Ġabra p. II-4825, punt 108, kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi tas-26 ta' April 2007 fil-kawża Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (C-202/06 P, Ġabra p. I-12129, punt 41).

"Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni skond l-Artikolu 6(1)(b) jew (ċ) jew l-Artikolu 8(2) jew (3) fiż-żminijiet stabbiliti [...], il-konċentrazzjoni għandha tiġi meqjusa kompatibbli mas-suq komuni [...]"

13. F'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi fejn Deċiżjoni mill-Kummissjoni hija annullata minn Qorti Komunitarja, l-Artikolu 10(5) RKK jipprovdi s-segwenti:

"5. Meta l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti sentenza li tħassar deċiżjoni jew xi parti minnha meħuda skond dan ir-Regolament, il-perijodu stabbilit f'dan ir-Regolament għandu jerġa' jibda mid-data tas-Sentenza."

14. Fil-parti l-kbira tal-proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet il-Kummissjoni taġixxi wkoll bħala awtorità għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet għaż-Żona Ekonomika Ewropea[9] u tiddeċiedi wkoll dwar jekk konċentrazzjonijiet humiex kompatibbli mal-Ftehim ŻEE.

15. Fl-2004, ir-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ġie emendat sostanzjalment. Madankollu, taħt l-Artikolu 26(1) il-ġdid, ir-Regolament KE emendat dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi[10] japplika biss mill-1 ta' Mejju tal-2004 u għalhekk mhuwiex relevanti għal dan il-kawża; l-Artikolu 26(2) jipprovdi li l-liġi preċedenti tibqa' tapplika għal kawżi bħal din preżenti.

## III — Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-iżvolġiment tal-proċeduri

### A — *Il-konċentrazzjoni*

16. Bertelsmann AG[11] hija kumpannija internazzjonali tal-midja, li topera fid-dinja kollha fil-qasam tar-reġistrazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' mużika, tat-televiżjoni, tar-radju, tal-pubblikazzjoni ta' kotba u rivisti, tas-servizzi tal-istampar u tal-midja, u fil-klabbs tal-mużika u tal-kotba. Fil-qasam tar-reġistrazzjoni tal-mużika Bertelsmann topera permezz tal-kumpannija sussidjarja tagħha Bertelsmann Music Group ("BMG") li hija proprjetà assoluta tagħha[12].

9 — Artikolu 57(1) u (2)(a) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("Ftehim ŻEE"), ĠU 1994 L 1, p. 3).

10 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-"Regolament KE tal-għaqda bejn l-impriżi") (ĠU L 24, p. 1).

11 — Iktar 'il quddiem, "Bertelsmann".

12 — Fuq din u s-segwenti, ara l-punti 3 sa 6 tas-sentenza appellata.

17. Sony Corporation of America [13] tifforma parti mis-Sony Group u topera fid-dinja kollha fl-oqsma tar-reġistrazzjoni tal-mużika, tal-pubblikazzjoni tal-mużika, tal-elettronika industrijali u domestika u fil-qasam tad-divertiment. Fis-settur tal-mużika rreġistrata Sony taġixxi permezz ta' Sony Music Entertainment.

18. Taħt Business Contribution Agreement (Ftehim għall-Integrazzjoni tan-Negozju) tal-11 ta' Diċembru 2003, Bertelsmann u Sony ftiehmu illi jgħaqqdu n-negozji globali tagħhom tal-mużika rreġistrata (bl-eċċezzjoni tan-negozju ta' Sony ġewwa l-Ġappun) u li jittrasferuh f'mill-inqas tliet imprizi ġodda. Ġie miftiehem illi dawn l-impriżi ta' proġett konġunt kellhom joperaw taħt l-isem "Sony BMG".

19. Taħt dan il-ftehim, Sony BMG kellha tiskopri u tiżviluppa artisti [14], u tieħu ħsieb il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' mużika rreġistrata. Mill-banda l-oħra, l-attivitajiet ta' negozju tagħha ma kellhomx jinkludu attivitajiet relatati bħal pubblikazzjoni, manifattturar u distribuzjoni ta' mużika rreġistrata.

20. Kif ikkonfermaw Bertelsmann u Sony fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġutsizzja, il-konċentrazzjoni twettqet kompletament fl-2004.

13 — Iktar 'il quddiem, "Sony".

14 — Dak li jissejjaħ "A & R" ("Artists and Repertoire").

B — *Il-problema tal-pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq*

21. Bħal fil-każ tal-konċentrazzjonijiet kollha b'dimensjoni Komunitarja, taħt l-Artikolu 2 RKK il-konċentrazzjoni proposta bejn Bertelsmann u Sony kienet teżiġi li tiġi eżaminata dwar jekk din setgħetx toħloq jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti li b'riżultat tagħha tiġi mfixkla sew il-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'xi parti sostanzjali tiegħu.

22. B'mod partikolari, il-kwistjoni ma kinitx jekk Sony BMG kinitx ser takkwista pożizzjoni dominanti individwali f'suq partikolari, iżda r-riskju tal-ħolqien jew tat-tisħiħ ta' *pożizzjoni dominanti kollettiva* bejn ħames pubblikaturi globali ta' mużika rreġistrata [15], l-hekk imsejħa "majors" tal-industrija mondjali tal-mużika, li n-numru tagħhom, b'riżultat ta' din il-konċentrazzjoni, ikun imnaqqas minn ħamsa għal erbgħa.

23. Fil-kawża Kali & Salz [16], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà għamlitha ċara li l-kunċett ta' pożizzjoni dominanti għall-għanijiet tar-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi jirreferi mhux biss għal pożizzjoni dominanti

15 — Fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u fis-sentenza appellata din il-kelma kienet meħuda li tfisser il-pubblikaturi segwenti: Bertelsmann Music Group (BMG), Sony Music Entertainment (SMEI), Universal Music Group (UMG), Warner Music Group (WMG) u EMI Group (oriġinarjament: Electric and Musical Industries).

16 — Sentenza tal-31 ta' Marzu 1998, Franza *et* vs Il-Kummissjoni, "Kali & Salz", C-68/94 u C-30/95, Ġabra p. I-1375, punti 164 sa 178; ara wkoll is-sentenza tal-25 ta' Marzu 1999, Gencor vs Il-Kummissjoni, T-102/96, Ġabra p. II-753, punti 123 sa 156.

individwali fis-suq iżda wkoll għal dik kollettiva. Pożizzjoni dominanti kollettiva tista' tinħoloq bejn żewg impriżi (duopolju) jew bejn iktar impriżi (oligopolija) [17].

24. Pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq ma tirrikjedix bilfors illi l-membri ta' oligopolija jikkooperaw *kollużivament,* pereżempju billi jidħlu fi ftehim antikompetittivi fis-sens tal-Artikolu 81 KE [18]. Minflok pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq tista' tirriżulta minn koordinazzjoni taċita ta' mġiba fis-suq [19] tal-membri kollha tal-oligopolija. F'dan il-każ il-membri tal-oligopolija jikkuntentaw ruħhom bl-ishma mis-suq li kisbu u mhemmx iktar kompetizzjoni effettiva bejniethom [20].

25. Madankollu, kundizzjoni neċessarja sabiex tiġi kkonstatata pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq f'dawn iċ-ċirkustanzi hija li s-suq inkwistjoni jippermetti fiż-żmien koordinazzjoni taċita ta' imġiba fis-suq mill-membri ta' oligopolija. It-tliet kriterji żviluppati mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'Airtours [21] sabiex jiġi stabbilit jekk teżistix pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq, u miġbura fil-qosor fis-sentenza appellata bil-mod segwenti, għandhom jitqiesu f'dan il-kuntest:

"L-ewwel nett, is-suq għandu jkun suffiċjentement trasparenti sabiex l-impriżi li jikkoordinaw l-imġiba tagħhom ikunu jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jissorveljaw suffiċjentement jekk il-modalitajiet ta' koordinazzjoni humiex qed jiġu osservati. It-tieni nett, id-dixxiplina timponi li jkun hemm forma ta' mekkaniżmu dissważiv fil-każ ta' imġiba devjanti. It-tielet nett, ir-reazzjonijiet ta' impriżi li ma jipparteċipawx fil-koordinazzjoni, bħall-kompetituri attwali jew potenzjali, kif ukoll ir-reazzjonijiet tal-klijenti, m'għandhomx ikunu jistgħu jippreġudikaw ir-riżultati mistennija mill-koordinazzjoni" [22].

26. Huwa l-ewwel kriterju tal-hekk imsejħa "kriterji Airtours" li huwa fil-qalba ta' din il-kawża preżenti, u għaldaqstant id-domanda dwar jekk is-swieq għall-mużika rreġistrata humiex suffiċjentement trasparenti sabiex il-majors ikunu jistgħu jikkoordinaw bejniethom l-imġiba tagħhom taċitament. Fis-sustanza, il-partijiet fil-proċeduri mhumiex jaqblu fuq l-isforzi li l-Qorti tal-Prim'Istanza tista' teżiġi mill-Kummissjoni f'termini ta' investigazzjoni u ġustifikazzjoni f'dak ir-rigward.

17 — Sentenzi Gencor vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punti 276 u 277) u tas-6 ta' Ġunju 2002, Airtours vs Il-Kummissjoni, T-342/99, Ġabra p. II-2585, punti 59 sa 61.

18 — Sentenza tas-16 ta' Marzu 2000, Compagnie maritime belge transports *et* vs Il-Kummissjoni, C-395/96 P u C-396/96 P, Ġabra p. I-1365, punt 45, fir-rigward tal-Artikolu 82 KE.

19 — Normalment, dan iseħħ permezz ta' mġiba parallela antikompetittiva. Madankollu, fil-każ COMP/M.2201 — MAN vs Auwärter il-Kummissjoni analizzat konċentrazzjoni dwar jekk din ippermettietx koordinazzjoni taċita permanenti ta' mġiba fis-suq mill-membri ta' duopolju apparti mill-forom klassiċi ta' mġiba parallela antikompetittiva (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/335/KE, tal-20 ta' Ġunju 2001, ĠU 2002, L 116, p. 35; ara b'mod partikolari l-premessi 33 sa 35).

20 — Ara b'mod ġenerali s-sentenza Gencor vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 276).

21 — Sentenza iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 62.

22 — Punt 247 tas-sentenza appellata. Fuq dan l-istess punt ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2003, Verband der freien Rohrwerke *et* vs Il-Kummissjoni, T-347/00, Ġabra p. II-2275, punt 186, u — fir-rigward tal-Artikolu 82 KE — is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Jannar 2005, Piau vs Il-Kummissjoni, T-193/02, Ġabra p. II-209, punt 111.

*C — Proċedura amministrattiva u l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni*

27. Fid-9 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni ġiet notifikata bil-konċentrazzjoni kif mitlub mill-Artikolu 4 RKK [23].

28. Fil-fażi preliminari ("Fażi I" tal-proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet), fl-20 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lil numru ta' parteċipanti fis-suq.

29. Impala wieġbet il-kwestjonarju, u fit-28 ta' Jannar 2004, hija ppreżentat ukoll sottomissjonijiet separati fejn tat il-motivi għalfejn, fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni għandha tiddikjara l-operazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni. Fis-sottomissjonijiet tagħha, Impala espremiet it-tħassib tagħha dwar konċentrazzjoni ulterjuri fis-suq u l-impatt illi din ikollha fuq l-aċċess għas-suq, inkluż fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, tal-medja, tal-internet u tal-għażla tal-konsumatur.

30. Sussegwentement, fit-12 ta' Frar 2004, il-Kummissjoni bdiet proċeduri formali skont l-Artikolu 6(1)(ċ) RKK ("Fażi II" tal-proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet) għaliex il-proġett innotifikat qajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tiegħu mas-suq komuni u mal-Ftehim ŻEE.

31. Taħt l-Artikolu 11(5) RKK, il-proċeduri ġew sospiżi mis-7 ta' April sal-5 ta' Mejju 2004, għaliex il-partijiet fil-konċentrazzjoni pprovdew informazzjoni inkompleta għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni [24].

32. Fl-24 ta' Mejju 2004 il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lill-partijiet fil-konċentrazzjoni, fejn ikkonkludiet provviżorjament illi l-operazzjoni nnotifikata kienet inkompatibbli mas-suq komuni u mal-iffunzjonar tal-Ftehim ŻEE, peress illi din tkun issaħħaħ pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq tal-mużika rreġistrata u fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-liċenzji għall-mużika online u tkun tikkoordina l-imġiba tal-kummpanniji parent b'mod inkompatibbli mal-Artikolu 81 KE.

33. Il-partijiet fil-konċentrazzjoni rrispondew għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u nżammet seduta quddiem l-Uffiċjal tas-Smiegħ tal- Kummissjoni fl-14 u l-15 ta' Ġunju 2004 fil-preżenza ta', fost oħrajn, Impala.

23 — Fuq dan il-punt u s-segwenti ara l-punti 2 u 7 sa 11 tas-sentenza appellata.

24 — Fuq dan il-punt ara r-Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Smigħ (ĠU 2005, C 59, p. 2).

34. Permezz tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni tagħha, il-Kummissjoni fl-aħħar iddikjarat il-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 8(2) RKK. Din l-approvazzjoni ma kienet suġġetta għall-ebda kundizzjonijiet jew obbligi.

D — *Il-proċeduri fl-ewwel istanza*

35. Fit-3 ta' Diċembru 2004, Impala ressqet rikors kontra l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u talbet illi d-Deċiżjoni tiġi annullata [25] u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tal-proċeduri. Il-Kummissjoni talbet illi l-kawża ta' Impala tiġi miċħuda u li Impala tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż. F'dan ir-rigward hija kienet sostnuta minn Bertelsmann u Sony kif ukoll minn Sony BMG Music Entertainment, li tħallew jintervjenu mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' Digriet tal-President tat-Tielet Awla tal-4 ta' Frar 2005.

36. Bis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u ordnat lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll tliet kwarti mill-ispejjeż ta' Impala. Impala min-naħa tagħha ġiet ordnata tbati kwart mill-ispejjeż tagħha. L-intervenjenti ġew ordnati jbatu l-ispejjeż tagħhom.

E — *Proċeduri tal-appell*

37. Permezz tal-appell konġunt tagħhom, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Lulju 2006, Bertelsmann u Sony (l-appellanti) jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiċħad ir-rikors ta' Impala għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, jew, alternattivament, tirrinvija l-kawża lura lill-Qorti tal-Prim'Istanza għal rikonsiderazzjoni; u

— tikkundanna lil Impala għall-ispejjeż tal-proċeduri preżenti.

38. Sony BMG Music Entertainment tadotta b'mod sħiħ kemm l-appell kif ukoll it-talbiet ta' Bertelsmann u Sony.

25 — B'mod sussidjarju Impala talbet li d-deċiżjoni ta' approvazzjoni tiġi annullata f'ċerti aspetti: ara t-tielet inċiż tal-punt 29 tas-sentenza appellata.

39. Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiċħad ir-rikors għall-annullament tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni jew, alternattivament, tirrinvija l-kawża lura lill-Qorti tal-Prim'Istanza għal rikonsiderazzjoni; u

— tordna lil Impala tbati l-ispejjeż tal-Kummissjoni fil-proċeduri preżenti.

40. Impala titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell bħala infondat u/jew inammissibbli inparti jew fl-intier tiegħu;

— tikkonferma s-sentenza appellata; u

— tordna lill-appellanti jbatu l-ispejjeż tal-proċeduri preżenti.

41. L-appell ġie ttrattat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub imbagħad bil-fomm fis-6 ta' Novembru 2007.

F — *Proċeduri amministrattivi ġodda u t-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni*

42. B'konsegwenza tal-annullament tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni permezz tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni wettqet f'din il-kawża proċedura ġdida għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet [26] (f'dan is-sens ara l-Artikolu 10(5) RKK), li neċessarjament seħħet b'mod *parallel ma' dawn il-proċeduri ta' appell*, peress li l-appell ma kellux effett sospensiv (Artikolu 60(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja).

43. Għaldaqstant, fil-31 ta' Jannar 2007, il-konċentrazzjoni reġgħet ġiet innotifikata lill-Kummissjoni sabiex terġa' tiġi eżaminata mill-ġdid fir-rigward tal-kompetizzjoni u fl-1 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura formali taħt l-Artikolu 6(1)(ċ) RKK ("Fażi II").

44. Il-proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet kienet konkluża permezz

26 — Fuq dan il-punt u l-punti sussegwenti ara l-komunikati stampa tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2007 (IP/07/272) u tat-3 ta' Ottubru 2007 (IP/07/1437).

ta' deċiżjoni tat-3 ta' Ottubru 2007, li fiha l-Kummissjoni għal darb'oħra ddikjarat il-konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim ŻEE taħt l-Artikolu 8(2) RKK ("it-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni"). L-approvazzjoni ma kienet suġġetta għall-ebda kundizzjonijiet jew obbligi.

## IV — Kwistjonijiet preliminari għall-analiżi tal-appell

45. Qabel ma jiġi eżaminat il-mertu tal-appell, huwa meħtieġ illi jiġi vverifikat jekk l-aggravji individwali mqajjma fl-appell humiex ammissibbli (ara iktar 'il isfel, it-Taqsima A), jekk dawn l-aggravji jistgħux jiksbu r-riżultat mixtieq mill-appellanti (ara iktar'l isfel, it-Taqsima B) u jekk l-interess tal-appellanti li jkomplu bl-appell ġiex imxejjen bit-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni mogħtija sadanittant (ara iktar 'l isfel, it-Taqsima C).

### A — *Ammissibbiltà tal-aggravji individwali tal-appell*

46. Impala tikkontesta l-appell abbażi tal-fatt illi dan huwa inammissibbli fl-intier tiegħu, għaliex huwa sempliċiment intiż għal rikonsiderazzjoni tal-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

47. Fid-dawl ta' din l-oġġezzjoni, huwa xieraq illi jiġi mfakkar l-kriterju ta' stħarriġ stabbilit fl-Artikolu 225(1) KE u fl-Artikolu 58(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u li l-istess Qorti kkonfermat fil-ġurisprudenza stabbilita tagħha fi proċeduri ta' appell [27]: l-appelli huma limitati għall-punti ta' liġi. Għaldaqstant il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha ġurisdizzjoni esklussiva sabiex tikkonstata u tanalizza l-fatti relevanti u sabiex tevalwa l-provi, u l-analiżi ta' dawk il-fatti u l-evalwazzjoni ta' dawk il-provi għalhekk, salv meta jkun hemm żnaturament tal-fatti jew tal-provi, ma jikkostitwixxux punti ta' liġi suġġetti, bħala tali, għal stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja f'appell.

48. Mill-banda l-oħra, il-kwistjonijiet dwar jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza, imponietx rekwiżiti eċċessivi fir-rigward tar-raġunijiet li għandhom jingħataw għal deċiżjoni tal-Kummissjoni, applikatx il-kriterji korretti fl-evalwazzjoni tagħha tal-fatti u tal-provi, u dwar jekk ġeneralment applikatx il-liġi korrettment fis-sentenza tagħha, huma kollha kwistjonijiet ta' dritt li jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell [28]. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti sabiex tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza

27 — Bħala eżempju are s-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2006, Storck vs UASI, C-24/05 P, Ġabra p. I-5677, punt 36, u tat-22 ta' Ġunju 2006, Storck vs UASI, C-25/05, Ġabra p. I-5719, punt 40; ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, C-105/04 P, Ġabra p. I-8725, punti 69 u 70, tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-328/05 P, Ġabra p. I-3921, punt 41, u tal-25 ta' Ottubru 2007, Komninou *et* vs Il-Kummissjoni, C-167/06 P, Ġabra p. I-141, punt 40.

28 — F'dan is-sens ara s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Sumitomo Metal Industries vs Il-Kummissjoni, C-403/04 P, Ġabra p. I-735, punt 40; ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza British Airways vs Il-Kummissjoni, C-95/04 P, Ġabra p. I-2331, punt 113. Fir-rigward, b'mod speċifiku, tar-rekwiżit ta' motivazzjoni, ara s-sentenzi tal-20 ta' Novembru 1997, Il-Kummissjoni vs V, C-188/96 P, Ġabra p. I-6561, punt 24, u tal-20 ta' Frar 1997, Il-Kummissjoni vs Daffix, C-166/95 P, Ġabra p. I-983, punt 35.

kkwalifikatx ġuridikament b'mod korrett il-fatti u l-provi u sabiex tistħarreġ il-konklużjonijiet legali li hija tkun siltet minnhom [29], kif ukoll jekk applikatx korrettament id-dispożizzjonijiet relatati mal-oneru tal-prova u mal-ġbir tal-provi [30].

49. Meta jiġu applikati dawn il-kriterji, b'kuntrast għas-sottomissjonijiet ta' Impala, l-appell preżenti ma jistax jitqies bħala kompletament inammissibbli. Minflok, f'dan ir-rigward teħtieġ illi ssir distinzjoni bejn il-ħames aggravju u l-aggravji l-oħra.

1. Ammissibbiltà tal-ħames aggravju

50. Il-ħames aggravju, li jikkonċerna r-rekwiżiti għal konstatazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, jikkonsisti f'parti introduttorja [31] u f'numru ta' punti ta' kritika ddettaljati [32].

51. Il-*parti introduttorja* essenzjalment tqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-kriterji għal konstatazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq li l-Qorti tal-Prim'Istanza stess żviluppat fil-kawża Airtours [33] għandhomx jiġu applikati fi gradi differenti ta' rigorożità skont jekk dak illi jrid jiġi ppruvat hijiex pożizzjoni dominanti kollettiva li diġà teżisti jew pronjosi għall-futur firrigward tar-riskju li tista' tinħoloq pożizzjoni dominanti kollettiva b'konsegwenza ta' konċentrazzjoni. Għaldaqstant, il-parti introduttorja tal-ħames aggravju tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-kriterji f'Airtours. Din hija kwistjoni ta' dritt li effettivament tista' tkun is-suġġett ta' appell.

52. Is-sitwazzjoni hija differenti għal dak illi jirrigwarda l-punti ta' kritika ddettaljati rimanenti li jsiru fil-kuntest tal-ħames aggravju u li jistgħu jiġu miġbura fil-qosor kif ġej. Il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tikkunsidra l-prezzijiet netti bl-ingrossa u l-importanza tal-iskontijiet fil-prezzijiet, li huma deċiżivi fil-kwistjoni tat-trasparenza tas-suq u minflok issodisfat ruħha li tqis biss il-prezzijiet tal-katalogu u l-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza b'mod żbaljat iddeduċiet it-trasparenza tal-iskontijiet mill-effett ta' dawn l-iskontijiet fuq il-prezzijiet netti medji. Iżjed minn hekk, fl-eżami tat-trasparenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljatament ċaħdet ir-relevanza ta' sistemi kumplessi ta' prezzijiet. Finalment, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljatament ċaħdet id-differenzi u ċ-ċaqliq fil-prezzijiet bħala irrilevanti għall-kwistjoni ta' trasparenza.

29 — Sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punt 23, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 69), Sumitomo Metal Industries vs Il-Kummissjoni, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 39), u SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 41).

30 — Sentenzi Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 24), Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 70), Sumitomo Metal Industries vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punti 38 u 39), SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 41), u Komninou *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 40).

31 — Punti 65 sa 69 tal-appell.

32 — Punti 70 sa 80 tal-appell.

33 — Ara l-punt 25 iktar 'il fuq u s-sentenza f'Airtours (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 62).

53. Fir-realtà, dawn il-punti ta' kritika ddettaljati mhumiex intiżi għall-istħarriġ ta' kwistjonijiet ta' dritt iżda minflok iqajmu dubji fuq l-evalwazzjoni attwali tal-fatti u tal-provi mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'din il-kawża. Dan għaliex ir-relevanza tal-prezzijiet tal-katalogu, tal-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut, tal-prezzijiet tal-bejgħ bl-ingrossa, tal-prezzijiet netti medji, tal-iskontijiet, tal-kumplessità tas-sistemi ta' prezzijiet kif ukoll tad-differenzi u ċ-ċaqliq fil-prezzijiet għall-evalwazzjoni tat-trasparenza ta' suq partikolari ma tistax tiġi awtoritivament stabbilita b'mod ġenerali, iżda tiddependi fuq l-analizi attwali taċ-ċirkustanzi tal-każ individwali, u speċifikament fuq iċ-ċirkustanzi partikolari tas-suq ikkonċernat.

54. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mitluba tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti u tal-provi f'dan il-każ partikolari għal dik tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Madankollu, dan ma huwiex ammissibbli f'appell. L-iktar l-iktar, l-ilment li jista' jitressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja huwa li l-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat il-fatti jew il-provi, jew kisret ir-regoli tal-logika fl-evalwazzjoni tagħha tal-fatti jew tal-provi. Iżda hawnhekk, xejn minn dan mhuwa allegat u apparti dawn l-eċċezzjonijiet, mhuwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala qorti tal-appell, li tiddeċiedi għaliha nnifisha x'rilevanza għandhom fatturi bħall-prezzijiet tal-katalogu, il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut, il-prezzijiet tal-bejgħ bl-ingrossa, il-prezzijiet netti medji, l-iskontijiet, il-kumplessita ta' sistemi tal-prezzijiet, kif ukoll id-differenzi u ċ-ċaqliq fil-prezzijiet għall-evalwazzjoni tat-trasparenza tas-suq f'każ bħal dan inkwistjoni.

55. Abbażi ta' dan, hija biss il-parti introduttorja tal-ħames aggravju li hija ammissibbli, u mhux il-punti ta' kritika ddettaljati li jinstabu fih.

2. Ammissibbiltà tal-bqija tal-aggravji

56. Mill-banda l-oħra, inqis li l-bqija tal-aggravji huma ammissibbli fl-intier tagħhom, peress illi s-suġġett tagħhom mhuwiex l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi bħala tali mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Minflok, dawn l-aggravji jirrigwardaw il-*kriterji* li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat fl-evalwazzjoni tal-legalità tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. Barra minn hekk, dawn jirrigwardaw ir-*rekwiziti ta' prova* li l-Kummissjoni hija suġġetta għalihom meta tapprova konċentrazzjonijiet. Dawn kollha huma kwistjonijiet ta' dritt li jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell.

3. Konklużjoni provviżorja

57. Filwaqt illi l-parti introduttorja biss tal-ħames aggravju hija ammissibbli, il-bqija tal-aggravji huma ammissibbli fl-intier tagħhom.

B — *Jekk l-appell jistax jikseb ir-riżultat mixtieq*

58. Apparti l-kwistjoni diskussa hawn fuq dwar l-ammissibbiltà tal-aggravji individwali tal-appell, il-kawża preżenti tqajjem il-kwistjoni addizzjonali dwar jekk l-appell jistax, fi kwalunkwe każ, jilħaq ir-riżultat li l-appellanti jixtiequ, jiġifieri li s-sentenza appellata tiġi annullata. Fl-ewwel lok, l-appellanti jista' jkun illi naqsu milli jikkontestaw silta deċiżiva fis-sentenza appellata (ara iktar 'il quddiem, it-Taqsima 1) u fit-tieni lok, jista' jagħti l-każ illi l-appell tagħhom huwa intiż kontra partijiet mill-motivi tas-sentenza li ma jinkludux ir-*ratio decidendi* tad-dispożittiv tas-sentenza appellata (ara iktar 'il quddiem, it-Taqsima 2).

1. L-allegat nuqqas tal-appellanti li jikkontestaw silta deċiżiva tas-sentenza appellata

59. Fl-ewwel lok, Impala tissottometti li l-appell fl-intier tiegħu ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata, peress illi fl-appell tagħhom l-appellanti naqsu milli jikkontestaw silta deċiżiva tas-sentenza.

60. B'mod speċifiku, Impala hija tal-fehma li l-appell huwa limitat għal kontestazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward tal-kwistjoni tat-*tisħiħ* ta' pożizzjoni dominanti kollettiva eżistenti, u b'kuntrast mhuwiex intiż kontra l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 528 tas-sentenza appellata fir-rigward tal-possibbiltà tal-*ħolqien* ta' pożizzjoni dominanti kollettiva. Għalhekk, anki jekk l-appell jintlaqa' fl-intier tiegħu, skont Impala dan ma setax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata, peress illi l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li jinstabu fil-punt 528 tas-sentenza fir-rigward ta' żbalji ulterjuri ta' liġi fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni xorta jissussistu.

61. Ma jidhirlix li din is-sottomissjoni hija konvinċenti.

62. Ċertament, l-appellanti għandhom jindikaw b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li huma jkunu qegħdin jikkontestaw kif ukoll l-argumenti legali li huma jkunu qegħdin speċifikament iressqu biex isostnu l-appell tagħhom [34]. Madankollu, dan ma jfissirx illi l-abbozzar tal-appell għandu jikkorrispondi f'kull dettall mal-mod kif s-sentenza appellata tkun strutturata, u ma jfissirx li għandu jkun hemm kontestazzjoni ta' kull taqsima tas-sentenza b'aggravju speċifiku għaliha.

63. F'din il-kawża, l-appellanti bl-ebda mod ma rrestrinġew l-appell tagħhom biss għall-ewwel mit-taqsimiet tas-sentenza inkwistjoni, jiġifieri għall-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza għal dak illi jirrigwarda t-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva eżistenti fis-suq tal-mużika rreġistrata [35]. Barra minn hekk, restrizzjoni bħal din, ma tikkorrispondix mar-riżultat illi huma stqarrew illi jixtiequ jiksbu bl-appell, jiġifieri

34 — Din hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja; ara pereżempju, is-sentenzi tal-1 ta' Frar 2007, Sison vs Il-Kunsill, C-266/05 P, Ġabra p. I-1233, punt 23, u tal-11 ta' Settembru 2007, Lindorfer vs Il-Kunsill, C-227/04 P, Ġabra p. I-6767, punt 45.

35 — Punti 44 sa 481 tas-sentenza appellata.

li tiġi annullata s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Dan għaliex dan ir-riżultat jista' jintlaħaq biss jekk l-appell jinftiehem bħala li jikkontesta ż-żewġ taqsimiet tas-sentenza inkwistjoni[36] jiġifieri kemm it-taqsima li tikkonċerna t-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva eżistenti kif ukoll it-taqsima li tikkonċerna l-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti bħal din.

64. Ir-rimarki introduttorji tal-appellanti fil-bidu tal-appell tagħhom ukoll jagħtu x'wieħed jifhem li l-appell mhuwiex limitat għal taqsima waħda biss tas-sentenza. Lista ta' siltiet fis-sentenza appellata li huma speċifikament ikkritikati tirreferi espressament għall-punt 528, li huwa l-punt inkwistjoni f'dan l-istadju, u tirreferi wkoll għall-punti 533, 539 u 541 li wkoll jikkonċernaw il-kwistjoni tal-*ħolqien* ta' pozizzjoni dominanti kollettiva[37]. Barra minn hekk, f'diversi punti fl-appell tagħhom, l-appellanti espressament jinkorporaw fl-aggravji tagħhom l-konklużjoni globali tas-sentenza appellata kif ifformulata mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 542 u 543[38].

65. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jingħad illi l-appell huwa ristrett biss għall-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar it-*tisħiħ* ta' pożizzjoni dominanti eżistenti u għalhekk għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu bħala ineffettiv (bil-Franċiż, "inopérant").

2. Il-motivi tas-sentenza appellata li ma jsostnux id-dispożittiv tagħha

66. Is-sitwazzjoni hija differenti f'dak illi jirrigwarda l-parti introduttorja tal-ħames aggravju li, kif diġà ngħad[39], hija l-unika parti ammissibbli ta' dak l-aggravju.

67. Fis-sustanza, din tqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-kriterji żviluppati mill-Qorti tal-Prim'Istanza nnifisha f' Airtours[40] sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva għandhomx jiġu applikati bi gradi differenti ta' rigorożità skont jekk dak li għandu jkun stabbilit huwiex pożizzjoni dominanti kollettiva eżistenti jew pronjosi għall-futur rigward ir-riskju li tista' tinħoloq tali pożizzjoni dominanti kollettiva b'konsegwenza tal-konċentrazzjoni. Fl-ewwel każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza ttendi lejn applikazzjoni inqas rigoruża tal-kriterji Airtours milli fit-tieni każ[41].

68. F'dan ir-rigward, il-punt prinċipali ta' kontestazzjoni tal-appellanti huwa l-punt 251 tas-sentenza appellata. F'dan il-punt, il-Qorti tal-Prim'Istanza tiddikjara li pożizzjoni dominanti kollettiva (diġà eżistenti)'"[tista'] madankollu, meta jkun il-każ, [tiġi] stabbilit[a] indirettament fuq il-bażi ta' serje ta' indizji u provi, eventwalment ukoll eteroġenei ħafna, relattivi għas-sinjali, manifestazzjonijiet u fenomeni

36 — Kemm il-punti 44 sa 481 kif ukoll il-punti 482 sa 541 tas-sentenza appellata.

37 — Punt 17 tal-appell. Riferimenti simili jistgħu jinstabu fil-punti 26 u 94 u fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6 tal-appell.

38 — Punti 17, 59 u 81 tal-appell.

39 — Ara iktar 'il fuq, il-punti 50 sa 55.

40 — Ara iktar 'il fuq, il-punt 25 u s-sentenza Airtours vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 62).

41 — F'dan is-sens ara l-punti 249 sa 253 tas-sentenza appellata.

inerenti għall-preżenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva."

69. Madankollu, kif l-appellanti stess ippuntwalizzaw[42], is-silta kkontestata, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet legali tal-Qorti tal-Prim'Istanza konnessi magħha, huma *obiter dicta.* Fit-taqsima sħiħa tas-sentenza appellata, mill-punt 245 sa 253, il-Qorti tal-Prim'Istanza mhijiex qegħda tanalizza wieħed mill-motivi ta' invalidità mressqa minn Impala fl-ewwel istanza, iżda qiegħda sempliċiment tagħmel dikjarazzjoni *obiter dicta* dwar l-applikazzjoni tal-kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk teżistix pożizzjoni dominanti kollettiva.

70. Dan isir partikolarment ċar jekk wieħed jaqra s-silta kkontestata tas-sentenza malpunt 254 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza espressament tillimita l-eżami tagħha tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni għall-kwistjoni dwar jekk il-kriterji Airtours humiex sodisfatti: "[I]l-Qorti tal-Prim'Istanza għandha tillimita ruħha, fil-kuntest tal-eżami tal-motivi mqajma, biex tivverifika li d-deċiżjoni applikat korrettament il-kundizzjonijiet iddefiniti fis-sentenza Airtours[...]". Għall-kuntrarju, fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza espressament ma teżaminax il-kwistjoni dwar jekk l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti tista' tiġi xorta waħda stabbilita "mingħajr mhemm bżonn li tiġi stabbilita pożittivament it-trasparenza tas-suq". Fil-proċeduri fl-ewwel istanza, din il-kwistjoni ma "ġietx diskussa".

42 — Punt 67 tal-appell.

71. Għaldaqstant, minħabba li l-parti introduttorja tal-ħames aggravju ma tirreferix għar-*ratio decidendi* tas-sentenza imma sempliċiment għal kunsiderazzjonijiet addizzjonali msemmija mill-Qorti tal-Prim'Istanza, din ma tistax twassal għall-annullament tas-sentenza appellata. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja din il-parti tal-appell għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva (inopérant)[43].

3. Konklużjoni provviżorja

72. Għaldaqstant, il-ħames aggravju biss, sakemm huwa wkoll ammissibbli, għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. Għall-kuntrarju, l-aggravji l-oħra kollha jistgħu jiksbu r-riżultat mixtieq mill-appellanti.

## C — *L-eżistenza kontinwa ta' interess li jitkompla l-appell*

73. Fir-rigward tal-aggravji li huma ammissibbli u mhux ineffettivi, jonqos illi jiġi kkunsidrat jekk, sadanittant, l-appellanti waqfux milli jkollhom interess li jitkompla l-appell.

43 — Sentenzi tat-18 ta' Marzu 1993, Il-Parlament v Frederiksen, C-35/92 P, Ġabra p. I-991, punt 31, tat-8 ta' Mejju 2003, T. Port vs Il-Kummissjoni, C-122/01 P, Ġabra, I-4261, punt 17, Sentenzi maqgħuda tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 148 u tat-13 ta' Settembru 2007, Common Market Fertilizers vs Il-Kummissjoni, C-443/05 P, Ġabra p. I-7209, punt 137.

74. Ir-rekwiżit li jkun hemm dan l-interess jiżgura, fuq livell proċedurali, li l-qrati ma jintalbux li jagħtu opinjonijiet esperti fuq kwistjonijiet ta' dritt purament ipotetiċi. Għaldaqstant, l-eżistenza tal-interess huwa rekwiżit mandatorju għall-ammissibbiltà, li jrid jiġi kkunsidratat *ex proprio motu* u li jista' jkun relevanti f'diversi stadji tal-proċeduri. Għaldaqstant, m'hemmx dubju li interess għandu jeżisti fiż-żmien meta jitressaq rikors jew appell; madankollu, dan l-interess għandu jibqa' jissussisti wara dak il-mument u saż-żmien tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża [44].

75. Interess jeżisti sakemm l-appell, jekk jirnexxi, ikun jista' jkun ta' vantaġġ għall-parti illi tkun ressqitu [45].

76. Mhuwiex ikkontestat li meta ressqu l-appell tagħhom l-appellanti kellhom interess fih. Dan għaliex, minn meta ġiet annullata l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni mill-Qorti tal-Prim'Istanza, Bertelsmann u Sony ma kellhomx l-approvazzjoni neċessarja retrospettivament għall-konċentrazzjoni tagħhom taħt ir-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi. Jekk is-sentenza appellata kellha tiġi annullata, hekk kif qiegħed jintalab fl-appell, din l-approvazzjoni setgħet tiġi rriavvivata. Għaldaqstant l-appell seta' pprovdilhom dan il-vantaġġ.

77. Madankollu, minn meta ngħatat it-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni, l-impriżi parteċipanti reġa' għandhom approvazzjoni għall-konċentrazzjoni tagħhom taħt ir-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi. Id-dispożittiv ta' din it-tieni approvazzjoni huwa ekwivalenti għal dak tal-ewwel waħda, peress illi t-tnejn iddikjaraw il-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim ŻEE, u dan mingħajr kundizzjonijiet jew obbligi. Barra minn hekk, l-*istat ta' inċertezza* li eżista minn meta ġiet annullata l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u li fih l-impriżi parteċipanti u s-swieq ma setgħux ikunu ċerti dwar jekk il-konċentrazzjoni twettqitx b'mod legali jew le, tneħħa bl-approvazzjoni mġedda tal-konċentrazzjoni. B'mod speċifiku, l-approċċ legali adottat fl-Artikolu 7(5) RKK [46] għandu l-effett li t-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni għandha effett retrospettiv għaż-żmien li fih kienu qed jitwettqu l-atti ġuridiċi intiżi għat-twettieq tal-konċentrazzjoni ("effett *ex tunc*").

78. Dan kollu ma jfissirx neċessarjament illi l-appell preżenti huwa *nieqes minn kull skop*. Dan għaliex l-appell mhuwiex intiż direttament lejn l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni, iżda lejn is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza appellata, li għad għandha effett. Għaldaqstant, il-possibbiltà li jiġi ddikjarat illi ma hemmx lok għal deċiżjoni (Artikolu 92(2) tar-Regoli tal-Proċedura) mhijiex applikabbli

44 — F'dak li jirrigwarda r-rekwiżit tal-interess fl-appell, ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni, C-19/93 P, Ġabra p. I-3319, punt 13; fl-istess sens, firrigward ta' interess fl-ewwel istanza, ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni, C-362/05 P, Ġabra p. I-4333, punt 42, u d-digriet tas-17 ta' Ottubru 2005, First Data *et* vs Il-Kummissjoni, T-28/02, Ġabra p. II-4119, punti 35 sa 37.

45 — Sentenza Rendo *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 44, punt 13); tat-13 ta' Lulju 2000, Il-Parlament vs Richard, C-174/99 P, Ġabra p. I-6189, punt 33 u tat-3 ta' April 2003, Il-Parlament vs Samper, C-277/01 P, Ġabra I-3019, punt 28.

46 — Peress li l-konċentrazzjoni kkontestata kienet implementata fi żmien meta l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni kienet għadha fis-seħħ, l-Artikolu 7(5) RKK ma japplikax għall-fatti ta' din il-kawża. Il-kunċett ġuridiku abbażi ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri invalidità temporanja u l-rregolazzjoni retroattiva ta' invalidità temporanja b'deċiżjoni ta' approvazzjoni tista', madankollu, tiġi applikata b'mod utli f'dan il-każ.

fil-proċeduri tal-appell (ara l-Artikolu 118 tar-Regoli tal-Proċedura) [47].

79. Madankollu, l-eżistenza tat-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni tqajjem il-kwistjoni dwar jekk l-appell jistax jipprovdi xi vantaġġ lill-appellanti, jiġifieri jekk huma għadx għandhom interess li jkomplu bl-appell.

80. Il-fatt biss illi fis-sentenza appellata l-appellanti ġew ikkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom tal-proċeduri fl-ewwel istanza bl-ebda mod ma jistabbilixxi li huma għandhom interess. Dan għaliex l-Artikolu 58(2) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li appell intiż biss kontra deċiżjoni dwar l-ispejjeż huwa inammissibbli. Għall-istess raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad appell kontra deċiżjoni fuq l-ispejjeż li tingħata fl-ewwel istanza jekk dan ikun l-aħħar aggravju rimanenti minn numru ta' aggravji u jkun diġà ġie stabbilit li ebda wieħed mill-aggravji l-oħra ma jista' jirnexxi [48]. Jekk wieħed iqis id-diċitura u l-iskop tal-Artikolu 58(2) tal-Istatut, lanqas interess li tiġi annullata d-deċiżjoni fuq l-ispejjeż li tingħata fl-ewwel istanza ma jista' jiġġustifika l-kontinwazzjoni ta' appell. Għaldaqstant, sabiex jitkomplew proċeduri ta' appell, huwa neċessarju li l-appellant ikollu interess li jmur lil hinn dak relatat mal-ispejjeż fl-ewwel istanza.

81. F'din il-kawża, madankollu, l-appellanti għandhom interess ovvju li jiksbu kemm jista' jkun malajr mhux biss l-approvazzjoni iżda wkoll approvazzjoni *definittiva* tal-konċentrazzjoni tagħhom. F'dak il-punt biss l-impriżi parteċipanti, u tassew is-suq inġenerali, ikollhom ċertezza legali dwar jekk il-konċentrazzjoni twettqitx legalment.

82. It-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni ma tistax tipprovdi din iċ-ċertezza f'dan il-punt, għax jista' jagħti l-każ illi ma ssirx definittiva fil-futur prevedibbli. Dan għaliex, din għandha, minbarra li tiġi nnotifikata lid-destinatarji tagħha (Artikolu 254(3) KE), tiġi

47 — Minkejja dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat perjodikament li mhuwiex meħtieġ li tingħata sentenza f'appell meta jiġi kkonstatat li l-appellant diġà laħaq l-għan tiegħu (digrieti tat-23 ta' Ottubru 2001, Una Film "'City Revue"' vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-281/00 P, li mhux ippubblikat fil-Ġabra, punti 4 u 5, u tat-23 ta' Ottubru 2001, Zino Davidoff u Davidoff & Cie vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-313/00 P, li mhux ippubblikat fil-Ġabra, punti 4 u 5), jew meta jkun ċar li huwa ma jkunx għadu jista' jilħaq l-għan tiegħu (sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-13/03 P, Ġabra p. I-1113, punti 21 sa 23; digrieti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2002, Reisebank vs Il-Kummissjoni, C-477/01 P(R), Ġabra p. I-2117, punti 24 sa 28, u tas-27 ta' Frar 2002, Commerzbank vs Il-Kummissjoni, C-480/01 P(R), Ġabra p. I-2129, punti 23 sa 27). Kif ser nuri fis-segwenti, madankollu, hawnhekk l-ebda waħda minn dawn mhuwa l-każ.

48 — Bħala eżempju, ara s-sentenzi tal-14 ta' Settembru 1995, Henrichs vs Il-Kummissjoni, C-396/93 P, Ġabra p. I-2611, punt 66, tat-12 ta' Lulju 2001, is-sentenzi Il-Kummissjoni u Franza vs TF1, C-302/99 P u C-308/99 P, Ġabra p. I-5603, punt 31, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Freistaat Sachsen *et* vs Il-Kummissjoni, C-57/00 P u C-61/00 P, Ġabra p. I-9975, punt 124, u tas-26 ta' Mejju 2005, Tralli vs BĊE, C-301/02 P, Ġabra p. I-4071, punt 88.

ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Artikolu 20(1) RKK). Huwa biss wara li ssir din il-pubblikazzjoni [49], li sa issa għadha ma seħħitx, li t-terminu li fih terzi persuni jkunu jistgħu jikkontestawaha jibda jiddekorri [50]. Ġeneralment il-bidu tat-terminu li fih terzi persuni jistgħu jikkontestaw id-deċiżjoni jista' jitressaq'il quddiem biss jekk it-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni sħiħa tkun saret magħrufa b'mod ieħor lill-pubbliku fi żmien qabel, pereżempju permezz tal-internet u jkun sar riferiment xieraq għaliha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [51]. Għall-kuntrarju, is-sempliċi fatt illi d-diċitura tad-deċiżjoni setgħet b'xi mod inġiebet minn qabel għall-konoxxenza ta' terzi persuni individwali, b'mod speċifiku ta' Impala, fil-forma ta' verżjoni mhux kunfidenzjali, ma jaffettwax il-mument li fih jibda jiddekorri t-terminu li fih tista' tiġi kkontestata d-deċiżjoni [52] u għalhekk iż-żmien illi d-deċiżjoni tista' ssir finali [53].

83. Jekk kemm-il darba l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tannulla t-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni wkoll wara li ssir talba f'dan is-sens minn terza persuna, jerġa' jinħoloq mill-ġdid stat ta' inċertezza li fih l-impriżi parteċipanti ma jkollhomx approvazzjoni għall-konċentrazzjoni tagħhom taħt ir-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi. Tali sitwazzjoni ta' inċertezza li ddum għal numru ta' xhur jew saħansitra snin jista' jkollha effetti negattivi fuq l-impriżi parteċipanti u fuq is-swieq inġenerali.

84. Sabiex, sakemm huwa possibbli, jiġi evitat stat ta' inċertezza ieħor u sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi tiegħu, hija ta' importanza partikulari li l-appellanti jkomplu bl-appell preżenti u jiksbu deċiżjoni finali fuq il-legalità tal-*ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni* mill-iktar fis possibbli mill-Qrati Kommunitarji. Anki jekk, fil-każ li

49 — Għall-preċiżjoni, l-Artikolu 102(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza jiddisponi li t-termini għall-preżentata ta' rikors kontra att ta' istituzzjoni skont l-Artikolu 230(5) KE jibda jiddekorri minn tmiem l-erbatax-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Ċertament, dan jippreżupponi li l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-motivi għad-deċiżjoni tiġi ppubblikata kollha kemm hi fil-Ġurnal Uffiċjali, jew tal-inqas tkun disponibbli għall-pubbliku fl-istess ħin fuq l-internet. Jekk dan ma jkunx il-każ, it-terminu jibda jiddekorri biss meta r-rikorrent potenzjali jirċievi verżjoni kompluta, sakemm ma jkunx irċeviha diġà (f'dan is-sens ara s-sentenza tas-6 ta' Lulju 1988, Dillinger Hüttenwerke vs Il-Kummissjoni, 236/86, Ġabra p. 3761, punt 14).

50 — Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1999, Kneissl Dachstein Sportartikel vs Il-Kummissjoni, T-110/97, Ġabra p. II-2881, punti 41 u 42, u tas-6 ta' Ottubru 1999, Salomon vs Il-Kummissjoni, T-123/97, Ġabra p. II-2925, punti 42 u 43, kif ukoll id-digriet tal-25 ta' Mejju 2004, Schmoldt *et* vs Il-Kummissjoni, T-264/03, Ġabra p. II-1515, punti 51 sa 53 u 56.

51 — Sentenza tal-15 ta' Ġunju 2005, Olsen vs Il-Kummissjoni, T-17/02 Ġabra p. II-2031, punt 80, ikkonfermata bid-digriet tal-4 ta' Ottubru 2007 Olsen vs Il-Kummissjoni, C-320/05 P, Ġabra p. I-131, u d-digriet tad-19 ta' Settembru 2005, Air Bourbon vs Il-Kummissjoni, T-321/04, Ġabra p. II-3469, punti 34 u 37.

52 — Sentenza Olsen vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punt 81). F'dak li jirrigwarda n-natura sussidjarja taż-żmien li fih ir-rikorrent jikseb l-għarfien ta' deċiżjoni li teżiġi li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ara wkoll is-sentenzi tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-122/95, Ġabra p. I-973, punt 35, u tat-12 ta' Diċembru 2000, Alitalia vs Il-Kummissjoni, T-296/97, Ġabra p. II-3871, punt 61, kif ukoll id-digriet tal-11 ta' Diċembru 2006, MMT vs Il-Kummissjoni, T-392/05, Ġabra p. II-97, punt 25.

53 — Għall-finijiet ta' kompletezza biss, wieħed jista' jsemmi li notifikazzjoni (notifika) formali tad-deċiżjoni lil terza persuna li permezz tagħha jista' jibda jiddekorri t-terminu sabiex din tkun tista' tiġi kkontestata mhijiex relevanti. L-Artikolu 254(3) KE jipprovdi li d-deċiżjonijiet għandhom jiġu notifikati biss "'lil dawk li lilhom kienu ndirizzati'". Fil-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, dawk huma l-impriżi kkonċernati u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri; għall-kawżi futuri, ara l-Artikolu 8(8) tar-Regolament KE Nru 139/2004.

l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell, l-istat tal-proċeduri ma jippermettilhiex tagħti hija stess deċiżjoni finali fuq din il-kwisjtoni, u minflok ikollha tirrinvija l-każ lura lill-Qorti tal-Prim'Istanza (Artikolu 61(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja), ikun probabbli ħafna li d-deċiżjoni finali dwar il-legalità tal-*ewwel* deċiżjoni ta' approvazzjoni tingħata qabel dik dwar il-legalità tat-*tieni* approvazzjoni.

85. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rekwiżit għall-ħeffa li jikkaratterizza l-kontroll ta' konċentrazzjonjiet fuq il-livell Komunitarju[54] jiffavorixxi ugwalment il-prosegwiment ta' dan l-appell. B'dan il-mezz, huwa wkoll possibbli li jiġi evitat li rikorsi għal annullament imressqa minn terzi persuni jtawlu l-istat ta' inċertezza għall-impriżi parteċipanti fil-konċentrazzjoni għal iktar milli huwa meħtieġ.

86. Fit-totalità, jiena tal-fehma għaldaqstant illi f'dan il-mument id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ċertament tista' tagħti vantaġġ lill-appellanti u minn dan isegwi li huma għandhom interess suffiċjenti li jkomplu dan l-appell.

87. Għall-kuntrarju, jekk it-tieni deċiżjoni ta' approvazzjoni ssir finali wara l-għeluq tal-proċeduri orali iżda qabel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, skont l-informazzjoni li għandi bħalissa dan ikun ifisser li l-appellanti ma jibqax ikollhom interess. Mandankollu, f'dak l-istadju jien nemmen illi jkun meħtieġ illi l-partijiet jerġgħu jinstemgħu fuq il-kwistjoni tal-interess.

88. F'kull każ, ma nsibx konvinċenti l-idea li ssemmiet fil-qosor waqt is-seduta, illi dawn l-proċeduri jistgħu jitkomplew biss għar-raġuni li l-Kummissjoni ssostni wħud mill-aggravji sostnuti minn Bertelsmann u Sony. Il-korpi Kommunitarji għandhom status ipprivileġġjat fir-rigward ta' appelli li ressqu huma stess (Artikolu 56(2) u (3) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja), u b'mod partikolari m'għandhomx għalfejn jippruvaw interess f'appelli bħal dawn[55]. Madankollu, meta dak il-korp ma jkunx huwa stess l-appellant, iżda biss wieħed mill-partijiet l-oħra fil-proċeduri, is-sempliċi interess tiegħu fl-eżitu tal-appell u fil-kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' ċerti kwistjonijiet tad-dritt ma jistgħux jikkumpensaw għan-nuqqas ta' interess tal-appellant.

## V — Jekk l-appell huwiex fondat

89. L-appellanti jikkontestaw is-sentenza appellata permezz ta' total ta' seba' aggravji. Huma jqajmu kwistjonijiet legali ta' importanza fundamentali għas-sistema ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet fuq livell Komunitarju. Ċertament, dawn il-kwistjonijiet ta' dritt

54 — Ara l-punt 12 iktar 'il fuq.

55 — Sentenzi tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, Ġabra p. I-4125, punt 171, u tat-22 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs max.mobil, C-141/02 P, Ġabra p. I-1283, punt 48.

iqumu fir-rigward tar-Regolament l-"antik" dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi, iżda s-soluzzjonijiet għal dawn il-kwistjonijiet għadhom deċiżivi għar-Regolament KE dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (Regolament Nru 139/2004) kif abbozzat mill-ġdid għaliex mhemmx differenza sinjifikanti bejn iż-żewġ regolamenti fir-rigward tal-punti inkwistjoni f'dan il-każ.

90. Billi l-aggravji individwali jikkoinċidu inparti, huwa xieraq illi dawn jinġabru skont il-punti sostantivi li huma jirrelataw magħhom, u għaldaqstant li jiġu analizzati f'ordni differenti. Il-ħames aggravju biss ma għandux bżonn illi jiġi kkunsidrat ulterjorment u dan għaliex, kif digà semmejt, dan huwa inparti inammissibbli u inparti ineffettiv ("inopérant") [56].

A — *Il-portata tal-investigazzjoni u tal-ġustifikazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni fir-rigward ta' deċizjonijiet ta' approvazzjoni (l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt aggravju)*

91. L-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt aggravju jikkonċernaw b'mod partikolari x-xogħol illi trid tieħu l-Kummissjoni f'termini ta' investigazzjoni u għoti ta' raġunijiet meta tapprova konċentrazzjoni ta' impriżi.

92. Fis-sustanza, l-appellanti huma tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat rekwiżiti legali eċċessivi fir-rigward ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni u fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. F'dan ir-rigward, l-appellanti huma parzjalment sostnuti mill-Kummissjoni [57]. Impala, min-naħa l-oħra, tiddefendi s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

1. Ir-rekwiżit li jingħataw raġunijiet għad-deċiżjonijet ta' approvazzjoni ta' konċentrazzjoni (l-ewwel u t-tielet parti tas-sitt aggravju)

93. Nibda l-analiżi tiegħi bl-ewwel u t-tielet parti tas-sitt aggravju [58]. Hawnhekk, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat rekwiżiti żbaljati u eċċessivi fir-rigward tar-raġunijiet għal deċiżjonijiet ta' approvazzjoni ta' konċentrazzjoni tal-Kummissjoni.

94. Fl-ewwel lok għandu jiġi kkjarifikat jekk deċiżjonijiet ta' approvazzjoni

56 — Ara l-punti 50 sa 55 u 66 sa 71 iktar 'il fuq.

57 — Skont ir-risposta tagħha għall-appell, il-Kummissjoni ssostni l-ewwel u t-tieni aggravji, u l-ewwel parti tat-tielet aggravju.

58 — Safejn is-sitt aggravju jilmenta dwar ir-riferimenti li saru mill-Qorti tal-Prim'Istanza għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bħala żbalji ta' liġi (it-tieni parti tas-sitt aggravju), jiena neżaminah iktar 'l isfel flimkien mal-ewwel aggravju (ara l-punti 145 sa 183 ta' dawn il-konklużjoniejiet). Safejn is-sitt aggravju jikkonċerna r-rekwiżiti sostantivi ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni (ir-raba' parti tas-sitt aggravju), dan jikkoinċidi mat-tieni parti tat-tielet aggravju u mar-raba' aggravju u ser jiġi eżaminat flimkien magħhom (punti 201 sa 232, u punti 233 sa 268 ta' dawn il-konklużjoniejiet).

tal-Kummissjoni jistgħux jiġu annullati minħabba nuqqas ta' raġunijiet. Jekk dan huwa l-każ, għandna nanalizzaw il-portata tal-obbligu li jingħatw raġunijiet u jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza, għamlitx żbalji ta' liġi f'dan ir-rigward f'dan il-każ.

a) Jekk deċiżjonijiet ta' approvazzjoni jistgħux jiġu kkontestati minħabba nuqqas li jingħataw raġunijiet

95. L-appellanti huma tal-fehma li deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' konċentrazzjoni mill-Kummissjoni ma tista' f'ebda każ tiġi annullata minħabba raġunijiet insuffiċjenti.

96. Din l-opinjoni ma tikkonvinċinix.

97. L-Artikolu 253 KE jipprovdi li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jindikaw ir-raġunijiet illi jkunu bbażati fuqhom. Dan l-obbligu li jingħataw ir-raġunijiet huwa konsegwenza tar-regola tad-dritt u, flimkien mad-dritt għal amministrazzjoni tajba, huwa espress ukoll fl-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [59]. Dan l-obbligu huwa intiż mhux biss sabiex l-atti tal-istituzzjonijiet ikunu suġġetti għal stħarriġ indipendenti mill-Qrati Komunitarji, imma anki sabiex jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet jeżerċitaw awto-kontroll u sabiex joffru protezzjoni kontra miżuri li ma jkunux ġew ikkunsidrati jew maħsuba sew. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet fir-rigward ta' deċiżjonijiet tgħin ukoll sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-azzjoni amministrattiva [60].

98. L-obbligu li jingħataw ir-raġunijiet mhuwa bl-ebda mod limitat għad-deċiżjonijiet li jaffettwaw negattivament lid-destinatarji tagħhom. Il-prinċipji tar-regola tad-dritt u ta' amministrazzjoni tajba minflok jeħtieġu li raġunijiet jingħataw anki fil-każ ta' deċiżjonijiet illi jkunu ta' benefiċċju għad-destinatarji tagħhom. Dan japplika *a fortiori* fejn tali deċiżjonijiet jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv id-drittijiet u l-interessi ta' terzi persuni, b'mod partikolari fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni. Għaldaqstant, la l-Artikolu 253 KE u lanqas it-tielet paragrafu tal-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma jiddistingwu bejn deċiżjonijiet illi minnhom jibbenefikaw id-destinatarji rispettivi tagħhom u dawk illi jkunu ta' żvantaġġ għalihom. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, dan ifisser illi raġunijiet għandhom jingħataw fil-każ ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni daqs kemm għandhom jingħataw fil-każ ta' deċiżjonijiet ta' projbizzjoni.

99. Billi jmur kontra rekwiżit proċedurali essenzjali, ksur tal-obbligu li jingħataw raġunijiet jista' jiġi lmentat *inter alia* permezz ta' rikors għal annullament quddiem il-Qrati Komunitarji taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 230 KE.

59 — ĠU 2000, C 364, p. 1. Ċertament, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għad m'għandhiex effett ġuridiku vinkolanti bħal m'għandu d-dritt primarju, iżda bħala sors ta' riferiment ġuridiku titfa' dawl fuq id-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt Komunitarju; fuq dan il-punt ara s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt. 38, u l-punt 108 tal-konklużjonijiet tiegħi tat-8 ta' Settembru 2005 f'dik il-kawża kif ukoll is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet, C-432/05, Ġabra p. I-2771, punt 37.

60 — F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' trasparenza, ara wkoll l-Artikolu 1(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jipprovdi li fl-Unjoni Ewropea "id-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin".

100. L-Artikolu 10(6) RKK, li fuqu l-appellanti qegħdin jibbazaw ruħhom fil-każ preżenti, ma jipprovdi ebda eċċezzjoni għan-natura kkontestabbli ta' deċiżjonijiet minħabba ksur tal-obbligu li jingħataw raġunijiet. Jirriżulta sempliċiment mill-ġerarkija tar-regoli li d-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju ma jistgħux jirristrinġu l-portata tad-dritt primarju, inklużi l-Artikolu 230 KE u l-Artikolu 253 KE. Minflok, l-Artikolu 10(6) RKK għandu jiġi interpretat u applikat fid-dawl ta' dispożizzjonijiet li huma ta' importanza ogħla, b'mod partikolari l-Artikolu 230 KE u l-Artikolu 253 KE [61].

101. F'kull każ, l-introduzzjoni ta' eċċezzjoni għall-obbligu li jingħataw raġunijiet, jew anki ta' "imunità" tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni minn kontestazzjoni abbażi tan-nuqqas li jingħataw ir-raġunijiet, ma tkunux tikkorrispondi mad-diċitura jew mal-iskop u l-kuntest leġiżlattiv tal-Artikolu 10(6) RKK.

102. L-Artikolu 10(6) RKK jipprovdi li jkun meqjus illi jkun hemm approvazzjoni biss jekk il-Kummissjoni ma tiddeċidix fi żmien tajjeb dwar il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq komuni, li tkun ġiet notifikata lilha [62]. B'kuntrast, id-dispożizzjoni ma teżonerax lill-Kummissjoni mill-obbligu statutorju tagħha [63] li tagħmel konstatazzjoni espressa permezz ta' deċiżjoni mmotivata fir-rigward ta' kull konċentrazzjoni nnotifikata lilha [64]. Għall-kuntrarju, id-dispożizzjoni fiha rimedju fil-każ illi l-Kummissjoni ma' tissodisfax dan l-obbligu fit-terminu applikabbli.

103. Barra minn hekk, l-Artikolu 10(6) RKK huwa ċertament espressjoni tar-rekwiżit ta' ħeffa li jikkaratterizza l-proċedura kollha għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet. Flimkien mat-termini proċedurali stretti li jipprovdi dan l-Artikolu, din id-dispożizzjoni tgħin sabiex tinħoloq ċertezza legali kemm jista' jkun malajr u dan huwa għall-benefiċċju mhux biss tal-impriżi parteċipanti fil-konċentrazzjoni imma wkoll tas-swieq inġenerali.

104. Madankollu, il-bżonn leġittimu għal ċertezza legali ma jistax jasal sal-punt li jeskludi, kompletament jew parzjalment, id-deċiżjoni dwar konċentrazzjoni mill-istħarriġ tal-qrati. Huwa biss meta jiskadi t-terminu taħt l-Artikolu 230(5) KE għall-kontestazzjoni ta' approvazzjoni jew, pereżempju meta rikors għall-annullament ta' deċiżjoni jkun ġie miċħud, li l-approvazzjoni tal-konċentrazzjoni ssir finali u toħloq ċertezza legali definittiva għall-parteċipanti kollha.

61 — Skont ġurisprudenza stabbilita, dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju sekondarju għandha tiġi interpretata, sa fejn hu possibbli, b'mod li tkun kompatibbli mat-Trattat u mal-prinċipji fundamentali tad-dritt Komunitarju: sentenza tal-25 ta' Novembru 1986, Klensch *et*, 201/85 u 202/85, Ġabra p. 3477, punt 21, tas-27 ta' Jannar 1994, Herbrink, C-98/91, Ġabra p. I-223, punt 9, tal-1 ta' April 2004, Borgmann, C-1/02, Ġabra p. I-3219, punt 30, u tal-4 ta' Ottubru 2007, Schutzverband der Spirituosen-Industrie vs Diageo Deutschland, C-457/05, Ġabra p. I-8075, punt 22.

62 — F'dan il-każ, hemm *preżunzjoni* li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni (f'dak li jirrigwarda l-kunċett tal-preżunzjoni, ara wkoll l-Artikolu 7(1) u (5) RKK).

63 — Dan l-obbligu jirriżulta mill-Artikolu 6(1) RKK fir-rigward tal-fażi preliminari u mill-Artikolu 8(1) RKK fir-rigward tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

64 — Il-Kummissjoni ma jkollhiex dan l-obbligu biss meta l-konċentrazzjoni tiġi rriferuta lil awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni taħt l-Artikolu 9 RKK, ħlief għall-każijiet li fihom in-notifika hija rtirata għar-raġuni li l-intenzjoni li tiġi ffurmata konċentrazzjoni hija abbandunata.

105. Kuntrarjament għas-sottomissjonijiet tal-appellanti, l-Artikolu 10(6) RKK bl-ebda mod ma jitlef l-effettività prattika tiegħu ("effet utile") minħabba l-fatt biss li l-approvazzjoni — espressa jew preżunta — tibqa' suġġetta għal stħarriġ mill-qrati. Minflok, l-għotja imminenti ta' approvazzjoni preżunta fil-każ li t-terminu jiskadi ("l-effett giljottina") jippromwovi awtodixxiplina f'kull proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet trattata mill-Kummissjoni bħala l-awtorità għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, u dan sa livell li m'għandux jiġi sottovalutat [65]. Barra minn hekk, l-impriżi parteċipanti huma ħielsa li jimplementaw il-konċentrazzjoni tagħhom malli din tiġi approvata mill-Kummissjoni jew x'ħin din tkun meqjusa approvata [66]; skont l-informazzjoni pprovduta minnhom stess, l-appellanti tassew għamlu użu minn din il-possibbiltà fil-każ preżenti.

106. B'kollox, nikkonkudi li approvazzjoni ta' konċentrazzjoni — jew espliċita jew preżunta — tista' tiġi annullata abbażi ta' ksur tal-obbligu li jingħataw raġunijiet.

65 — Kif jidher s'issa, fl-istorja twila ta' kontroll Ewropew ta' konċentrazzjonijiet il-Kummissjoni naqset milli tosserva t-terminu proċedurali darba waħda biss, u f'dak il-każ, minħabba żball ta' kalkolu (sentenza IV/M.330 — McCormick/CPC/Rabobank/Ostmann); f'dan ir-rigwarda ara U. Von Koppenfels, f'*EU Competition Law*, Volum II, — *Mergers and Acquisitions* ((Ed. Drauz / Jones) Leuven 2006, paragrafu 6.27.

66 — Rikorsi għal annullament minn terzi persuni taħt l-Artikolu 242(1) KE ma'għandhomx effett sospensiv.

b) Il-portata tal-obbligu li jingħataw raġunijiet

107. Barra minn hekk l-appellanti huma tal-fehma li fil-kawża preżenti l-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta kkonstatat illi ma ngħatawx biżżejjed raġunijiet għall-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. Fil-fehma tagħhom, il-Qorti tal-Prim'Istanza b'hekk, marret l-kontra ġurisprudenza stabbilita tal-Qrati Komunitarji.

108. Fis-sustanza l-kontroversja tikkonċerna l-kwistjoni tal-livell tad-dettall li kellha tidħol fih il-Kummissjoni sabiex tiġġustifika l-konstatazzjoni tagħha fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni li s-suq ma kienx daqshekk trasparenti li jippermetti koordinazzjoni tal-prezzijiet [67].

109. Din il-konstatazzjoni kienet ta' relevanza għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li ma kienx hemm bażi suffiċjenti għal konstatazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva tal-ħames l-ikbar gruppi fis-swieq nazzjonali varji tal-mużika rreġistrata u li ma kienx probabbli li l-konċentrazzjoni kienet ser toħloq tali pożizzjoni dominanti kollettiva [68]. L-approvazzjoni tal-konċentrazzjoni kienet partikolarment ibbażata fuq din l-evalwazzjoni.

67 — Fuq dan il-punt, ara l-punti 278 sa 325, u b'mod partikolari l-punti 287 u 325 tas-sentenza appellata.

68 — Premessi 153, 158 u 183 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

— Is-sentenza appellata

110. Fis-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza stħarrġet diversi taqsimiet tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni sabiex tara jekk ipprovdewx ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-konstatazzjoni li s-suq ma kienx trasparenti, u f'kull każ iddeċidiet il-kwistjoni fin-negattiv.

111. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza analizzat it-taqsima tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni li kienet tikkonċerna l-kwistjoni tat-trasparenza tas-suq [69], u kkonstatat li l-Kummissjoni "ma kkonkludietx li s-suq kien opak jew mhux trasparenti biżżejjed sabiex jippermetti pożizzjoni dominanti kollettiva". Barra minn hekk, f'dik it-taqsima l-Kummissjoni semmiet "biss fatturi ta' natura li jagħtu lok għal trasparenza kbira fis-suq u li jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-osservanza ta' kollużjoni, bl-eċċezzjoni waħdanija tal-asserzjoni, ta' portata pjuttost limitata u mhux sostanzjata, li l-iskontijiet promozzjonali jistgħu jnaqqsu t-trasparenza u jirrendu l-kollużjoni taċita iktar diffiċli". Għaldaqstant, din it-taqsima speċifika tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni "ma tistax, waħedha, tiġi kkunsidrata li timmotiva suffiċjentement skont il-liġi l-asserzjoni li s-suq mhuwiex trasparenti biżżejjed" [70].

112. Il-Qorti tal-Prim'Istanza mbagħad dawret l-attenzjoni tagħha lejn il-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar "politika ta' prezz komuni [71]" eventwali bejn il-ħames majors [72], u bl-istess mod stħarrġet jekk kienx hemm fatturi suffiċjenti sabiex jiġi ppruvat l-allegat nuqqas ta' trasparenza tas-suq [73]. F'dan ir-rigward hija kkunsidrat kemm l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-prezzijiet tal-katalogu kif ukoll dik illi tirrigwarda l-iskontijiet fil-prezz (skontijiet ordinarji u skontijiet promozzjonali). F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat l-ewwel nett, li, "skont it-termini stess tad-deċiżjoni, il-prezzijiet tal-katalogu […] jikkostitwixxu fattur ta' trasparenza tas-suq" [74]. It-tieni nett, "il-ftit affermazzjonijiet relattivi għall-iskontijiet promozzjonali […] peress li huma impreċiżi, mhux sostanzjati, jew saħansitra kontradetti minn osservazzjonijiet oħra li jinsabu fid-Deċiżjoni, ma jistgħux juru l-opaċità tas-suq u lanqas tal-iskontijiet promozzjonali […]" [75]. Finalment "lanqas it-taqsima relattiva għall-pajjiżi ż-żgħar ma tinkludi motivazzjoni tal-konstatazzjoni li s-suq mhuwiex trasparenti minħabba l-iskontijiet promozzjonali" [76].

113. Speċifikament fir-rigward ta' skontijiet promozzjonali li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuqhom, il-Qorti tal-Prim'Istanza ħasset illi kien hemm nuqqas ta' konstatazzjonijiet iktar

69 — Premessi 111 sa 113 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

70 — Punt 294 tas-sentenza appellata.

71 — It-traduzzjoni Ġermaniża tal-premessa 69 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni mhijiex preċiża f'dan ir-rigward, peress illi tuża l-kelma "Preisabsprachen" għall-frażi "politika ta' prezz komuni".

72 — Il-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni tidher essenzjalment fil-premessi 74 sa 80 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, u l-Qorti tal-Prim'Istanza stħarrġet l-informazzjoni pprovduta hemmhekk fir-rigward tas-sitwazzjoni fir-Renju Unit bħala li tirrappreżenta r-raġunijiet għad-deċiżjoni inġenerali.

73 — Punti 295 sa 324 tas-sentenza appellata.

74 — Punt 303 tas-sentenza appellata.

75 — Punt 320 tas-sentenza appellata.

76 — Punt 324 tas-sentenza appellata.

speċifiċi fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni f'dak illi jirrigwarda "in-natura tal-iskontijiet promozzjonali, iċ-ċirkustanzi li fihom dawn l-iskontijiet jistgħu jiġu applikati, il-grad ta' opaċità tagħhom, il-kobor tagħhom jew l-impatt tagħhom fuq it-trasparenza tal-prezzijiet" [77]. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkritikat ukoll li "dawn id-dikjarazzjonijiet [mill-Kummissjoni fir-rigward ta' skontijiet promozzjonali f'pajjiżi ikbar] huma limitati għall-indikazzjoni li l-iskontijiet promozzjonali huma anqas trasparenti mill-iskontijiet ordinarji iżda ma jispjegawx kif huma jistgħu jkunu rilevanti għat-trasparenza tas-suq u ma jippermettux li jiġi mifhum kif huma jistgħu, fihom innifishom, jikkumpensaw għall-fatturi l-oħra kollha ta' trasparenza tas-suq identifikati fid-deċiżjoni u b'hekk jeliminaw it-trasparenza neċessarja għall-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva" [78].

— Analiżi

114. Fl-appell, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha stess tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni b'dik tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għalfejn tistħarreġ u tevalwa jekk ir-raġunijiet għad-deċiżjoni ta' approvazzjoni kinux inadegwati jew suffiċjenti. Minflok, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza min-naħa tagħha għamlitx xi żbalji ta' liġi fis-sentenza appellata meta hija stħarrġet ir-raġunijiet li ngħataw għall-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u partikolarment jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażatx l-istħarriġ tagħha fuq kriterji korretti jew eċċessivament stretti.

77 — L-aħħar sentenza tal-punt 289 tas-sentenza appellata.

78 — L-aħħar sentenza tal-punt 320 tas-sentenza appellata.

115. Kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, id-dikjarazzjoni tar- raġunijiet meħtieġa mill-Artikolu 253 KE għandha tkun adatta għall-miżura inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament segwit mill-istituzzjoni li tkun adottat il-miżura b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjoni tal-miżura adottata u lill-qorti Komunitarja kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha [79].

116. Ir-rekwiżiti li għandhom ikunu sodisfatti bid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet jiddependu fuq iċ-ċirkustanzi ta' kull każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-miżura inkwistjoni, in-natura tar-raġunijiet li ngħataw u l-interess li d-destinatarji tal-miżura, jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment minnha jista' jkollhom biex jirċievu spjegazzjoni. Mhuwiex meħtieġ li r-raġunijiet jispeċifikaw l-elementi kollha rilevanti ta' fatt u ta' dritt, peress illi l-kwistjoni dwar jekk id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 għandha tiġi evalwata mhux biss b'riferiment għall-kliem użat fih, iżda wkoll għall-kuntest tiegħu u għar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-kwistjoni [80].

117. Il-karatteristiċi partikolari ta' proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet jinkludu l-element taż-żmien illi

79 — Bħala eżempju, ara s-sentenzi tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63, sentenzi maqgħuda tal-24 ta' Novembru 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-138/03, C-324/03 u C-431/03, Ġabra p. I-10043, punt 54, u Sison vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, punt 80).

80 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 79, punt 63), L-Italja vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 79, punt 55), u Sison vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34, punt 80).

l-Kummisjoni hija suġġetta għalih minħabba r-rekwiżit tal-ħeffa li japplika f'dak il-kuntest u t-termini proċedurali stretti [81]. Barra minn hekk, fl-għoti ta' raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni l-Kummissjoni tista' torjenta ruħha billi tirreferi għall-grad ta' diffikultà tal-każ partikolari, u billi tagħmel hekk tassumi l-għarfien ta' partiċipanti fis-suq informati li huma familjari maċ-ċirkostanzi tas-suq [82]; dan japplika *a fortiori* għal kawżi li jirrigwardaw id-drittijiet u l-interessi tal-parteċipanti fis-suq li, bħal Impala fil-każ preżenti, ipparteċipaw fil-proċeduri [83]. L-appellanti korrettement irrreferew għal dawn iż-żewġ punti.

118. Għaldaqstant, kjarament ma jistax jiġi meħtieġ illi, f'deċiżjoni dwar konċentrazzjoni nnotifikata lilha, il-Kummissjoni tiddefinixxi l-pożizzjoni tagħha fuq kwisjtonijiet illi huma manifestament irrelevanti jew insinjifikanti jew sempliċiment ta' importanza sekondarja [84]. L-ovvju m'għandux għalfejn jissemma' espressament fid-deċiżjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni m'għandhiex għalfejn tipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha iktar iddettaljati minn dak illi huwa xieraq b'rigward għall-grad ta' diffikultà tal-kawża partikolari, jew minn dak li jidher li huwa assolutament neċessarju mil-lat ta' parteċipant fis-suq informat u familjari maċ-ċirkostanzi tas-suq.

119. Għall-inqas il-kunsiderazzjonijiet fattwali u legali li huma ta' importanza deċiżiva fil-kuntest tad-deċiżjoni għandhom dejjem ikunu jistgħu jiġu miftehma mir-raġunijiet mogħtija [85]. Għaldaqstant, ir-raġunijiet mogħtija m'għandhomx ikunu tant lakonici li jqiegħdu fil-perikolu ċ-ċarezza u l-perżważjoni tagħhom [86]. Barra minn hekk dawn għandhom ikunu loġiċi [87] u m'għandux ikollhom ebda inkonsistenzi interni [88].

120. Fil-kawża preżenti l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li r-raġunijiet mogħtija ma kinux persważivi, komprensibbli u nieqsa minn inkonsistenzi.

121. Sostanzjalment, dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza sabet inadegwat kien żbilanċ fir-raġunijiet mogħtija għall-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni: din kien fiha lista' ta' fatturi li jtendu *lejn* l-eżistenza ta' suq trasparenti u spjegat dawn fid-dettall [89]; iżda b'kuntrast, fir-rigward tal-fattur tal-iskontijiet

81 — Għal dak li jirrigwarda l-influwenza tal-kundizzjonijiet temporali li fihom tingħata deċiżjoni fuq l-obbligu li jingħataw raġunijiet, ara s-sentenzi tal-1 ta' Diċembru 1965, Schwarze, 16/65, Ġabra p. 1081, 1167; tal-14 ta' Frar 1990, Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, C-350/88, Ġabra p. I-395, punt 16, u Verband der freien Rohrwerke *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 186).

82 — F'dan is-sens ara s-sentenzi maqgħuda tat-28 ta' Ottubru 1981, Krupp Stahl vs Il-Kummissjoni, 275/80 u 24/81, Ġabra p. 2489, punt 13, u f'dak li jirrigwarda l-politika tal-midja, is-sentenzi maqgħuda tad-19 ta' Frar 1998, DIR International Film *et* vs Il-Kummissjoni, T-369/94 u T-85/95, Ġabra p. II-357, punti 119 sa 121.

83 — Sentenzi tas-7 ta' April 1987, SISMA vs Il-Kummissjoni, 32/86, Ġabra p. 1645, punt 9, u tat-22 ta' Ottubru 1996, Skibsværftsforeningen *et* vs Il-Kummissjoni, T-266/94, Ġabra p. II-1399, punt 239.

84 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 79, punt 64, l-aħħar sentenza); ara wkoll is-sentenzi maqgħuda tal-25 ta' Ottubru 2005, Il-Ġermanja u Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, "Feta" C-465/02 u C-466/02, Ġabra p. I-9115, punt 106, u Verband der freien Rohrwerke *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 186, l-aħħar sentenza).

85 — Sentenza tal-21 ta' Marzu 1955, L-Olanda vs L-Awtorità Għolja, 6/54, Ġabra p. 201, 215, 232, tal-4 ta' Lulju 1963, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, 24/62 Ġabra p. 131, 143, tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni, 41/69 Ġabra p. 661, punt 78, u ta1-21 ta' Marzu 2001, Métropole télévision vs Il-Kummissjoni, T-206/99, Ġabra p. II-1057, punt 44, l-aħħar sentenza.

86 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 85, p. 143).

87 — Sentenza ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 85, punt 78).

88 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 85, p. 144) u tas-7 ta' Lulju 1981, Rewe 158/80, Ġabra p. 1805, punt 26.

89 — Ara pereżempju l-punti 294, 303, 319, 320 (it-tieni sentenza) u 321 (l-aħħar sentenza) tas-sentenza appellata.

promozzjonali, li allegatament jimmilitaw *kontra* l-eżistenza ta' trasparenza tas-suq suffiċjenti, din għamlet biss allegazzjonijiet vagi [90]. Ma kien hemm l-ebda spjegazzoni dwar l-għaliex l-iskontijiet promozzjonali kienu relevanti għat-trasparenza tas-suq, u ma kienx evidenti kif skontijiet promozzjonali meħudin waħedhom kienu jisbqu l-fatturi l-oħra kollha li jirrigwardaw it-trasparenza tas-suq elenkati fid-deċiżjoni u għalhekk setgħu jeskludu t-trasparenza meħtieġa sabiex ikun hemm pożizzjoni dominanti kollettiva [91]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza rreferiet għal inkonsistenzi interni fir-raġunijiet mogħtija għad-deċiżjoni [92].

122. Jiena naqbel mal-Qorti tal-Prim'Istanza li, f'deċiżjoni fejn il-Kummissjoni tkun inizjalment iddeskrivit fid-dettall il-lista ta' fatturi li jtendu *lejn* l-eżistenza ta' trasparenza tas-suq, il-Kummissjoni ma tistax tipproċedi abbażi tal-fatt illi hemm nuqqas ta' trasparenza tas-suq mingħajr ma tagħti raġunijiet iktar iddettaljati għal dan. Jekk hemm fattur wieħed biss li tajjeb li jissemma' — fil-każ preżenti, skontijiet promozzjonali — li jimmilita *kontra* l-eżistenza ta' transparenza tas-suq suffiċjenti u għalhekk konstatazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, huwa neċessarju li jiġi spjegat f'iktar dettall kif dan il-fattur jaffettwa s-suq u safejn eżattament dan il-fattur jista' jisboq il-fatturi l-oħra kollha li jindikaw lejn l-eżistenza ta' trasparenza tas-suq.

123. B'mod partikolari, mhuwiex biżżejjed illi jiġi spjegat illi fattur partikolari jwassal jew *jista' jwassal* għal trasparenza *inqas* tas-suq; minnflok, huwa meħtieġ għall-inqas illi jiġi spjegat għaliex eżattament dan il-fattur irendi s-suq daqshekk opak illi ma jkunx possibli li ssir konstatazzjoni dwar pożizzjoni dominanti kollettiva. Altrimenti, ir-raġunijiet għad-deċizjoni huma nieqsa mill-persważjoni meħtieġa u mhumiex komprensibbli. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament irreferiet preċiżament għal dan fis-sentenza appellata [93].

124. Fi kliem sempliċi, f'deċiżjoni dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet li fil-biċċa l-kbira tkun qisha deċizjoni ta' projbizzjoni, huwa essenzjali li tingħata spjegazzjoni preċiża biżżejjed tal-kunsiderazzjonijiet li fuqhom il-kwistjoni finalment iddur, anki għal qarrejja informati li huma familjari mas-suq.

125. In-nuqqasijiet li kkonstatat il-Qorti tal-Prim'Istanza fir-raġunijiet mogħtija huma ta' gravità akbar peress illi l-kwistjoni tat-trasparenza tas-suq, li kienet ikkontestata mill-partijiet, ma kinitx sempliċiment kwistjoni sussidjarja iżda kienet ta' importanza kbira għar-riżultat tal-proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet [94]. Dan għaliex il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li s-suq ma kienx trasparenti biżżejjed sabiex jippermetti l-koordinazzjoni tal-prezzijiet kienet raġuni prinċipali li fuqha hija bbażat ruħha

90 — L-aħħar sentenza tal-punt 289 tas-sentenza appellata.

91 — It-tieni sentenza tal-punt 320 tas-sentenza appellata; fl-istess sens ara l-aħħar sentenza tal-punt 289 tas-sentenza appellata.

92 — L-ewwel sentenza tal-punt 320 tas-sentenza appellata.

93 — Għal darba oħra, ara b'mod partikolari l-aħħar sentenza tal-punti 289, 294 u 320 tas-sentenza appellata.

94 — Dan il-punt jiddistingwi din il-kawża mill-kawża Kaysersberg vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 159 u 160), li fiha l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet tal-fehma li l-inadegwatezza lmentata tar-raġunijiet mogħtija ma kinitx tinvolvi parti fundamentali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

għall-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni[95]. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament imponiet rekwiżiti għolja fuq ir-raġunijiet mogħtija għall-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u s-suġġettat dawk ir-raġunijiet għal stħarriġ intensiv.

126. Rekwiżiti għoljin kienu wkoll iġġustifikati hawnhekk peress li fir-rigward tat-trasparenza tas-suq, il-Kummissjoni kienet obbligata tanalizza sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, li fihom hija kienet tgawdi marġni ta' diskrezzjoni li mhuwiex wieħed li m'għandux jingħata każu, kif huwa komuni fil-qasam tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet[96]. Madankollu, meta l-Kummissjoni jkollha tali marġni ta' diskrezzjoni, l-osservanza tal-garanziji mogħtija mill-ordni ġuridiku Komunitarju fi proċeduri amministrattivi tikseb importanza ikbar. Dawn il-garanziji jinkludu wkoll l-obbligu li jingħataw raġunijiet sufficjenti għal deċiżjoni[97].

127. Jekk, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha, il-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni fatturi li jinfluwenzaw il-funzjonament tas-suq, hija għandha mhux biss tidentifika dawn il-fatturi fid-deċiżjoni tagħha imma għandha wkoll tiddikjara l-effetti tagħhom[98].

128. Din il-kunsiderazzjoni tista' tiġi applikata għall-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni u tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet. Jekk, fl-evalwazzjoni tagħha tal-effett ta' konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tagħti importanza partikolari lil ċerti fatturi li huma rilevanti għas-suq, hija għandha mhux biss tidentifika dawn il-fatturi fid-deċiżjoni tagħha iżda għandha wkoll tiddeskrivi, b'mod sufficjentement preċiż, l-effetti tagħhom fuq il-funzjonament tas-swieq inkwistjoni.

129. F'sitwazzjoni fejn il-fatturi l-oħra kollha jtendu lejn it-trasparenza tas-suq, il-fattur li, fil-fehma tal-Kummissjoni, jimmilita deċiżivament *kontra* t-trasparenza sufficjenti tas-suq ma jistax sempliċiment jissemma mingħajr spjegazzjoni ulterjuri. Bħalma tenfasizza ġustament il-Qorti tal-Prim'Istanza, dak li minflok huwa meħtieġ huwa li l-Kummissjoni tissostanzja l-effetti ta' dan il-fattur fid-deċiżjoni tagħha b'dettalji speċifiċi[99]; hija ma tistax sempliċiment tistrieħ fuq is-suppożizzjoni, li ġiet espressa b'mod eżitanti, li "dan il-fattur *jista'* jnaqqas it-trasparenza fis-suq u jagħmel kollużjoni taċita iktar diffiċli"[100], u daqshekk ftit ukoll fuq is-sempliċi konġettura li "jidher, madankollu, li l-iskontijiet promozzjonali

95 — Ara l-punti 286 u 289 tas-sentenza appellata, fejn — skont l-opinjoni espressa mill-Kummissjoni fil-proċeduri fl-ewwel istanza — "it-trasparenza hija, f'dan il-każ, il-motiv essenzjali, tabilħaqq l-uniku wieħed, li fuqu tistrieħ l-asserzjoni li mhemmx pożizzjoni dominanti kollettiva fis-swieq tal-mużika rreġistrata" (punt 289).

96 — Sentenzi "Kali & Salz" (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 223), u tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03, Ġabra p. I-987, punt 38; ara wkoll is-sentenzi Gencor vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 246), u s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2005, General Electric vs Il-Kummissjoni, T-210/01, Ġabra p. II-5575, punt 60.

97 — Sentenzi tal-20 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, Ġabra p. I-5469, punt 14, sentenzi maqgħuda tas-7 ta' Mejju 1992, Pesquerias De Bermeo u Naviera Laida vs Il-Kummissjoni, C-258/90 u C-259/90, Ġabra p. I-2901, punt 26, u tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing, C-525/04 P, Ġabra p. I-9947, punt 58. Ara wkoll is-sentenzi maqgħuda tal-15 ta' Lulju 1960, Präsident Ruhrkohlen-Verkaufsgesellschaft *et* vs L-Awtorità Għolja (36/59 sa 38/59 u 40/59, Ġabra p. 857, 891).

98 — F'dan is-sens, eżempju mill-qasam tal-politika tal-agrikoltura huwa s-sentenza tas-7 ta' April 1992, Compagnia italiana alcool vs Il-Kummissjoni, C-358/90, Ġabra p. I-2457, punt 42.

99 — L-aħħar sentenza tal-punt 289 tas-sentenza appellata.

100 — Dwar dan il-punt ara l-premessa 111 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, iċċitata fil-punt 289 tas-sentenza appellata (enfasi miżjuda).

huma anqas trasparenti mill-iskontijiet ordinarji" [101].

130. B'kollox, il-Qorti tal-Prim'Istanza għaldaqstant ġustament iddeċidiet li l-Kummissjoni ma messhiex illimitat ruħha għal "asserzjonijiet vagi" [102] fir-rigward tal-fatturi li kienu deċiżivi għad-deċiżjoni tagħha, li kienu "mhux sostanzjati", "ta' portata pjuttost limitata" [103] u saħansitra internament kontradetti [104].

131. F'dan l-isfond, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma għamlet ebda żball ta' liġi meta kkonstatat li l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni ma tatx raġunijiet suffiċjenti fir-rigward tal-konstatazzjoni tal-Kummissjoni relatata mat-trasparenza tas-suq (insuffiċjenti) [105].

c) Kunsiderazzjonijiet oħra

132. Għal raġunijiet ta' kompletezza, fil-punti li ġejjin ser nikkunsidra xi argumenti oħra li ressqu l-appellanti fis-sitt aggravju tagħhom.

101 — Dwar dan il-punt ara l-premessa 80 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, iċċitata fil-punti 315 u 316 tas-sentenza appellata (enfasi miżjuda).

102 — L-aħħar sentenza tal-punt 289 tas-sentenza appellata.

103 — Punt 294 tas-sentenza appellata.

104 — Punt 320 tas-sentenza appellata.

105 — Punt 325 tas-sentenza appellata.

133. L-ewwel nett, l-appellanti jsostnu li għandhom jiġu imposti rekwiżiti inqas stretti fir-rigward tar-raġunijiet ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni milli fir-rigward ta' deċiżjoni ta' projbizzjoni, għaliex il-pożizzjoni iktar dgħajfa ta' terzi persuni fil-proċedura tfisser li huma ma jistgħux jippretendu l-istess livell ta' preċiżjoni fir-raġunijiet kif jistgħu jippretendu l-partijiet fil-konċentrazzjoni fil-każ ta' rifjut.

134. Dan l-argument mhuwiex konvinċenti. La l-Artikolu 253 KE u lanqas it-tielet inċiż tal-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma jagħmel distinzjoni bejn deċiżjonijiet li jkunu ta' benefiċċju għad-destinatarji rispettivi tagħhom u dawk li jkunu ta' żvantaġġ għalihom fir-rigward tar-rekwiżit li jingħataw raġunijiet.

135. Fi kwalunkwe każ, meta terza persuna ġiet inkluża fi proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet u ġiet mismugħa formalment mill-Kummissjoni — kif kien il-każ ta' Impala hawnhekk — l-obbligu li jingħataw raġunijiet huwa intiż ukoll biex jipproteġi d-drittijiet u l-interessi tagħha. It-terza persuna tista' tippretendi tal-inqas raġunijiet persważivi, komprensibbli u internament konsistenti fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet fattwali u legali li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża d-deċiżjoni ta' approvazzjoni tagħha. Huma preċiżament dawn ir-rekwiżiti minimi li huma s-suġġett ta' din il-kawża [106].

106 — Ara, iktar 'il fuq, il-punt 119 *et seq.*

136. Ċertament, huwa korrett li l-pożizzjoni proċedurali ta' terzi persuni f'kontroll ta' konċentrazzjonijiet *fir-rigward tad-dritt għas-smigħ tagħhom* hija iktar dgħajfa minn dik ta' partijiet fil-konċentrazzjoni [107]. Madankollu, minn dan ma jistax jiġi konkluż li terza persuna hija suġġetta wkoll għal restrizzjonijiet *meta tkun qed tikkontesta deċiżjoni minħabba raġunijiet insuffiċjenti*. Dan huwa għaliex persuna li, minħabba li hija direttament u individwalment ikkonċernata, tista' tegħleb l-ostaklu ta' interess li tressaq proċeduri bħala terza persuna għandha tkun tista' tressaq proċeduri taħt l-istess kundizzjonijiet bħar-rikorrenti l-oħra kollha (Artikolu 230(4) KE); hija għandha tkun tista' tibbaża ruħha fuq l-istess motivi ta' invalidità bħalhom, inkluż dak ta' raġunijiet insuffiċjenti.

137. Fit-tieni lok, l-appellanti jsostnu li f'dan il-każ kemm Impala u kif ukoll il-Qorti tal-Prim'Istanza kienu faċilment fehmu r-raġunijiet għall-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. Minn dan huma jikkonkludu li d-deċiżjoni kien fiha raġunijiet suffiċjenti.

138. Dan l-argument huwa wkoll irrilevanti. Il-fatt li r-rikorrent seta' jressaq b'mod suffiċjentement ċar l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza jista' jikkostitwixxi fattur inizjali li jtendi lejn il-konklużjoni li ngħataw raġunijiet adegwati [108]. Madankollu, dan ma jistax jitqies bħala iktar minn preżunzjoni li tista' tiġi kkontestata.

139. B'mod speċifiku, il-fatt jekk dikjarazzjoni tar-raġunijiet tissodisfax ir-rekwiżiti legali tal-Artikolu 253 KE fl-aħħar mill-aħħar jiddependi fuq kriterji oġġettivi, inkluż b'mod partikolari jekk il-kunsiderazzjonijiet essenzjali fattwali u legali humiex loġiċi, komprensibbli u nieqsa minn kontradizzjonijiet [109]. Jekk, bħal f'dan il-każ, dikjarazzjoni tar-raġunijiet mhijiex loġika, komprensibbli u nieqsa minn kontradizzjonijiet fuq kwistjoni essenzjali, id-deċiżjoni inkwistjoni għandha tiġi annullata anki jekk id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent ma ġewx ippreġudikati fir-rigward tal-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu. Altrimenti, fil-prattika jkun impossibbli għal rikorrent f'rikors għal annullament li jirnexxi abbażi tal-fatt li r-raġunijiet kienu insuffiċjenti filwaqt li jqajjem motivi oħra ta' invalidità.

140. Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-appellanti, huwa inċidentalment bl-ebda mod kontradittorju li l-Qorti tal-Prim'Istanza f'din il-kawża kkonstatat fl-istess ħin li r-raġunijiet mogħtija kienu insuffiċjenti u li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni. Deċiżjoni mill-Kummissjoni tista' tkun ivvizzjata kemm bi żbalji proċedurali kif ukoll b'dawk sostantivi. Il-fatt li r-raġunijiet mogħtija għal deċiżjoni — pereżempju għax mhijiex loġika — huma insuffiċjenti ma jipprekludix il-possibbiltà li l-istess deċiżjoni hija wkoll sostantivament żbaljata.

141. Fit-tielet lok, l-appellanti jsostnu li, meta jiġu stabbiliti rekwiżiti fir-rigward tar-raġunijiet li għandhom jingħataw f'deċiżjoni ta' kontroll ta' konċentrazzjoni, għandha tiġi kkunsidrata l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva. B'hekk, fil-fehma tagħhom, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' liġi meta fil-punt 411 tas-sentenza appellata hija eżiġiet

107 — Sentenza Kaysersberg vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 105).

108 — F'dan is-sens ara s-sentenza tal-10 ta' Marzu 2005, Spanja vs Il-Kunsill, C-342/03, Ġabra p. I-1975, punt 59 u Kaysersberg vs Il-Kummisjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 160).

109 — Ara, iktar 'il fuq, il-punt 119.

lill-Kummissjoni tippubblika dettalji tal-politika tal-prezzijiet u tal-iskontijiet tal-majors l-oħra.

142. Dan l-argument ukoll ma tantx huwa konvinċenti. Dan huwa bla dubju ta' xejn ibbażat fuq ftehim ħażin tal-punt 411 tas-sentenza appellata. F'dak il-punt il-Qorti tal-Prim'Istanza bl-ebda mod ma eżiġiet lill-Kummissjoni tiżvela sigrieti kummerċjali ta' parteċipanti individwali fis-suq. Hija sempliċiment — u ġustament — ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni li minħabba n-natura kunfidenzjali tagħhom ċerti ċifri ma setgħux bl-ebda mod jiġu inklużi fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. Dan minħabba li l-obbligu tas-sigriet professjonali (Artikolu 287 KE) ma jistax jiġi interpretat b'mod daqshekk wiesa' li jippreġudika r-rekwiżit li jingħataw raġunijiet għal deċiżjoni [110].

143. Safejn ċifri jinkludu sigrieti kummerċjali, il-prattika preżenti tal-Kummissjoni fid-dritt tal-kompetizzjoni hija li tissostitwixxi tali ċifri fid-deċiżjoni tagħha b'firxa ta' ċifri, jew inkella tagħmel sunt tagħhom jew tiddeskrivihom. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament tirrimarka [111], li f'partijiet oħra fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni tagħha l-Kummissjoni tassew ipprovdiet informazzjoni, inklużi ċifri, dwar il-politika tal-prezzijiet ta' parteċipanti individwali fis-suq [112].

110 — Sentenza tat-13 ta' Marzu 1985, L-Olanda u Leeuwarder Papierwarenfabriek vs Il-Kummissjoni (296/82 u 318/82, Ġabra p. 809, punt 27).

111 — Punt 413 tas-sentenza appellata.

112 — Fuq dan il-punt ara pereżempju l-premessi 74, 81, 88, 95 u 102 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

d) Konklużjoni provviżorja

144. B'kollox jirriżulta li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqet ebda żbalji ta' liġi meta fil-punti 325 u 542 tas-sentenza appellata kkonkludiet li ma ngħatawx raġunijiet suffiċjenti għall-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, li għal dik ir-raġuni, kellha tiġi annullata. Għaldaqstant, l-ewwel u t-tielet parti tas-sitt aggravju huma infondati.

2. Ir-referenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (l-ewwel aggravju u t-tieni parti tas-sitt aggravju)

145. Fl-ewwel aggravju u fit-tieni parti tas-sitt aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza użat b'mod żbaljat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bħala kriterju ta' bażi għall-evalwazzjoni sostantiva tagħha tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u b'mod żbaljat eżiġiet li l-Kummissjoni tiġġustifika xi diverġenzi mill-oġġezzjonijiet fid-deċiżjoni tagħha.

146. Mhuwiex ikkontestat li s-sentenza appellata fiha diversi referenzi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-parti li jmiss ser nanalizza l-approċċ inġenerali tal-Qorti tal-Prim'Istanza għar-relazzjoni bejn id-deċiżjoni ta' approvazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u sussegwentement, fit-tieni lok, ser nanalizza f'iktar dettall ir-referenzi speċifiċi li l-Qorti

tal-Prim'Istanza għamlet għal siltiet individwali fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

a) L-approċċ inġenerali tal-Qorti tal-Prim'Istanza għar-relazzjoni bejn id-deċiżjoni ta' approvazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet

147. L-appellanti, sostnuti mill-Kummissjoni, joġġezzjonaw b'mod ġenerali għad-diskussjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fuq ir-relazzjoni bejn id-deċiżjoni ta' approvazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-fehma tagħhom il-Qorti tal-Prim'Istanza fehmet ħażin in-natura u l-funzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u dan "influwenza" il-bqija tas-sentenza.

— Is-sentenza appellata

148. Fl-eżerċizzju tal-analiżi tal-ilment fuq il-fatt li ma ngħatawx raġunijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza, bħala osservazzjoni preliminari, reġgħet semmiet li "il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet b'mod enfatiku li l-konċentrazzjoni kienet inkompatibbli mas-suq komuni għar-raġuni li, b'mod partikolari, kienet teżisti pożizzjoni dominanti kollettiva preċedentement għall-konċentrazzjoni proposta u li s-suq tal-mużika rreġistrata kien trasparenti ħafna u partikolarment adattat għall-koordinazzjoni" [113].

149. L-approvazzjoni finali tal-konċentrazzjoni kienet deskritta mill-Qorti tal-Prim'Istanza bħala "bidla fundamentali fil-pożizzjoni tal-Kummissjoni" li kienet "sorprendenti, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li seħħet fi stadju tardiv" [114]; barra minn hekk, sar riferiment għar-rekwiżit li jiġu osservati t-termini obbligatorji fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, li, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, "ma tippermettix [lill-Kummissjoni] ittawwal l-investigazzjoni tagħha, ħaġa li tagħmilha anqas u anqas probabbli li l-Kummissjoni tbiddel fundamentalment il-pożizzjoni tagħha iktar ma tavanza l-proċedura amministrattiva" [115].

— Analiżi

150. Bħalma jiġri fil-proċeduri antitrust, fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet huwa essenzjali li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża qabel ma tittieħed deċiżjoni li tista' taffettwa ħażin lill-impriżi kkonċernati [116].

151. Id-drittijiet tad-difiża jinkludu b'mod partikolari l-prinċipju tad-dritt għas-smigħ, li huwa prinċipju fundamentali tad-

113 — Punt 282 tas-sentenza appellata.

114 — Punti 282 u 283 tas-sentenza appellata.

115 — Punt 285 tas-sentenza appellata.

116 — Sentenza tal-4 ta' Marzu 1999, Assicurazioni Generali u Unicredito vs Il-Kummissjoni (T-87/96, Ġabra p. II-203, punt 88).

dritt Komunitarju[117] u li issa huwa rikonoxxut ukoll fl-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Barra minn hekk, fir-rigward ta' proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet dan il-prinċipju huwa stabbilit fil-liġi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 18(3) RKK.

152. Il-fatt li fi proċeduri antitrust u fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet l-impriżi kkonċernati jingħataw dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bil-miktub[118] huwa r-riżultat tad-dritt għas-smigħ tagħhom. Id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tippermettilhom isiru jafu l-provi li minnhom tiddisponi l-Kummissjoni u jagħtu lid-drittijiet tad-difiża effettività sħiħa[119]. Huma jingħataw l-opportunità li jagħmlu sottomissjonijiet fuq l-oġġezzjonijiet bil-miktub u orlament jekk jagħmlu talba f'das-sens li tkun iġġustifikata[120]. Barra minn hekk, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 18(3) RKK tagħmilha ċara li l-Kummissjoni tista' tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

153. Mill-funzjoni tagħha fi proċeduri amministrattivi jirriżulta li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet hija dokument preparatorju li fih konklużjonijiet ta' fatt u ta' dritt li huma purament provviżorji fin-natura tagħhom. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni tista', u anki għandha, tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi li joħorġu mill-proċedura amministrattiva sabiex, *inter alia*, tiskarta dawk l-oġġezzjonijiet li jkunu rriżultaw infondati[121].

154. Il-fatt li, b'kuntrast ma' fejn japplikaw l-Artikoli 81 KE u 82 KE, fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet il-Kummissjoni hija suġġetta għal termini proċedurali stretti ma jbiddilx din in-natura provviżorja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bl-ebda mod. Ir-rekwiżit ta' ħeffa fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet ifisser naturalment li l-impriżi kkonċernati wkoll huma suġġetti għal termini partikularment qosra li fihom jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. Madankollu, il-ħarsien komplut tad-drittijiet tad-difiża jitlob li s-sottomissjonijiet ta' difiża mill-persuni kkonċernati fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni daqs kemm jittieħdu inkunsiderazzjoni fi proċeduri antitrust. Għaldaqstant, din l-asserzjoni fil-kuntest ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet tista' twassal għal bidla fil-fehma tal-Kummissjoni daqs kemm tista' fi proċeduri antitrust, anki ftit qabel l-iskadenza tat-terminu mogħti għal deċiżjoni ta' approvazzjoni jew ta' projbizzjoni.

155. Fid-dawl ta' dan kollu, kienet sitwazzjoni ċertament sfortunata li fis-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza qieset il-"bidla fundamentali fil-pożizzjoni tal-Kummissjoni" li seħħet eżattament qabel l-ewwel deċiżjoni

117 — Din hija l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, Ġabra p. 461, punti 9 u 11, u s-sentenzi maqgħuda tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 10.

118 — L-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 447/98 jipprovdi li fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet il-Kummissjoni għandha tindirizza l-oġġezzjonijiet tagħha bil-miktub lill-partijiet li jinnotifikaw u lill-partijiet oħra involuti u għandha tiffissa perijodu ta' żmien li fih huma jistgħu jinfurmawaha bil-miktub dwar il-fehmiet tagħhom.

119 — Sentenza SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 55).

120 — Ara l-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 447/98.

121 — Sentenzi maqgħuda tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 67; fl-istess sens ara wkoll is-sentenzi Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 14), u s-sentenzi maqgħuda tas-17 ta' Novembru 1987, British American Tobacco u Reynolds vs Il-Kummissjoni, 142/84 u 156/84, Ġabra p. 4487, punt 70.

ta' approvazzjoni bħala "sorprendenti" fid-dawl tal-fatt li "seħħet fi stadju tardiv" [122], u ddeskriviet b'mod ġenerali l-probabbiltà li l-Kummissjoni tbiddel fundamentalment il-pożizzjoni tagħha bħala "anqas u anqas probabbli [...] iktar ma tavanza l-proċedura amministrattiva" [123].

156. Jekk il-Kummissjoni tbiddel l-evalwazzjoni tagħha ta' konċentrazzjoni nnotifikata lilha wara s-sottomissjonijiet ta' difiża li jkunu saru minn wieħed mill-parteċipanti b'risposta għall-oġġezzjonijiet, din l-analiżi ġdida tal-każ bl-ebda mod mhija "tardiva", imma ssir minflok fil-ħin normali fil-kuntest ta' proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet. Dan il-fatt lanqas mhuwa "sorprendenti" jew "improbabbli" [124], iżda espressjoni tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u juri li s-smigħ tal-impriżi kkonċernati mhuwiex farsa.

157. Madankollu, b'kuntrast ma' dak li jsostnu l-appellanti u l-Kummissjoni, jiena minix tal-fehma li s-sentenza appellata kienet ivvizzjata bi żball ta' liġi fuq il-bażi li dawn l-għażliet ta' espressjoni pjuttost sfortunati mill-Qorti tal-Prim'Istanza espremew ftehim bażiku legalment impreċiż tan-natura u l-funzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

158. Fil-fatt, fl-istess parti fejn jinsabu l-espressjonijiet tagħha dwar in-natura "sorprendenti" u "tardiv[a]" tal-"bidla fundamentali tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni", il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat espressament in-natura preparatorja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-kuntest tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet ukoll; barra minn hekk hija rrikonoxxiet li skont il-ġurisprudenza dwar l-Artikoli 81 u 82 KE l-Kummissjoni ma kinitx obbligata xi diverġenzi mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet [125].

159. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li fir-rimarki ġenerali tagħha dwar ir-relazzjoni bejn l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-aħħar mill-aħħar, ma fehmitx ħażin in-natura u l-funzjoni tad-dikjarazzjoni.

160. Anki kieku wieħed kien tal-fehma li tali żball ta' liġi eżista, dan ma jiġġustifikax l-annullament tas-sentenza appellata, għaliex, kif ser nuri [126], dan ma wassalx f'evalwazzjoni tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni li kienet żbaljata fil-liġi, u għaldaqstant bla ebda mod ma seta' kellu effett fuq id-dispożittiv tas-sentenza appellata [127].

122 — Punt 283 tas-sentenza appellata.

123 — Punt 285 tas-sentenza appellata.

124 — Fl-istorja tal-kontroll Ewropew ta' konċentrazzjonijiet hemm diversi eżempji ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni li kienu ppreċeduti b'dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. F'dan il-kuntest l-appellanti, bħala eżempju, ġustament jirreferu għall-kawżi segwenti: COMP/M.1940 — Framatome/Siemens/Cogema/JV, COMP/M.2499 — Norske Skog/Parenco/Walsum, COMP/M.2498 — UPM-Kymmene/Haindl, COMP/M.2314 — BASF/Pantochim/Eurodiol, COMP/M.2201 — MAN/Auwärter, COMP/M.2706 — Carnival Corporation/P&O Princess, COMP/M.3056 — Celanese/Degussa/European OXO Chemicals u COMP/M.3216 — Oracle/Peoplesoft.

125 — Punti 284 u 285 tas-sentenza appellata; fl-istess sens, ara l-punti 300, 335, 410 u 446 tas-sentenza appellata.

126 — Punti 161 sa 182 iktar 'il quddiem.

127 — Skont ġurisprudenza stabbilita, jekk il-motivi ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza juru ksur tad-dritt Komunitarju, iżda d-dispożittiv tagħha jidher fondat fir-rigward ta' motivi oħra tad-dritt, l-appell għandu jiġi miċħud (ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, JCB Service vs Il-Kummissjoni, C-167/04 P, Ġabra p. I-8935, punt 186; ara, ukoll, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, iċċitata iktar 'il fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 89.

b) Ir-referenzi speċifiċi mill-Qorti tal-Prim'Istanza għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet

161. Jibqa' biex tiġi eżaminata l-kritika tal-appellanti u l-Kummissjoni ta' serje ta' referenzi speċifiċi mill-Qorti tal-Prim'Istanza għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-legalità tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. Huwa allegat li l-Qorti tal-Prim'Istanza b'mod żbaljat sostniet il-konstatazzjoni tagħha li l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni kienet illegali b'paragun bejn id-deċiżjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, minflok ma ddeċidiet biss b'riferenza għad-deċiżjoni.

162. Lanqas din is-sottomissjoni mhija konvinċenti.

163. Ċertament, is-sentenza appellata tirreferi f'diversi drabi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Prim'Istanza tenfasizza ripetutament li fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, il-Kummissjoni rażżnet[128] jew biddlet[129] id-deskrizzjoni u l-evalwazzjoni tagħha ta' ċerti fatti b'paragun mad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

164. Madankollu, huwa biss fuq qari superfiċjali li jidher li l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat il-konstatazzjonijiet tagħha ta' żbalji ta' liġi fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni fuq tali sempliċi diverġenzi mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Wara qari dettaljat, jirriżulta b'mod ċar li l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza kemm fir-rigward tan-nuqqas ta' raġunijiet kif ukoll ta' żbalji ta' evalwazzjoni manifesti jirriżultaw mill-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni nnifisha.

165. F'dak li jirrigwarda n-*nuqqas li jingħataw raġunijiet*, id-diskussjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fuq it-taqsima separata fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, li tikkonċerna t-trasparenza tas-suq[130] lanqas biss tirreferi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet[131]. Fil-kumplament tad-diskussjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar in-nuqqas li jingħataw raġunijiet[132], ir-referenzi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet mhumiex spissi; jinstabu biss fil-punti 300, 302 u 308 tas-sentenza appellata, u l-ebda waħda minnhom mhija deċiżiva għall-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni ma kienx fiha raġunijiet suffiċjenti f'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' trasparenza tas-suq li hija sostniet li kien jeżisti:

— fil-punt 308 tas-sentenza appellata, li jikkonċerna ċ-ċaqliq fil-prezzijiet grossi u netti tal-katalogu, il-Qorti tal-Prim'Istanza tibbaża ruħha fuq il-kontenut tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. Hija ma tagħmel ebda paragun bejn din id-deċiżjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u għaldaqstant ma tikkonstatax hemmhekk li kien hemm xi diverġenza bejniethom. Minflok, il-Qorti tal-Prim'Istanza tidher li tasal għall-istess konklużjoni miż-żewġ dokumenti; b'dan

128 — Ara pereżempju, il-punti 300, 302 u 338 tas-sentenza appellata.

129 — Ara pereżempju, il-punti 378, 379, 398 u 447 tas-sentenza appellata.

130 — Premessi 111 sa 113 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

131 — Punti 289 sa 294 tas-sentenza appellata.

132 — Punti 295 sa 324 tas-sentenza appellata.

il-mod id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet hija użata mill-Qorti tal-Prim'Istanza sempliċiment bħala illustrazzjoni addizzjonali tal-informazzjoni li hija tislet mid-deċiżjoni nnifisha.

— Fil-punt 302 tas-sentenza appellata wkoll, ir-riferiment għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet isir purament bħala illustrazzjoni, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja hija tal-fehma li anki l-evalwazzjoni mrażżna tal-prezzijiet tal-katalogu fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni hija "element addizzjonali li jiffavorixxi t-trasparenza tas-suq".

— Finalment, il-fatt li r-riferiment għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-punt 300 tas-sentenza appellata ma kienx deċiżiv għall-argument tal-Qorti tal-Prim'Istanza huwa espressament magħmul ċar mill-Qorti tal-Prim'Istanza stess fil-punt sussegwenti: *"F'kull każ, anki meħuda inkunsiderazzjoni biss l-osservazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni,* il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezzijiet tal-katalogu kienu pjuttost allinjati." [133].

166. Minn dan isegwi li d-diverġenzi bejn l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kellhom ebda rwol fil-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li ma kienux ingħataw raġunijiet suffiċjenti għad-deċiżjoni; dan biss huwa biżżejjed fih innifsu sabiex iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni [134]. B'kuntrast mas-sottomissjonijiet tal-appellanti u tal-Kummissjoni, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma ntużatx mill-Qorti tal-Prim'Istanza bħala kriterju ta' bażi għall-evalwazzjoni tagħha tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

167. F'dak li jirrigwarda l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' *żbalji manifesti ta' evalwazzjoni*, ir-referenzi li hemm fis-sentenza appellata għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet huma ċertament iktar numerużi: dawn jinstabu fil-punti 335, 338, 339, 341, 362, 378, 379, 398, 402, 409, 419, 424, 446, 447, 451, 456, 467, 528, 532 u 538 tas-sentenza appellata [135].

168. Ir-referenzi fil-punti 338, 339, 341, 362, 402, 456, 467, 532 u 538 tas-sentenza appellata għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet iservu bla ebda dubju biex juru u jissuplimentaw, dak li l-Qorti tal-Prim'Istanza diġà ħadet direttament mill-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. In-natura purament supplimentari ta' dawn ir-referenzi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet hija magħmula ċara wkoll fil-punti tas-sentenza msemmijin bi kliem addizzjonali bħal "iktar minn hekk" u "barra minn hekk". Fl-ebda mument ma saret kritika ta' xi tip ta' kontradizzjoni bejn l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma *kinitx* użata

133 — Punt 301 tas-sentenza appellata (enfasi miżjuda).

134 — Punt 325 tas-sentenza appellata.

135 — Mhuwiex ikkontestat li s-silta l-oħra kkritikata mill-appellanti u l-Kummissjoni fil-punt 491 tas-sentenza appellata fiha wkoll riferiment għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Madankollu, din ma tista' bl-ebda mod titqies li fiha żball ta' liġi, peress illi din sempliċiment tiġbor fil-qosor is-sottomissjonijiet ta' Impala. Għal din ir-raġuni dan il-punt tas-sentenza appellata mhuwiex ser jiġi analizzat f'iktar dettall iktar 'il quddiem.

bħala kriterju ta' bażi għall-eżami ġudizzjarju tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

169. L-istess japplika għall-punti 378 u 379 tas-sentenza appellata. Jekk wieħed jaqrahom flimkien mal-punt preċedenti 377 tas-sentenza appellata, huwa ċar li dawn ukoll iservu biss biex juru u jissupplimentaw dak li l-Qorti tal-Prim'Istanza diġà siltet biss mill-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni f'dak li jikkonċerna t-trasparenza tal-iskontijiet u ġabret fil-qosor kif ġej: "Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-provi, kif imsemmija fid-deċiżjoni, ma jippermettux li jiġu sostnuti l-konklużjonijiet ibbażati fuqhom" [136].

170. Għall-kuntrarju, ir-referenzi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-punti 335, 398, 408 sa 410, 419, 424, 446, 447, 451 u 528 tas-sentenza appellata jidhru li huma iktar problematiċi. Mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher li l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-fatt kellha l-intenzjoni tallega li l-Kummissjoni ddistakkat ruħha mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni mingħajr spjegazzjoni suffiċjenti [137].

171. Skont ġurisprudenza li għaliha rreferew l-appellanti u l-Kummissjoni f'dawn il-proċeduri, il-Kummissjoni *mhijiex obbligata* tispjega fid-deċiżjoni tagħha eventwali diverġenzi mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tagħha, għaliex id-dikjarazzjoni hija dokument preparatorju li l-evalwazzjonijiet li jinstabu fih huma ta' natura purament provviżorja [138]. Minn dan isegwi li deċiżjoni mill-Kummissjoni fil-qasam jew tal-proċeduri antitrust jew tal-proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet ma tistax tiġi meqjusa bħala vvizzjata bi żball ta' liġi u annullata sempliċiment minħabba li mingħajr ebda spjegazzjoni din tiddistakka ruħha fis-sustanza mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

172. Madankollu, dan ma jipprekludix il-possibbiltà li deċiżjoni li tiddistakka ruħha mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tista', *għal raġunijiet oħra* relatati mad-deċiżjoni nnifisha, tkun żbaljata fil-liġi u għaldaqstant tkun annullata jekk tiġi kkontestata.

173. F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li fil-kuntest ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet il-Kummissjoni għandha tanalizza sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi. Kif diġà ġie msemmi, hija u tagħmel hekk hija għandha diskrezzjoni li mhijiex insinjifikattiva [139], iżda hija xorta waħda suġġetta għal stħarriġ mill-Qrati Komunitarji. Dawn tal-aħħar m'għandhomx jivverifikaw biss l-eżattezza materjali tal-provi prodotti, il-kredibbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandhom ukoll jikkontrollaw jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux l-informazzjoni kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni

136 — Punt 377 tas-sentenza appellata.

137 — Hawn taħt, nagħti ċerta attenzjoni lill-punt 335 tas-sentenza appellata peress li dan kien is-suġġett ta' kritika partikolarment qawwija min-naħa tal-appellanti. Madankollu, l-analiżi tiegħi tapplika *mutatis mutandis* għall-punti l-oħra inkwistjoni tas-sentenza appellata.

138 — Sentenza BAT u Reynolds vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121, punt 70).

139 — Fuq dan il-punt ara l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96.

kumplessa u jekk humiex tali li jsostnu l-konklużjonijiet li jirriżultaw minnha [140].

174. B'hekk, anki jekk, fid-deċiżjoni tagħha dwar il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq komuni, il-Kummissjoni mhijiex obbligata tispjega għaliex hija ddistakkat ruħha fis-sustanza mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tagħha, hemm tlitt affarijiet li għandhom ikunu possibbli li jiġu miftehma mid-deċiżjoni tagħha:

— l-ewwel nett, li l-fatti li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni kienu eżatti u b'mod partikolari li dawn huma bbażati fuq provi kredibbli u konsistenti (*eżattezza tal-bażi fattwali*);

— it-tieni nett, li d-deċiżjoni ma tonqosx li tieħu inkunsiderazzjoni xi informazzjoni relevanti li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-konċentrazzjoni (*kompletezza tal-bażi fattwali*); u

— it-tielet nett, li l-fatti li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni jistgħu jsostnu l-konklużjonijiet li jirriżultaw minnhom (*saħħa tal-bażi fattwali*) [141].

175. Punti ta' riferiment dwar jekk il-Kummissjoni, f'każ individwali, ikkunsidratx kompletament l-informazzjoni kollha relevanti jistgħu jidhru miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ individwali, u b'mod partikolari mid-dokumenti kollha li kienu parti mill-inkartament amministrattiv fil-proċeduri amministrattivi. Dawk id-dokumenti jinkludu wkoll id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Dan għaliex din id-dikjarazzjoni tipprovdi sunt tal-fatti u l-provi kollha li l-Kummissjoni jidhrilha li huma relevanti għad-deċiżjoni tagħha f'dak l-istadju tal-proċeduri.

176. Fuq din il-bażi, fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet tikkonstata li minkejja n-natura provviżorja tagħha d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx "kompletament bla valur jew irrilevanti" [142].

177. M'hemmx dubju li tul il-proċedura jista' jirriżulta — b'mod partikolari minħabba s-sottomissjonijiet magħmula mill-impriżi

140 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 39), u Spanja vs Lenzing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 57).

141 — Fir-rigward ta' dawn it-tliet punti, erġa' ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 39), u Spanja vs Lenzing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 57); fir-rigward b'mod speċifiku tal-kompletezza tal-bażi fattwali ara wkoll Technische Universität München (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 14), Spanja vs Lenzing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 58) u Komninou *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 51), li tenfasizza l-obbligu għall-istituzzjoni kompetenti li tikkunsidra b'reqqa u b'imparzjalità l-fatturi rilevanti kollha tal-każ partikolari.

142 — Sentenza ta' qabel tal-aħħar tal-punt 335 tas-sentenza appellata; ara wkoll il-punti 410, 419 u 446 ta' dik is-sentenza.

parteċipanti fid-difiża tagħhom — li l-fatti u provi li fuqhom kienet ibbażata d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kienux kompluti jew eżatti, jew li ma setgħux jissostanzjaw il-konklużjonijiet mislutin minnhom. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament tirrikonoxxi dan ukoll, fejn fis-sentenza appellata tgħid li l-Kummissjoni "għandha l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni l-provi miġbura matul il-proċedura amministrattiva, kif ukoll l-argumenti mressqa mill-impriżi kkonċernati, sabiex twaqqa' l-oġġezzjonijiet li jistgħu finalment jirriżultaw li huma infondati" [143].

178. Madankollu, il-Qrati Komunitarji jistgħu u għandhom jaċċertaw jekk ċerti fatti li l-Kummissjoni kienet ikkonstatat u bbażat ruħha fuqhom fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kinux, fil-kors sussegwenti tal-proċedura, ikklassifikati mill-Kummissjoni b'mod korrett bħala mhux eżatti jew mhux affidabbli u skartati. Bl-istess mod, il-Qrati Komunitarji jistgħu u għandhom jikkunsidraw jekk fatti ġodda li fuqhom tibbaża ruħha issa l-Kummissjoni humiex fil-fatt eżatti, jekk il-fatti hekk stabbiliti humiex kompluti, u jekk jistgħux isostnu l-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet minnhom.

179. Il-korrettezza, il-kompletezza u s-saħħa tal-materjal fattwali li fuqu tkun ibbażata deċiżjoni għandhom ikunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju [144]. Mingħajr tali stħarriġ tal-bażi fattwali għal deċiżjoni ma jkunx possibbli li jiġi evalwat, utilment, jekk il-Kummissjoni żammitx mal-limiti tad-diskrezzjoni konċessa lilha jew wettqitx żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

180. Għaldaqstant, fis-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament ipproċediet b'dan l-istħarriġ u fil-proċess spejgat li l-Kummissjoni "għandha tkun f'pożizzjoni li tispjega, [...] għall-inqas, fil-kuntest tal-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, ir-raġunijiet għaliex tikkunsidra li l-evalwazzjonijiet provviżorji tagħha kienu żbaljati, iżda prinċipalment l-evalwazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni għandhom ikunu kompatibbli mal-konstatazzjonijiet fattwali magħmula fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sakemm ma jiġix stabbilit li dawn il-konstatazzjonijiet kienu ineżatti" [145].

181. B'kuntast ma' dak li jsostnu l-appellanti u l-Kummissjoni, dan ma jfissirx li l-awtorità għall-kontroll ta' konċentrazzjoniet hija suġġetta għal piż doppju quddiem il-qrati. Hija mhijiex obbligata tiddefendi d-deċiżjoni tagħha u fl-istess ħin tiċħad id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet safejn din tiddiverġi minnha. Hija għandha sempliċiment — u b'risposta għal sottomissjoni ssostanzjata mill-applikant — tkun tista' tispjega li l-bażi fattwali tad-*deċiżjoni tagħha* kienet korretta u kompluta u li setgħet issostni l-konklużjonijiet misluta fid-deċiżjoni tagħha. Spjegazzjonijiet għal dak li jirrigwarda r-raġuni għaliex ċerti elementi fattwali ġew issupplimentati jew skartati jew evalwati mill-ġdid matul il-proċedura amministrattiva huma neċessarjament marbuta

143 — It-tieni sentenza tal-punt 335 tas-sentenza appellata.

144 — Għal darba oħra, fuq dan il-punt ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 39) u Spanja vs Lenzing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 56); fl-istess sens is-sentenzi Technische Universität München (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 14), Spanja vs Lenzing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 58), u Komninou *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 51).

145 — L-aħħar sentenza tal-punt 335 tas-sentenza appellata; fl-istess sens ara l-punti 410, 419 u 446 ta' din is-sentenza.

mal-kwistjoni tal-korrettezza, kompletezza u saħħa tal-bażi fattwali tad-deċiżjoni.

182. Għaldaqstant, kollox ma' kollox, il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet b'mod aċċettabbli *bħala bażi* għall-istħarriġ tagħha dwar jekk l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni kinitx adottata fuq bażi fattwali korretta u kompluta li setgħet issostni l-konklużjonjiet mislutin mill-Kummissjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza *ma annullatx* l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni minħabba diverġenzi apparenti mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, imma minħabba r-raġunijiet insuffiċjenti tagħha u minħabba żbalji manifesti ta' evalwazzjoni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat dawn l-iżbalji ta' evalwazzjoni minħabba li l-bażi fattwali għad-deċiżjoni ma kinitx kompluta u ma setgħetx issostni l-konklużjonijiet mislutin mill-Kummissjoni minnha fir-rigward tan-nuqqas tat-trasparenza tas-suq [146].

c) Konklużjoni provviżorja

183. Għaldaqstant, bħala sinteżi, l-ewwel aggravju u t-tieni parti tas-sitt aggravju huma infondati.

146 — Punti 459 u 475 tas-sentenza appellata.

3. Il-valur probatorju tal-asserzjonijiet fattwali fir-risposta għall-oġġezzjonijiet (it-tieni aggravju; l-ewwel parti tat-tielet aggravju)

184. It-tieni aggravju huwa marbut mill-qrib mal-ewwel parti tat-tielet aggravju; għal dik ir-raġuni nipproponi li t-tnejn jiġu kkunsidrati flimkien. Fis-sustanza, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza eżiġiet rekwiżiti għoljin wisq ta' prova f'dak li jirrigwarda l-asserzjonijiet tagħhom fir-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Barra minn hekk, huma jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet b'mod żbaljat li l-Kummissjoni kellha l-obbligu li tagħmel investigazzjoni ġdida tas-suq wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

a) Is-sentenza appellata

185. Fl-eżerċizzju tal-istħarriġ tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni għal xi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fir-rigward tat-trasparenza tas-suq, il-Qorti tal-Prim'Istanza qalet *inter alia* li "l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jistgħux jistennew sa l-aħħar minuta biex jissottomettu provi lill-Kummissjoni bil-għan li jikkonfutaw l-oġġezzjonijiet imqajma fiż-żmien xieraq mill-Kummissjoni, peress li din tal-aħħar ma tkunx, konsegwentement, iktar f'pożizzjoni li twettaq il-verifiki meħtieġa. F'każ ipotetiku bħal dan, dawn il-provi għandhom għall-inqas ikunu partikolarment sodi, oġġettivi, rilevanti u konvinċenti sabiex ikunu jistgħu

jikkonfutaw validament l-oġġezzjonijiet imqajma mill-Kummissjoni" [147].

186. Barra minn hekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet tal-fehma li l-Kummissjoni "ma [setgħatx], min-naħa l-oħra, tasal biex tiddelega, mingħajr sorveljanza, ir-responsabbiltà tat-twettiq ta' ċerti aspetti tal-investigazzjoni lill-partijiet fil-konċentrazzjoni, b'mod partikolari meta, bħal f'dan il-każ, dawn l-aspetti jikkostitwixxu l-element kruċjali li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni u d-data u l-evalwazzjonijiet imressqa mill-partijiet fil-konċentrazzjoni huma dijametrikament opposti għall-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni tagħha kif ukoll għall-konklużjonijiet li hija waslet għalihom minn din l-informazzjoni" [148].

187. Iktar minn hekk, f'diversi postijiet fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkritika lill-Kummissjoni talli tonqos, wara r-risposta mill-partijiet fil-konċentrazzjoni għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, milli twettaq investigazzjonijiet ġodda tas-suq sabiex teżamina l-validità tal-orjentament il-ġdid tal-evalwazzjoni tagħha tal-konċentrazzjoni proposta [149].

147 — Punt 414 tas-sentenza appellata.

148 — Punt 415 tas-sentenza appellata; f'sens simili ara l-punt 452 tas-sentenza appellata.

149 — Ara, pereżempju, il-punti 398, 428 u 451 tas-sentenza appellata.

b) Analiżi

188. Kif diġà ssemma' fir-rigward tal-ewwel aggravju, fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet huwa essenzjali li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża qabel ma tittieħed deċiżjoni li tista' taffettwa negattivament lill-impriżi kkonċernati [150] (ara wkoll it-tieni sentenza tal-Artikolu 18(3) RKK).

189. Għal dik ir-raġuni, l-impriżi kkonċernati ma ttihomx tort li ma ressqux ċerti argumenti, fatti jew provi — possibbilment deċiżivi — meta nnotifikaw il-konċentrazzjoni jew matul l-investigazzjoni tas-suq tal-Kummmissjoni, u minflok għamlu dan biss fis-sottomissjonijiet tagħhom tad-difiża meta rrispondew għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet [151]. Id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet hija l-ewwel dokument li juri lill-partijiet fil-konċentrazzjoni fid-dettall l-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni għall-konċentrazzjoni proposta tagħhom u

150 — Ara iktar 'il fuq, b'mod partikolari l-punti 150 sa 152.

151 — Naturalment, dan ma jaffettwax l-obbligu tal-impriżi kkonċernati li jippreżentaw notifika tal-konċentrazzjoni tagħhom li tkun materjalment korretta u kompluta (fuq dan il-punt, ara l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 447/98). Barra minn hekk, il-partijiet fil-konċentrazzjoni huma obbligati li jwieġbu kull talba tal-Kummissjoni għal informazzjoni b'mod komprensiv u veritier u fit-terminu applikabbli (Artikolu 11(1) flimkien mal-Artikolu 11(4) u (5) RKK).

l-argumenti individwali u l-provi li fuqhom hija tibbaża dawk l-oġġezzjonijiet [152].

190. B'hekk, il-fatt biss li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ressqu ċerti argumenti, fatti jew provi għall-ewwel darba fir-risposta tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bl-ebda mod ma jiġġustifika konstatazzjoni li huma żammew din l-informazzjoni "sa l-aħħar minuta" [153]. Minflok, id-drittijiet tad-difiża mogħtija lill-impriżi kkonċernati jagħtuhom id-dritt li jressqu fil-kors tas-seduta orali u bil-miktub tagħhom, jiġifieri wara li jirċievu d-dikjazzjoni tal-oġġezzjonijiet, dak kollu li huma jidhrilhom xieraq biex jiċħdu l-oġġezzjonijiet u biex jikkonvinċu lill-Kummissjoni tapprova l-konċentrazzjoni tagħhom. Din is-sottomissjoni mhijiex tardiva, iżda hija magħmula fl-istadju speċifikament ikkontemplat għaliha fil-proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet.

191. Lanqas ma jistgħu jiġu imposti fuq is-sottomissjonijiet imressqa mill-impriżi kkonċenrati f'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet rekwiżiti ogħla ta' prova jew ta' konvinċenza minn dawk imposti fuq is-sottomissjonijiet tal-kompetituri, klijenti, u terzi persuni oħra intervistati mill-Kummissjoni matul il-proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet. Ċertament, il-Kummissjoni hija obbligata tistħarreġ bir-reqqa s-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-konċentrazzjoni fir-rigward tal-eżattezza, kompletezza u konvinċenza tagħhom, u fil-każ ta' dubju raġjonevoli ma tikkunsidrahomx, iżda hija u tagħmel hekk hija għandha tapplika l-istess kriterji kif tagħmel meta tkun qed tikkunsidra s-sottomissjonijiet ta' terzi persuni.

192. Id-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati jiġu mxejna kieku ma jiġux applikati fir-rigward tas-sottomissjonijiet ta' difiża tagħhom fuq oġġezzjonijiet individwali mressqa mill-Kummissjoni, jew kieku s-sottomissjonijiet ta' difiża tagħhom kienu mill-bidu meqjusa bħala inqas kredibbli u inqas konvinċenti minn, pereżempju, informazzjoni pprovduta minn terzi persuni fil-kors tal-investigazzjoni tas-suq.

193. Iktar minn hekk, jekk fid-deċiżjoni tagħha l-Kummissjoni tikkunsidra s-sottomissjonijiet ta' difiża magħmula mill-impriżi kkonċernati u tiġi konvinta minnhom biex terġa' tikkunsidra u saħansitra tiddistakka ruħha mill-konklużjonijiet provviżorji fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tagħha, dan bl-ebda mod ma jfisser li l-investigazzjoni ġiet "delegata" lilhom.

194. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma tistax tiġi obbligata li, f'kull każ, tagħmel investigazzjonijiet ulterjuri tas-suq wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u wara li

152 — Il-partijiet fil-konċentrazzjoni huma mgħarrfa bil-progress tal-proċedura qabel id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (iseħħu diskussjonijiet u l-partijiet li qed jinnotifikaw jiġu mgħarrfa bil-partijiet fejn il-Kummissjoni jkollha *dubji serji* fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni mas-suq komuni meta l-proċedura ta' investigazzjoni formali tinbeda taħt l-Artikolu 6(1)(ċ) RKK), iżda din l-informazzjoni hija ħafna inqas dettaljata minn dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u tista' tinbidel ukoll matul il-proċess skont kif tipproċedi l-investigazzjoni tas-suq.

153 — Kieku kellu jirriżulta b'mod ċar li fin-notifika tal-konċentrazzjoni jew fir-risposta tagħhom għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, l-impriżi kkonċernati pprovdew informazzjoni żbaljata jew mhux kompluta, dan ikun ksur tal-obbligu tagħhom li jikkooperaw mal-Kummissjoni fil-proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet u jista' jwassal ukoll għall-konsegwenzi legali stabbiliti fl-Artikolu 8(5)(a) RKK u fl-Artikolu 14(1)(b) u (ċ) RKK (revoka tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni u impożizzjoni ta' multi).

tisma' lill-impriżi kkonċernati. Il-pressjoni taż-żmien li tinbet mit-termini proċedurali relattivament stretti hija diġà biżżejjed biex tirrendi impossibbli għall-Kummissjoni tibgħat iktar talbiet għal informazzjoni dwar kwistjonijiet ekonomiċi kumplessi lil diversi parteċipanti tas-suq ftit qabel tagħti l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha lill-Kumitat Konsultattiv tal-konċentrazzjonijiet bejn impriżi [154]. Fil-verità, fil-ftit żmien rimanenti, huwa biss okkażjonalment li tali investigazzjoni tista' tagħti riżultati utli. Iktar minn hekk, l-impriżi kkonċernati jkunu jridu jiġu mismugħa mill-ġdid fuq ir-riżultati tal-investigazzjoni jekk, pereżempju, kien ikkontemplat li d-deċiżjoni ta' projbizzjoni tkun ibbażata fuqhom. Għal dik ir-raġuni, l-appellanti osservaw korrettament li l-konsegwenza riżultanti minn sitwazzjoni fattwali li ma tkunx ċara *wara* li jinstemgħu l-impriżi kkonċernati ma tistax isservi bħala l-bidu ta' investigazzjonijiet ġodda tas-suq. Minflok, id-deċiżjoni trid issir abbażi tal-informazzjoni eżistenti. Dan l-approċċ huwa kkollaborat mill-Artikolu 10(6) RKK, li jipprovdi li meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni fiż-żmien stabbilit għaliha, il-konċentrazzjoni għandha tiġi meqjusa kompatibbli.

195. F'dan l-isfond, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza fehmet ħażin il-pożizzjoni legali meta ddikjarat li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma setgħux "jistennew sa l-aħħar minuta biex jissottomettu provi lill-Kummissjoni bil-għan li jikkonfutaw l-oġġezzjonijiet imqajma fiż-żmien xieraq mill-Kummissjoni" u li dawn il-provi kellhom "ikunu *partikolarment* sodi, oġġettivi, rilevanti u konvinċenti" sabiex ikunu jistgħu jikkonfutaw validament l-oġġezzjonijiet imqajma mill-Kummissjoni; barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet żbaljata meta lmentat dwar in-nuqqas ta' investigazzjonijiet ulterjuri tas-suq wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u meta qabblet l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tas-sottomissjonijiet ta' difiża tal-appellanti ma' delega illeċita tal-investigazzjoni lill-partijiet fil-konċentrazzjoni [155].

196. Għaldaqstant, it-tieni aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju huma sostantivament fondati.

197. Madankollu, minn dan ma jsegwix li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata [156]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma oġġezzjonatx biss li fl-analiżi tat-trasparenza tas-suq il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq is-sottomissjonijiet ta' difiża ta' Bertelsmann u Sony u naqset milli twettaq investigazzjonijiet ġodda tas-suq. Minflok, hija stħarrġet ukoll is-sustanza tal-analiżi tat-trasparenza tas-suq li saret mill-Kummissjoni u dan għall-fini li jinstabu żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

198. F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li s-siltiet fis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza kkontestati hawnhekk ma kinux l-ewwel post fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li kien hemm żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, peress li hija kienet kkonstatat żball ħafna qabel, fil-paragrafu 377 tas-sentenza appellata: "Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-provi, kif imsemmija fid-deċiżjoni, ma jippermettux li jiġu sostnuti l-konklużjonijiet ibbażati fuqhom." Din

154 — Artikolu 19(3) sa (7) RKK.

155 — Fuq dan il-punt, erġa' ara b'mod partikolari l-punti 414 u 415 tas-sentenza appellata (enfasi miżjuda).

156 — Fuq dan il-punt, erġa' ara l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 127.

il-konstatazzjoni bl-ebda mod ma tirrigwarda s-sottomissjonijiet ta' difiża mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, fil-kwistjoni f'dan il-każ, fir-rigward ta' skontijiet promozzjonali u ta' kif dawn ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni.

199. Fil-punti 384 sa 387 tas-sentenza appellata wkoll, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-Kummissjoni kienet għamlet żball manifest ta' evalwazzjoni li ma kienx ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni s-sottomissjonijiet ta' difiża mill-partijiet fil-konċentrazzjoni fir-rigward tal-iskontijiet promozzjonali, imma kien ibbażat fuq evalwazzjoni sostantiva żbaljata tar-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq, u b'mod partikolari tar-risposti mogħtija mill-bejjiegħa bl-imnut.

200. Kull wieħed minn dawn iż-żewġ żbalji manifesti ta' evalwazzjoni kien minnu nnifsu biżżejjed biex jiġġustifika lill-Qorti tal-Prim'Istanza tannulla l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. Barra minn dan, kif diġà ssemma', il-konstatazzjoni dwar nuqqas li jingħataw raġunijiet, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat mingħajr ebda żball ta' liġi, kienet hija wkoll biżżejjed biex tiġġustifika l-annullament tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni [157].

157 — Ara, iktar 'il fuq, il-punti 93 sa 144.

### 4. Rekwiżiti ta' prova meħtieġa għall-approvazzjoni ta' konċentrazzjonijiet (it-tieni parti tat-tielet aggravju)

201. Bit-tieni parti tat-tielet aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' liġi meta applikat rekwiżiti għoljin ta' prova li kienu żbaljati u eċċessivi għad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni ta' konċentrazzjonijiet tal-Kummissjoni [158].

202. Ir-raġunijiet tal-appellanti għall-kritika tagħhom tas-sentenza appellata huma dawn li ġejjin. B'mod ġenerali, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tifhem li r-rekwiżiti ta' prova li l-Kummissjoni kienet obbligata tapplika fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni u ta' projbizzjoni mhumiex l-istess; huma jsostnu li hemm żbilanċ f'dak li jirrigwarda r-rekwiżiti ta' prova u preżunzjoni ġenerali li konċentrazzjonijiet huma kompatibbli mas-suq komuni. B'mod speċifiku, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza obbligat żbaljatament lill-Kummissjoni tikseb prova pożittiva ta' *nuqqas ta' trasparenza tas-suq*; skont l-appellanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza kien imissha stħarrġet biss jekk, fil-perijodu tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, il-Kummissjoni kellhiex biżżejjed provi tal-*eżistenza tat-trasparenza tas-suq*.

158 — Id-diskussjoni segwenti tapplika wkoll għall-parti tas-sitt aggravju li tinsab fil-punti 98 sa 100 u 102 tal-appell.

a) L-allegat żbilanċ bejn ir-rekwiżiti għal deċiżjonijiet ta' approvazzjoni u deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fir-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet

203. Nikkunsidra l-ewwel l-argument tal-appellanti li r-rekwiżiti ta' prova fir-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet huma żbilanċjati, u li teżisti preżunzjoni ġenerali li konċentrazzjonijiet huma kompatibbli mas-suq komuni.

— Id-deċiżjonijiet ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet huma bbażati fuq pronjosi

204. Bħala introduzzjoni għandu jiġi osservat li deċiżjonijiet ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet tal-Kummissjoni huma differenti fuq essenzjali minn deċiżjonijiet fi proċeduri ta' prattiċi miftehma taħt l-Artikolu 81 KE u fi proċeduri għall-abbużi minn pożizzjoni dominanti taħt l-Artikolu 82 KE. Fil-kuntest ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, il-Kummissjoni mhijiex meħtieġa tevalwa u, jekk ikun il-każ, tippenalizza l-komportament — allegatament illeċitu — tal-impriżi li jkun diġà seħħ, imma għandha minflok tagħti *pronjosi* fir-rigward tal-iżvilupp futur tas-suq. Hija għandha tevalwa jekk il-konċentrazzjoni tistax toħloq jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti li b'riżultat tagħha l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu tkun imfixkla b'mod sinjifikanti (Artikolu 2(2) u (3) u l-Artikolu 8(2) u (3) RKK).

205. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tapprova jew tipprojbixxi xi konċentrazzjoni partikolari għaldaqstant tiddependi fuq evalwazzjoni ta' probabbiltà *ex ante*. Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi dan ukoll fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, fejn ikkonstatat li kontroll ta' konċentrazzjonijiet kien jinvolvi "li jiġu mbassra avvenimenti li ser iseħħu fil-ġejjieni" [159].

206. Stħarriġ ġudizzjarju ta' tali evalwazzjoni ta' probabbiltà ma jirrigwardax wisq il-fatt jekk il-pronjosi tal-Kummissjoni fuq l-effetti pożittivi jew negattivi ta' konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni *tistax tiġi pprovata* imma iktar dwar il-*plawżibbiltà* tagħha. Il-Kummissjoni għandha ġġib provi biss dwar il-fatti li fuqhom hija bbażat il-pronjosi tagħha, pereżempju l-elementi tal-istruttura tas-suq li hija stabbiliet (f'dan il-każ, pereżempju, id-diversi fatturi li jtendu lejn jew jimmilitaw kontra konstatazzjoni ta' trasparenza tas-suq). F'dan ir-rigward, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "l-provi jridu jissostanzjaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni li [...] ix-xenarju tal-iżvilupp ekonomiku mbassar minnha huwa plawżibbli" [160].

207. Il-kriterju li b'riferiment għalih il-pronjosi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp tas-suq imbassar hija

159 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 42); ara wkoll is-sentenza General Electric vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 64).

160 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 44) (enfasi miżjuda).

*plawżibbli jew implawżibbli* għandu jiġi stabbilit fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet. F'deċiżjonijiet ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet taħt l-Artikolu 8 RKK, il-Kummissjoni la timponi sanzjonijiet u lanqas tikser il-libertà personali jew l-integrità fiżika ta' xi persuna fiżika. Minflok, il-Kummissjoni tagħti jew tirrifjuta approvazzjonijiet ta' natura amministrattiva għal attività ekonomika, jiġifieri l-konċentrazzjoni bejn impriżi. Barra minn hekk, dan iseħħ fi proċedura li hija kkaratterizzata minn rekwiżit ta' ħeffa u sistema bbilanċjata komparattivament stretta ta' limiti taż-żmien [161].

208. Fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi tal-proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, il-kriterju xieraq ikun, fil-fehma tiegħi, li l-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq l-iżvilupp tas-suq li, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, hija tqis l-iktar probabbli fl-aħħar tal-investigazzjoni intensa tagħha ta' konċentrazzjoni li ddum xhur sħaħ. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tat sunt preċiż ħafna ta' dan ftit taż-żmien ilu fis-sentenza General Electric vs Il-Kummissjoni: "l-analiżi prospettiva [...] teżiġi li jiġu maħsuba d-diversi konnessjonijiet ta' kawża u effett *bil-għan li jiġi stabbilit liema minnhom huma l-iktar probabbli* [162]."

209. Għaldaqstant, jekk huwa iktar probabbli li pożizzjoni dominanti tkun ser tinħoloq jew tissaħħaħ, il-konċentrazzjoni għandha tiġi pprojbita; mill-banda l-oħra, jekk huwa inqas probabbli li pożizzjoni dominanti tkun ser tinħoloq jew tissaħħaħ, il-konċentrazzjoni għandha tiġi approvata. Huwa l-kompitu tal-Qrati Komunitarji li jistħarrġu l-pronjosi tal-Kummissjoni għal xi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni; fi kliem ieħor jekk il-Kummissjoni bbażatx ruħha fuq provi li huma fattwalment eżatti, kredibbli u konsistenti u li jistgħu jsostnu l-pronjosi tagħha [163].

210. Jien jidhirli li ma jkunx xieraq li l-livell rikjest ikun ogħla fil-kuntest ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet u, pereżempju, li jkun meħtieġ li l-iżvilupp tas-suq ikkontemplat mill-Kummissjoni jkun "probabbli ħafna" jew "partikolarment probbabli" sabiex jiġi aċċettat mill-Qorti tal-Ġustizzja [164]. Tali livell ogħla ta' probbabiltà jdgħajjef b'mod sinjifikattiv lill-Kummissjoni fit-twettieq tal-funzjonijiet tagħha fil-kuntest tal-politika tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni jkollha tapprova konċentrazzjonijiet b'għajnejha miftuħin anki jekk dawn probabbilment iwasslu għall-ħolqien jew għat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti, u għaldaqstant ikollhom effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni. Il-Kummimssjoni jkollha dritt tintervjeni f'dawk il-każijiet biss fejn tali effetti negattivi ta' konċentrazzjoni jkunu "probabbli ħafna" jew "partikolarment probabbli". Barra minn hekk, huwa diffiċli

161 — Punt 12 iktar 'il fuq.

162 — Sentenza General Electric vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 64, l-aħħar sentenza; enfasi miżjuda)

163 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 39), Spanja vs Lenzing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 57), u General Electric vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 63); ara wkoll iktar 'il fuq, il-punti 173 u 174.

164 — Għal opinjoni differenti, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano tal-25 ta' Mejju 2004 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 74), li jsostni li t-tranżazzjoni nnotifikata għandha *b'mod probabbli ħafna* twassal għall-ħolqien jew għat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti jekk għandha tkun ipprojbita.

li wieħed iqabbel livell ogħla ta’ probabbiltà mal-marġni ta’ diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha ta’ sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi[165] li fis-sustanza tinkuldi l-pronjożi tal-Kummissjoni fir-rigward ta’ kif is-suq huwa mistenni li jiżviluppa b’riżultat ta’ konċentrazzjoni bejn impriżi.

211. *A fortiori*, ma jistax ikun deċiżiv il-fatt jekk, fl-aħħar tal-eżami estensiv tagħha ta’ konċentrazzjoni fuq diversi xhur, il-Kummissjoni hijiex f’pożizzjoni li tiddeċiedi *lil hinn minn kull dubju raġjonevoli* li pożizzjoni dominanti tkun jew ma tkunx maħluqa jew imsaħħa[166]. Dan il-livell partikolarment huwa prinċipalment magħruf fil-qasam tal-proċeduri kriminali u kważi-kriminali. Fil-proċeduri ta’ kontroll ta’ konċentrazzjonijiet dan japplika biss fil-fażi preliminari (“Fażi I”), biex jikkumpensa għall-fatt li f’dak l-istadju l-investigazzjoni ta’ konċentrazzjoni hija sempliċiment waħda sommarja. F’dak l-istadju, “dubji serji” dwar il-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni mas-suq komuni jimpedixxu biss li din tiġi *approvata daqshekk malajr* u jobbligaw lill-Kummissjoni tagħmel investigazzjoni iktar eżawrjenti fi proċedura formali (‘Fażi II’) (Artikolu 6(1)(b) u (ċ) RKK)[167]. Madankollu, wara dik l-investigazzjoni eżawrjenti l-konċentrazzjoni għandha tiġi approvata, minkejja xi dubji li jistgħu jibqgħu, sakemm skont il-pronjożi tal-Kummissjoni l-ħolqien jew it-tisħiħ ta’ pożizzjoni dominanti hija inqas probabbli milli le. Mill-banda l-oħra, il-konċentrazzjoni għandha tiġi pprojbita jekk, wara l-investigazzjoni iktar eżawrjenti tagħha, il-Kummissjoni tqis il-ħolqien jew it-tisħiħ ta’ pożizzjoni dominanti bħala iktar probabbli milli le, minkejja xi dubji li jkun għad fadal.

— Simetrija tar-rekwiżiti imposti għal approvazzjoni u għal projbizzjoni

212. Ma nista’ nara l-ebda differenza bejn ir-rekwiżiti legali fir-rigward ta’ deċiżjonijiet ta’ approvazzjoni minn naħa u deċiżjonijiet ta’ projbizzjoni min-naħa l-oħra. B’kuntrast mas-sottomissjonijiet tal-appellanti, lanqas m’hemm din id-differenza fir-rigward tal-grad ta’ plawżibbiltà tal-pronjożi li għandha ssir mill-Kummissjoni jew fir-rigward tas-solidità tal-bażi fattwali li ssostniha.

213. Kemm l-Artikolu 2 RKK, li jistabbilixxi l-programm ġenerali ta’ stħarriġ għall-kontroll mill-Kummissjoni ta’

165 — Ara l-punti 126 u 173 tas-sentenza appellata.

166 — F’sens simili, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano tal-25 ta’ Mejju 2004 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar ’il fuq fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 96, punt 74): “Għaldaqstant ma jistax jiġi sostnut li sabiex konċentrazzjoni tiġi pprojbita l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi *b’ċertezza assoluta* li l-konċentrazzjoni tkun ser twassal għall-ħolqien jew tisħiħ ta’ pożizzjoni dominanti li b’riżultat tagħha l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f’’parti sostanzjali minnu tkun imfixkla b’mod sinjifikattiv” (enfasi miżjuda).

167 — Għal eżempju mid-dritt ambjentali, ara s-sentenza tas-7 ta’ Settembru 2004, Landelijke Vereniging tot Behoud van de Waddenzee and Nederlandse Vereniging tot Bescherming van Vogels, C-127/02, Ġabra p. I-7405, punti 44 u 55 sa 59.

konċentrazzjoni nnotifikat, u l-Artikolu 8 RKK, li jelenka s-setgħat ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, huma strutturati kompletament simetriċi fit-tieni u t-tielet paragrafi rispettivi tagħhom.

214. Fl-aħħar mill-aħħar, din is-simetrija tirrifletti l-fatt li f'kull każ individwali l-Kummissjoni għandha żżomm bilanċ bejn l-interessi ugwali li huma garantiti mid-dritt primarju [168], li huma, min-naħa l-waħda, id-drittijiet u l-interessi tal-partijiet fil-konċentrazzjoni, u min-naħa l-oħra l-interess pubbliku marbut mal-protezzjoni tal-kompetizzjoni mid-distorsjoni (Artikolu 3(1)(g) KE) [169]. Għaldaqstant, għalkemm il-libertà kummerċjali tal-impriżi parteċipanti u d-drittijiet ta' proprjetà tal-azzjonisti tagħhom (Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) jinkludu bla ebda dubju d-dritt li jiġu ffurmati konċentrazzjonijiet bejn impriżi, dan japplika biss sakemm ċerti kundizzjonijiet jew obbligi fuq il-konċentrazzjoni inkwistjoni, jew anki l-projbizzjoni tagħha, mhumiex meħtieġa għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni mid-distorsjoni.

215. Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, li fuqha jibbażaw ruħhom l-appellanti, ma tgħid xejn li jaffettwa ħażin din is-simetrija tar-rekwiżiti għad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni jew ta' projbizzjoni. Ir-rekwiżit li jinsab f'dik is-sentenza, jiġifieri dak ta' "provi konvinċenti" (bl-Ingliż: "convincing evidence") [170] jissemma sempliċiment sabiex jitfakkar li l-Kummissjoni għandha jkollha bażi fattwali affidabbli għall-evalwazzjoni tagħha ta' probabbiltà. Dan jidher iktar f'partijiet oħra fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tgħid li "il-kwalità tal-provi prodotti mill-Kummissjoni […] hija ta' importanza partikolari, billi dawn il-provi jridu jissostanzjaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni li […] l-iżvilupp ekonomiku mbassar minnha jkun plawżibbli" [171].

216. Ir-rekwiżit għal provi "konvinċenti" m'għandux jiġi miftiehem ħażin bħala li jirrikjedi livell ogħla ta' prova għad-deċiżjonijiet ta' projbizzjoni, iktar mid-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni. Bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, ir-rekwiżit għal provi "konvinċenti" "b'ebda mod ma żied kundizzjoni dwar il-grad ta' prova meħtieġ iżda sempliċement ġibdet l-attenzjoni għall-funzjoni essenzjali tal-prova, li hi li tistabbilixxi b'mod *konvinċenti* l-mertu ta' argument jew […] ta' deċiżjoni" [172].

168 — Fuq dan il-punt ara, minn naħa, it-tielet u r-raba' premessi RKK u, min-naħa l-oħra, il-ħames premessa.

169 — Ara wkoll, l-ewwel, it-tieni u l-ħames premessi RKK. Il-protezzjoni tal-kompetizzjoni mid-distorsjoni sservi wkoll l-interessi tal-parteċipanti kollha tas-suq, inklużi l-konsumaturi (fuq dan il-punt, ara s-sentenzi tal-21 ta' Frar 1973, Europemballage u Continental Can vs Il-Kummissjoni, 6/72, Ġabra p. 215, punt 25, tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni, 322/81, Ġabra p. 3461, punt 125, u tal-15 ta' Marzu 2007, British Airways vs Il-Kummissjoni, C-95/04 P, Ġabra p. I-2331, punt 106).

170 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 41); ara wkoll is-sentenza Kali & Salz (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 228), li tirreferi għall-"prova konvinċenti u u konsistenti". It-traduzzjoni Ġermaniża tas-sentenza Tetra Laval, li tirreferi għal provi "eindeutig", ma jidhirlix li hija traduzzjoni korretta tal-frażi Ingliża "convincing evidence"; għaldaqstant, hawnhekk u fis-segwenti ser nuża l-aġġettiv "überzeugend" bħala li jfisser "convincing".

171 — Sentenza Il-Kummisjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 44).

172 — *Ibid* punt 41 (enfasi miżjuda).

217. Mis-silta ċċitata fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Lava u mit-twissija tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-Kummissjoni għandha twettaq l-analiżi prospettiva tagħha "b'attenzjoni kbira" [173] ma jistax jiġi dedott li jinħtieġu rekwiżiti iktar stretti fir-rigward ta' *projbizzjoni* ta' konċentrazzjoni proposta milli dawk fir-rigward tal-approvazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni bl-ebda mod ma tista' *tapprova* konċentrazzjoni "mingħajr attenzjoni", u hija u tagħmel hekk issostni l-analiżi tagħha bi provi inqas "konvinċenti" milli fil-każ ta' projbizzjoni. Altrimenti hija ma tkunx qiegħda twettaq sew il-funzjoni ewlenija tagħha li tipproteġi l-kompetizzjoni fis-suq intern kontra d-distorsjoni.

218. Għaldaqstant, jekk il-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti jkun iktar probabbli milli le, il-konċentrazzjoni għandha tiġi pprojbita; min-naħa l-oħra, jekk il-ħolqien jew it-tisħiħ ta' dik il-pożizzjoni huwa inqas probabbli milli le, il-konċentrazzjoni għandha tiġi approvata. Dawn iż-żewġ evalwazzjonijiet tal-probabbiltà huma żewġ naħat tal-istess munita. Kull waħda għandha ssir b'reqqa kbira u għandha tkun sostnuta b'bażi fattwali li hija mhux biss korretta u kompluta — għal dik provi "konvinċenti" huma meħtieġa — imma li tista' wkoll tissostanzja l-konklużjonijiet mislutin minnha [174].

173 — *Ibid* punt 42.

174 — Sentenzi ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 39, u General Electric vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 63); barra minn hekk, ara l-punti 173 u 174 iktar 'il fuq.

— Ebda preżunzjoni ġenerali ta' kompatibbiltà mas-suq komuni

219. Mis-simetrija deskritta hawn fuq u mill-importanza ugwali mogħtija lill-interessi legali protetti [175] jirriżulta li r-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi mhuwiex ibbażat fuq *preżunzjoni ġenerali* favur il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjonijiet mas-suq komuni. F'kull każ individwali, il-Kummissjoni għandha tagħmel konstatazzjoni espressa dwar jekk il-konċentrazzjoni inkwistjoni hijiex kompatibbli jew inkompatibbli mas-suq komuni [176] u l-impriżi parteċipanti huma espressament ipprojbiti milli jattwaw il-konċentrazzjoni tagħhom qabel ma tittieħed id-deċiżjoni (Artikolu 7(1) u (5) RKK).

220. Is-sentenza EDP vs Il-Kummissjoni [177] li fuqha jibbażaw ruħhom l-appellanti, ma jwassal għall-ebda konklużjoni differenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja għamiltha ċara li sempliċi dubji min-naħa tal-Kummissjoni mhumiex biżżejjed biex jiġġustifikaw il-projbizzjoni ta' konċentrazzjoni. Madankollu, minn dan ma jsegwix, *a contrario*, li hemm preżunzjoni ġenerali li l-konċentrazzjonijiet huma kompatibbli mas-suq komuni. Dan jidher ukoll minn daqqa t'għajn lejn il-15-il premessa tar-Regolament dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi, li minnha jirriżulta li, l-iktar, il-konċentrazzjonijiet

175 — Minn naħa, dawn l-interessi huma d-drittijiet u l-interessi tal-partijiet fil-konċentrazzjoni u, min-naħa l-oħra, l-interess pubbliku marbut mal-protezzjoni tal-kompetizzjoni mid-distorsjoni; għal darba oħra, fuq dan il-punt ara l-punt 214 iktar 'il fuq.

176 — Ara wkoll is-sentenza General Electric vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 61).

177 — Sentenza tal-21 ta' Settembru 2005 T-87/05, Ġabra p. II-3745, punt 64.

illi jkollhom sehem limitat tas-suq jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq komuni.

221. Fil-fehma tiegħi, huwa biss fiż-żewġ kategoriji li ser insemmi li, eċċezzjonalment ħafna, konċentrazzjoni tista' tkun preżunta li hija kompatibbli mas-suq komuni.

222. L-ewwel kategorija tikkonċerna konċentrazzjonijiet innotifikati li fuqhom il-Kummissjoni ma tkunx tat id-deċiżjoni tagħha fil-ħin, u dan bi ksur tal-obbligu statutorju tagħha. L-Artikolu 10(6) RKK jipprovdi li dawn il-konċentrazzjonijiet għandhom jitqiesu li huma kompatibbli mas-suq komuni, u dan bl-operazzjoni tal-liġi (ara wkoll l-Artikolu 7(1) u (5) RKK). Madankollu, peress li din hija eċċezzjoni, u fid-dawl tar-rwol li hija għandha fis-sistema leġiżlattiva flimkien mad-dispożizzjonijiet dwar it-termini, mill-Artikolu 10(6) RKK ma tistax tiġi dedotta preżunzjoni *ġenerali* iktar estiża li l-konċentrazzjonijiet huma kompatibbli mas-suq komuni [178].

223. It-tieni kategorija tikkonċerna l-konċentrazzjonijiet li l-investigazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni tipproduċi riżultat ta' provi tant mhux ċar li ma jkunx possibbli li ssir pronjosi affidabbli dwar jekk dawn eventwalment joħolqux jew isaħħux jew le pożizzjoni dominanti. L-Avukat Ġenerali Tizzano uża l-kliem "żona griża" biex jikkaratterizza dawn il-każijiet [179]. Madankollu, fil-fehma tiegħi dawn il-kliem m'għandhomx jiġu mifhuma ħażin bħala li jinvolvu numru kunsiderevoli ta' każijiet. Jidhirli li jista' jkun hemm biss ftit każijiet żgħar u infrekwenti li jitqiesu li huma fix-xifer li fihom, anki wara investigazzjonijiet tas-suq estensivi, ma jkunx ċar fuq liema naħa tax-xifer jaqa' l-każ. Huma biss dawk il-każijiet ta' *non liquet* li għandhom jiġu ddikjarati bħala kompatibbli mas-suq komuni u approvati abbażi tal-prinċipju *in dubio pro libertate.* Madankollu, mhuwiex possibbli li minn din il-kategorija ta' każijiet tiġi misluta preżunzjoni *ġenerali* iktar estiża li konċentrazzjonijiet huma kompatibbli mas-suq komuni.

224. Irrispettivament mill-portata eżatta ta' dawn iż-żewġ kategoriji, jidher ċar li dan il-każ ma jaqa' taħt l-ebda waħda minnhom. Il-Kummissjoni ma ħallietx, bi ksur tal-obbligi tagħha, it-terminu sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha jiskadi; lanqas, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-provi ma kienux ċari [180]. Għalkemm il-Kummissjoni stess irreferiet għal nuqqas ta' provi fir-rigward ta' ċerti fatti f'diversi stadji fl-ewwel deċizjoni ta' approvazzjoni tagħha [181], kif jidher s'issa hija qatt ma kklassifikat dan il-każ bħala każ li qiegħed fix-xifer ta' *non liquet.* Min-naħa l-oħra, fis-seduta orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-Kummissjoni enfasizzat espressament li d-diskussjoni ta' każijiet li

178 — Fir-rigward tal-Artikolu 10(6) RKK, ara wkoll il-punt 102 iktar 'il fuq.

179 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano tal-25 ta' Mejju 2004 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punti 76 sa 81, b'mod partikolari l-punt 76).

180 — Ara pereżempju l-punti 290, 294, 303, 347, 362, 407 u 435 tas-sentenza appellata.

181 — Ara pereżempju l-premessi 80, 87, 94, 101, 108, 111, 113, 150, 153 u 158 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

jkunu fix-xifer li fihom il-provi ma kienux ċari kienet biss ipotetika [182].

— Konklużjoni provviżorja

225. B'kollox, għaldaqstant, is-sottomissjonijiet tal-appellanti li fi proċeduri ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet ir-rekwiżiti fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni u ta' projbizzjoni huma żbilanċjati u li hemm preżunzjoni ġenerali li l-konċentrazzjonijiet huma kompatibbli mas-suq komuni għandhom jiġu miċħuda. Dan il-każ lanqas ma jaqa' taħt waħda miż-żewġ kategoriji ta' każijiet fejn, b'mod eċċezzjonali, hemm preżunzjoni li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni.

b) Ir-rekwiżiti ta' prova applikati mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'dan il-każ

226. Jibqa' biex jiġi kkunsidrat jekk f'dan il-każ il-Qorti tal-Prim'Istanza applikatx ir-rekwiżiti ta' prova korretti fir-rigward tal-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq it-trasparenza tas-suq.

227. L-appellanti jargumentaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kellhiex dritt teżiġi lill-Kummissjoni tipprova pożittivament in-*nuqqas ta' trasparenza tas-suq*: minflok, il-Qorti tal-Prim'Istanza kien imissha kienet sodisfatta billi tistħarreġ jekk, fiż-żmien tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, il-Kummissjoni kellhiex provi biżżejjed fir-rigward tal-*eżistenza tat-trasparenza tas-suq* [183]. Huwa evidenti li dan l-argument huwa bbażat fuq l-idea li r-rekwiżiti ta' prova għall-approvazzjoni ta' konċentrazzjoni għandhom ikunu inqas minn dawk biex din tiġi pprojbita.

228. Fil-fehma tiegħi dan l-argument mhuwiex konvinċenti, u dan għal żewġ raġunijiet.

229. L-ewwel nett, mis-simetrija tar-rekwiżiti ta' prova applikabbli fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni u ta' projbizzjoni [184], jirriżulta li ma tistax tagħmel differenza jekk il-Kummissjoni tkunx qiegħda tqis it-trasparenza tas-suq bil-għan li tapprova jew bil-għan li tipprojbixxi l-konċentrazzjoni inkwistjoni. Il-konstatazzjoni negattiva li suq mhuwiex *daqshekk trasparenti li jippermetti pożizzjoni dominanti kollettiva* twassal għall-istess riżultat u għaldaqstant teżiġi l-istess grad ta' prova bħall-konstatazzjoni pożittiva li s-suq inkwistjoni huwa tant *opak li jipprekludi konstatazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva.* Dawn iż-żewġ konstatazzjonijiet huma żewġ faċċati tal-istess munita. U t-tnejn li huma jippermettu li

182 — "Fl-ewwel istanza wkoll, il-Kummissjoni qalet li hija kienet ħasset li kien possibbli tiddefendi l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni abbażi tal-'bilanċ tal-probabbiltajiet'" (ara l-punt 7 tar-risposta tagħha fl-ewwel istanza).

183 — B'mod partikolari, l-appellanti jirreferu għall-punti 289, 366, 381 sa 387, 389, 407, 420, 428, 429, 433, 449 sa 457 u 459 tas-sentenza appellata.

184 — Ara l-punti 212 sa 218 iktar 'il fuq.

jiġi eskluż li hemm riskju li tinħoloq jew tissaħħaħ pożizzjoni dominanti kollettiva, sakemm il-fatti li fuqhom hija bbażata kull konstatazzjoni huma korretti, kompluti u jistgħu jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom.

230. It-tieni nett, jidhirli li l-kritika tal-appellanti fir-rigward tar-rekwiżiti ta' prova applikati mill-Qorti tal-Prim'Istanza hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. Jekk wieħed jaraha iktar mill-qrib, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma takkużax lill-Kummissjoni li din naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti ta' prova fl-evalwazzjoni tagħha tal-effett tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni. Minflok fl-istħarriġ tagħha tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza torjenta ruħha fuq il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li s-suq "mhuwiex trasparenti biżżejjed biex jippermetti l-pożizzjoni dominanti kollettiva"[185]. Għaldaqstant, kif talbu l-appellanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza anki waslet saħansitra biex tistħarreġ jekk fil-fatt kienx hemm l-allegata insuffiċjenza ta' provi li s-suq kien trasparenti.

231. L-iżball manifest ta' evalwazzjoni kkonstatat mill-Qorti tal-Prim'Istanza ma kienx jikkonsisti f'nuqqas pożittivament li jiġi ppruvat in-nuqqas ta' trasparenza tas-suq iżda minflok f'nuqqas li jitqiesu l-fatti rilevanti kollha fl-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni u fil-fatt li l-fatti li ttieħdu inkunsiderazzjoni ma setgħux jissostanzjaw il-konklużjoni li waslet għaliha l-Kummissjoni[186].

c) Konklużjoni provviżorja

232. B'hekk, it-tieni parti tat-tielet aggravju hija infondata. L-istess japplika għas-sottomissjonijiet fil-punti 98 sa 100 u 102 tal-appell, li, fis-sustanza, jikkoinċidu mat-tieni parti tat-tielet aggravju.

B — *Limitazzjonijiet fuq il-poter tal-Qorti tal-Prim'Istanza biex tanalizza l-fatti u l-provi (ir-raba' aggravju)*

233. Bir-raba' aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza eċċediet il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju billi naqset milli tosserva l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni u, f'diversi mumenti, billi ssostitwiet l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti u tal-provi b'dik tal-Kummissjoni; b'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha wettqet żbalji manifesti u interpretat b'mod żbaljat il-provi[187].

234. Filwaqt li l-Kummissjoni ssostni dan l-aggravju, Impala tiddefendi s-sentenza appellata.

185 — Punti 289 u 459 tas-sentenza appellata; ara wkoll il-punti 287, 366 u 371 tal-istess sentenza.

186 — Ara b'mod partikolari l-punti 377, 390, 459 u 542 tas-sentenza appellata.

187 — Id-diskussjoni segwenti tapplika wkoll fir-rigward tal-parti tas-sitt aggravju li tinsab fil-punti 101 u 102 tal-appell.

1. Id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni u l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha

a) Is-sentenza appellata

235. In sostenn tal-ilment tagħha li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma rrispettatx il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni u minflok issostitwiet l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti u l-provi fuq diversi punti, l-appellanti jislitu l-eżempji li ġejjin mis-sentenza appellata:

— Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeskriviet l-allinjament tal-prezzijiet tal-katalogu bħala "aċċentwat ħafna", mentri l-Kummissjoni rreferiet biss għall-prezzijiet tal-katalogu bħala "pjuttost allinjati" [188].

— Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeskriviet il-varjazzjoni fil-livelli ġenerali tal-iskontijiet fuq il-fatturi applikati mill-partijiet fil-konċentrazzjoni bħala "baxxa ħafna" [189].

— Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat l-iskontijiet promozzjonali bħala li "għandhom biss impatt limitat fuq il-prezzijiet" [190].

— Il-Qorti tal-Prim'Istanza rreferiet għal "livell għoli ta' trasparenza tal-prezzijiet" u "trasparenza kbira tas-suq", [191] u kkunsidrat ir-rapporti ta' kull ġimgħa tal-partijiet fil-konċentrazzjoni bħala "fattur addizzjonali ta' trasparenza tas-suq"; [192] il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset l-iskontijiet promozzjonali bħala "intiż sabiex il-pubbliku jsir jaf bih" [193] u "pjuttost pubbliċi u trasparenti" [194].

— Skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, id-differenzi fil-firxiet ta' skontijiet jistgħu jkunu "r-riżultat ta' differenzi fir-rendimenti' u ma pprekludewx li l-iskontijiet jistrieħu fuq sett magħruf ta' regoli" [195].

— Il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljatament qieset id-data ekonomika li ġiet prodotta bħala irrilevanti għall-kwistjoni dwar jekk l-iskontijiet promozzjonali kell-

188 — Punt 299 tas-sentenza appellata.

189 — Punt 307 tas-sentenza appellata; l-appellanti jirreferu wkoll għall-punti 421, 419, 424, 444 u 457 tas-sentenza appellata, li fihom huma jidentifikaw dikjarazzjonijiet simili mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

190 — Punt 317 tas-sentenza appellata.

191 — Punti 347 u 361 tas-sentenza appellata.

192 — Punt 354 tas-sentenza appellata.

193 — Punt 402 tas-sentenza appellata. Għandu jiġi osservat li din il-pretensjoni hija bbażata fuq il-verżjoni — awtorevoli — Ingliża tas-sentenza ("destined to become *public knowledge*"), filwaqt li l-verżjoni Franċiża tgħid li skont promozzjonali, "semble, par essence, avoir vocation à revêtir *un caractère de publicité*", li ma tidhirx li hija wisq simili għat-terminu Ingliż, "*public knowledge*" (enfasi miżjuda).

194 — Punti 403, 405, 406 u 436 tas-sentenza appellata.

195 — Punt 420 tas-sentenza appellata.

homx rwol sinjifikattiv għall-iktar albums mibjugħa[196].

b) Analiżi

236. Kif diġà ssemma f'partijiet oħra[197], fil-kuntest ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni li mhuwiex insinjifikanti sabiex tevalwa sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-istħarriġ li l-qorti Komunitarja għandha teżerċita f'dan ir-rigward għandu jkun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif ukoll tal-eżattezza materjali tal-fatti, tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni jew abbuż ta' poter[198].

237. Bil-kritika tagħhom tas-siltiet fis-sentenza appellata ċċitati fil-punt 235 iktar 'il fuq, l-appellanti fl-aħħar iqajmu l-kwistjoni tal-limiti li, fil-kuntest tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni timponi fuq l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tagħha fir-rigward ta' *iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni*[199].

238. Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja esprimiet ruħha riċentament f'Tetra Laval bil-mod kif ġej:

"Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ekonomiċi, dan ma jfissirx illi l-qorti Komunitarja għandha toqgħod lura milli tistħarreġ l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni ta' informazzjoni ta' natura ekonomika. Fil-fatt, il-qorti Komunitarja mhux biss għandha tivverifika li l-provi prodotti jkunu fattwalment korretti, affidabbli u konsistenti, iżda għandha tistħarreġ ukoll jekk dawn il-provi jikkostitwixxux l-informazzjoni kollha rilevanti li għandha tiġi kkunsidrata sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk din hijiex kapaċi tissostanzja l-konklużjonijiet milħuqa[200]."

239. Fid-dawl ta' dan il-kriterji għall-istħarriġ, ikun żbaljat li jitqies li l-marġni ta'

196 — Punt 456 tas-sentenza appellata.

197 — B'mod partikolari ara d-diskussjoni li tikkonċerna l-ewwel u s-sitt aggravji fil-punti 126 u 173 iktar 'il fuq.

198 — Sentenzi tat-3 ta' April 2003, Petrolessence u SG2R vs Il-Kummissjoni, T-342/00, Ġabra p. II-1161, punt 101, EDP vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 177 punt 151), u tal-4 ta' Lulju 2006, Easyjet vs Il-Kummissjoni, C-177/04, Ġabra p. II-1931, punt 44.

199 — *En passant* jista' jingħad li l-kuntest li fih saret il-kritika tal-appellanti fir-rigward ta' ftit mill-konstatazzjonijiet, b'mod partikolari dawk li jinsabu fil-punti 299, 307 u 317 tas-sentenza appellata, jindika li dawn jaqgħu taħt l-*istħarriġ formali* tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni għal *nuqqas li jingħataw ir-raġunijiet*. Il-kritika hija prinċipalment indirizzata lil dak li ngħad iktar 'il fuq fir-rigward tat-tielet parti tas-sitt aggravju (ara b'mod partikolari l-punti 114 sa 131). Madankollu, peress li jidher li l-appellanti jassumu li l-punti 299, 307 u 317 tas-sentenza appellata fihom ukoll elementi tal-istħarriġ tal-mertu tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni għal żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, fis-segwenti jiena sejra nanalizzahom anki taħt dan l-aspett.

200 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 39); bl-istess mod is-sentenzi Spanja vs Lenzing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punti 56 u 57), u General Electric (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 63).

diskrezzjoni tal-Kummissjoni jipprekludi lill-Qrati Komunitarji f'kull każ milli jagħtu l-evalwazzjoni tagħhom tal-fatti u tal-provi. Għall-kuntrarju, huwa essenzjali għall-Qrati Komunitarji li jagħmlu tali evalwazzjoni tagħhom proprja meta jkunu qegħdin jevalwaw jekk il-materjal fattwali li fuqu kienet ibbażata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienx preċiż, affidabbli, konsistenti u komplut, u jekk dan il-materjal fattwali setgħax jissostanzja l-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet minnu. Altrimenti, il-Qrati Komunitarji ma jkunux jistgħu jevalwaw jekk il-Kummissjoni kinitx baqgħet fil-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni li hija għandha jew kinitx wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni [201].

240. Il-Qorti tal-Prim'Istanza teċċedi l-limiti ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet biss meta l-pożizzjoni fattwali u probatorja tippermetti evalwazzjonijiet differenti, il-Kummissjoni tadotta waħda minnhom, u l-Qorti tal-Prim'Istanza xorta waħda tissostitwixxi l-evalwazzjoni differenti proprja tagħha għal dik tal-Kummissjoni.

241. Jekk wieħed jikkunsidra l-eżempji mis-sentenza appellata li fuqhom ibbażaw ruħhom l-appellanti minn din il-perspettiva, jidher ċar li għalkemm il-Qorti tal-Prim'Istanza f'kull każ għamlet l-evalwazzjoni proprja tagħha tal-pożizzjoni fattwali u probatorja hija baqgħet kjarament fil-limiti propji ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' kontroll ta' konċentrazzjonjiet.

242. L-ewwel nett, wieħed ma jistax jilmenta minn żball ta' liġi safejn il-Qorti tal-Prim'Istanza stħarrġet il-fatti stabbiliti mill-Kummissjoni fir-rigward ta' jekk u safejn din kienet prova favur jew kontra t-trasparenza tas-suq. Għaldaqstant, konstatazzjonijiet bħal dawk fil-punti 299, 307, 317, 347, 354 u 361 tas-sentenza appellata li huma kkritikati mill-appellanti kienu legali, pereżempju d-dikjarazzjoni "li tliet fatturi rrilevati fid-deċiżjoni […] huma ta' natura li joħolqu livell għoli ta' trasparenza tal-prezzijiet" (punt 347).

243. It-tieni nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet intitolata wkoll tifforma l-fehma tagħha fir-rigward ta' jekk u safejn il-materjal fattwali stabbilit mill-Kummissjoni fir-rigward ta' skontijiet tal-prezzijiet u b'mod partikolari skontijiet promozjonali, kien suffiċjenti sabiex jeskludi li kien hemm biżżejjed trasparenza fis-suq li tippermetti konstatazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva. Għaldaqstant, il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza bħal dawk fil-punti 402, 403, 405, 406, 419, 420, 421, 424, 436, 444, 456 u 457 tas-sentenza appellata li huma kkritikati mill-appellanti kienu wkoll legali, pereżempju d-dikjarazzjoni li l-iskontijiet promozzjonali jirrappreżentaw biss parti żgħira mill-prezz gross li bih jinbiegħu l-albums (punt 457).

244. Fis-sustanza, fil-punti kkontestati tassentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat il-kriterji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja stess [202] u stħarrġet b'mod partikolari jekk il-bażi fattwali tal-ewwel

201 — Ara l-punt 179 iktar 'il fuq, għalkemm f'kuntest differenti.

202 — Għal darb'oħra erġa' ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 96, punt 39), li ġiet ikkonfermata reċentement mis-sentenza Spanja vs Lenzing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97, punt 57).

deċiżjoni ta' approvazzjoni setgħetx tissostanzja l-konklużjoni tal-Kummissjoni li s-suq ma kienx suffiċjentement trasparenti sabiex jippermetti pożizzjoni dominanti kollettiva.

245. Il-Qorti tal-Prim'Istanza bl-ebda mod ma ssostitwiet l-evalwazzjoni tagħha tat-trasparenza tas-suq b'evalwazzjoni daqstant raġjonevoli tal-Kummissjoni u bl-ebda mod ma ħadet ir-responsabblità li tiddeċiedi jekk il-konċentrazzjoni kkontestata kinitx kompatibbli jew inkompatibbli mas-suq komuni[203]. Hija kkonkludiet biss li l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni f'dan il-każ ma kienux sostnuti bil-bażi fattwali tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni tagħha[204]. Din l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza hija parti mill-evalwazzjoni tagħha tal-fatti u tal-provi fi proċeduri tal-ewwel istanza u bħala tali ma tistax tiġi mistħarrġa fi proċeduri ta' appell, salv, madankollu, għall-kwistjoni ta' żnaturament tal-fatti u tal-provi, li jiena sejra nanalizza dalwaqt.

246. B'kollox, nikkonkludi li fl-istħarriġ sostantiv tagħha tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni l-Qorti tal-Prim'Istanza ma naqsitx milli tirrispetta l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni.

2. L-allegat żnaturament tal-provi

247. L-appellanti jilmentaw ukoll li fil-punti 425, 427 u 434 tas-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat il-provi. Fis-siltiet ikkontestati tas-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat il-fehma tal-Kummissjoni li l-iskontijiet promozzjonali ma kienux trasparenti.

248. Qabel ma ndur biex nikkunsidra dawn il-punti tas-sentenza appellata, nerġa' nfakkar il-kriterji stretti li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet fil-ġurisprudenza stabbilita tagħha għall-istħarriġ ta' allegazzjoni li l-provi ġew żnaturati. Skont din il-ġurisprudenza, jista' jiġi kkonstatat li l-provi ġew żnaturati meta, *mingħajr ma jsir riferiment għal provi ġodda*, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tidher *manifestament żbaljata*[205]. Għaldaqstant, il-kwistjoni mhijiex li jiġi mistħarreġ jekk l-analiżi tal-provi mill-Qorti tal-Prim'Istanza hijiex *konvinċenti* mill-perspettiva tal-Qorti tal-Ġustizzja. Altrimenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun qegħda sempliċiment tissostitwixxi l-analiżi proprja tagħha tal-provi għal dik tal-Qorti tal-Prim'Istanza, u dan mhuwiex il-kompitu tagħha fi proċeduri ta' appell. Sakemm l-analiżi tal-provi mill-Qorti tal-Prim'Istanza hija tal-inqas ġustifikabbli, mhemmx żnaturament tal-provi.

203 — Ara l-punt 479 tas-sentenza appellata: "il-kompitu tal-Qorti tal-Prim'Istanza mhuwiex li tiddeċiedi fuq il-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni, iżda li tistħarreġ il-legalità tal-konstatazzjonijiet magħmula fid-deċiżjoni."

204 — Punt 452 tas-sentenza appellata.

205 — Sentenzi tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill, C-229/05 P, Ġabra p. I-445, punt 37, tat-18 ta' Lulju 2007, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni, C-326/05 P, Ġabra p. I-6557, punt 60 u tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni, C-260/05 P, Ġabra p. I-10005, punt 37.

249. Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel l-istħarriġ tagħha esklużivament b'riferenza għall-proċess [206].

a) Il-punt 425 tas-sentenza appellata

250. Fil-punt 425 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza teżamina xi wħud mit-tabelli ppreżentati mill-Kummissjoni u tikkonstata li:

"Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li l-kalkolu tad-differenzjali bejn l-iskontijiet minimi u massimi minn klijent għal klijent [...] twettaq b'mod żbaljat, fil-parti l-kbira tal-każijiet, billi ttieħdu inkunsiderazzjoni l-iskontijiet mogħtija mill-parti l-oħra, filwaqt [...] dan il-kalkolu għandu jsir abbażi tad-differenzjali bejn l-iskontijiet minimi u massimi mogħtija minn parti waħda lid-diversi klijenti tagħha."

251. Il-fehma tal-appellanti hija li dan huwa żnaturament tal-provi. B'mod speċifiku, fil-proċeduri fl-ewwel istanza, il-Kummissjoni qalet lill-Qorti tal-Prim'Istanza li hija kienet ikkalkulat id-differenzjali bejn l-iskontijiet minimi u massimi b'riferiment għall-iskontijiet tal-prezzijiet mill-ammont tal-fattura li waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni kienet tat lill-istess klijent għal kull wieħed mill-aqwa 20 album tagħha. Dan kien jirriżulta ċar mill-punti 19 sa 22 tad-dokument tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2005 [207], u rriżulta kjarament mill-Anness E.2 ta' dak id-dokument.

252. Sabiex isir stħarriġ siewi tal-allegazzjoni ta' żnaturament tal-provi, jeħtieġ illi l-ewwel nett jiġi aċċertat b'mod eżatt għal liema tabelli kienet qed tirreferi l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 425 tas-sentenza appellata. Sfortunatament, il-verżjoni awtorevoli uffiċjali Ingliża tas-sentenza mhijiex preċiża fuq dan il-punt. Minkejja dan, jidher anki minn din il-verzjoni Ingliza tal-punt 425 illi l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet qed tirreferi għal tabelli "which are intended to show the maximum campaign discounts granted by Sony and BMG for their best-selling albums" [208] u fejn differenzjali bejn l-iskontijiet minimi u massimi kien ikkalkolata minn klijent għal klijent.

253. F'dan ir-rigward, il-verżjoni Franċiża tas-sentenza appellata hija iktar preċiża. Għalkemm mhijiex awtorevoli f'din il-kawża, din il-verżjoni lingwistika, li biha s-sentenza ġiet abbozzata u mogħtija, fiha indikazzjonijiet addizzjonali dwar dak li l-Qorti tal-Prim'Istanza riedet fil-fatt tirreferi għalih fil-punt 425, senjatament "it-tabelli fl-Anness

206 — Sentenzi tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, Ġabra p. I-3173, punt 54, JCB Service vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 127, punt 108) u Wunenburger vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 44, punt 67).

207 — Dokument tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2005 li jwieġeb għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

208 — "As regards the tables, *which are intended to show the maximum campaign discounts granted by Sony and BMG for their best-selling albums*, [...]'" (enfasi miżjuda).

E.4.2" [209]. Fil-fatt fil-proċess, il-faċċata ta' quddiem tal-Anness E.4.2 tinkludi titolu li huwa kjarament simili għall-kliem introduttorju tal-punt 425 tas-sentenza appellata [210], u t-tabelli fl-Anness E.4.2 jidentifikaw id-differenzjali li ssir riferenza għalih fil-punt 425 bejn l-iskontijiet minimi u massimi minn klijent għal klijent.

254. Għaldaqstant, ser nipproċedi fuq il-premessa li l-punt 425 tas-sentenza appellata jirreferi għat-tabelli fl-Anness E.4.2. Madankollu, dan l-Anness bl-ebda mod ma jindika li d-diskussjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 425 hija *kjarament żbaljata*. Huwa vera li t-tabelli fl-Anness imsemmi, bl-eċċezzjoni għat-titolu fil-faċċata tal-Anness, ma fihom l-ebda spjegazzjoni addizzjonali. Madankollu, anki ħarsa qasira lejn l-ewwel u t-tieni tabella fl-Anness E.4.2 turi li l-kritika tal-Qorti tal-Prim'Istanza hija ġġustifikata. Fil-kalkolu tad-differenzjali bejn l-iskontijiet minimi u massimi mgħotija minn klijent għal klijenti, xi drabi l-valuri għal Bertelsmann u Sony huma mitfugħin fl-istess barmil. F'termini sempliċi, wieħed jista' jgħid illi t-tuffieħ ġie mqabbel mal-lanġas [211].

255. Lanqas ma jirriżulta mid-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-punti 19 sa 22 tad-dokument tagħha tal-21 ta' Settembru 2005 li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat ħażin b'mod manifest it-tabelli fl-Anness E.4.2. Skont il-kliem tagħhom, l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni hemmhekk tirreferi biss għall-Annessi B.6, B.8 u E.2. B'kuntrast, is-siltiet fid-dokument tal-Kummissjoni li l-appellanti qed jirreferu għalihom ma fihom l-ebda spjegazzoni tat-tabelli fl-Anness E.4.2 inkwistjoni f'dan l-istadju.

256. Fid-dawl ta' dan kollu jidhirli li l-ilment ta' żnaturament tal-provi huwa infondat firrigward tal-punt 425 tas-sentenza appellata.

b) Il-punt 427 tas-sentenza appellata

257. Fil-punt 427 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tgħid hekk:

"F'kull każ, anki jekk jitqies li d-diversi tabelli mħejjija mill-partijiet fil-konċentrazzjoni u prodotti mill-Kummissjoni huma effettivament ta' natura li jistabbilixxu l-varjazzjonijiet ftit iktar jew anqas importanti allegati, jibqa' l-fatt li, kif osservat ġustament ir-rikorrenti, dawn il-varjazzjonijiet huma ta' rilevanza dubjuża peress li [...] huma juru biss firxiet mingħajr ma janalizzaw il-medji mwieżna u l-varjazzjonijiet b'riferiment għall-medji [...]"

209 — Fil-verżjoni Franċiża tas-sentenza appellata, il-punt 425 jibda, "S'agissant des tableaux *de l'annexe E 4.2* qui ont pour objet de montrer les remises promotionnelles maximales accordées par Sony et BMG pour leurs albums les mieux vendus, [...]" (enfasi miżjuda).

210 — It-titolu fuq il-faċċata ta' quddiem tal-Anness E.4.2 jaqra: "*Invoice discounts granted to each major customer for each top album listed in Annex B.13, with an estimate of the highest campaign discount granted to each customer for such albums*".

211 — Pereżempju, fit-tielet kolonna tal-ewwel tabella fl-Annes E.4.2 l-iktar skont baxx mogħti minn Sony (SMEI) huwa mqabbel mal-ogħla skont mogħti minn Bertelsmann (BMG); l-istess jiġri fit-tielet kolonna tat-tieni tabella fl-Anness E.4.2.

258. Il-fehma tal-appellanti hija li, għall-kuntrarju, ħafna mill-affarijiet fit-tabelli u fil-grafiċi ppreżentati mill-Kummissjoni lill-Qorti tal-Prim'Istanza fir-risposta tagħha tal-11 ta' Frar 2005 fl-ewwel istanza huma tassew ibbażati fuq valuri medji mwieżna. F'dan ir-rigward, huma jagħmlu riferiment għall-Annessi B.4, B.8, B.9, B.10 u B.13, kif ukoll għall-ispjegazzjonijiet addizjonali mogħtija mill-Kummissjoni fl-ewwel istanza fid-dokument tagħha tal-14 ta' Marzu 2007.

259. Fuq dan il-punt, jeħtieġ illi jiġi nnutat illi fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza tagħmel distinzjoni lingwistika ċara bejn tabelli u grafiċi [212]. Fil-punt 427 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi espressament għad-diversi tabelli ppreżentati mill-Kummissjoni. Għalhekk kont nistenna li sabiex jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom ta' żnaturament tal-provi l-appellanti jirreferu wkoll għal dawk il-partijiet tal-fajl tal-proċessi li kienu jinkludu *tabelli*. Madankollu, wara li ħarist lejn l-Annessi B.4, B.8, B.9, B.10 u B.13, nikkonkludi li għalkemm dawn fihom diversi *grafiċi*, ebda wieħed minn dawn l-Annessi ma fih xi *tabelli*. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Annessi li sar riferiment għalihom ma jistgħux jippruvaw l-allegat żnaturament tal-provi kif daqstant ieħor ma jistgħux jippruvawh l-ispjegazzjonijiet ta' dawn l-Annessi mogħtija mill-Kummissjoni.

260. Huwa ħafna iktar probabbli li fil-punt 427 il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet qed tirreferi għal tabelli bħal dawk li jinsabu fl-Annessi B.6 u B.7 li jikkonċernaw skontijiet fuq il-fattura u li, barra minn hekk, jinkludu l-"firxiet" li tirreferi għalihom il-Qorti tal-Prim'Istanza. Madnakollu, l-appellanti ma jagħmlu ebda sottomissjonijiet fir-rigward ta' dawn.

261. Fid-dawl ta' dan kollu nikkonkludi li l-ilment ta' żnaturament tal-provi huwa infondat fir-rigward tal-punt 427 tas-sentenza appellata.

c) Il-punt 434 tas-sentenza appellata

262. Fil-punti 431 sa 434 tas-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza tikkunsidra l-kwistjoni dwar jekk huwiex possibbli li jiġu stabbiliti l-prezzijiet netti tal-bejgħ lill-bejjiegħa bl-imnut abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ permezz ta' "reverse engineering". L-isfond għal dan huwa s-sottomissjoni ta' Impala fl-ewwel istanza li l-mark-ups tal-bejjiegħa bl-imnut kienu ġeneralment trasparenti u magħrufa bi grad għoli ta' preċiżjoni [213].

263. Il-punt 434 tas-sentenza appellata jinkludi s-segwenti:

212 — Ara, pereżempju, il-punti 393, 401, 415, 416, 420 sa 428 u 455 sa 457 tas-sentenza appellata, li jirreferu għal "tabelli" ("Tabellen" bil-Ġermaniż) filwaqt illi, pereżempju, il-punti 129 u 419 tas-sentenza appellata jirreferu għall-"grafiċi" ("Grafiken" bil-Ġermaniż).

213 — Dan il-kuntest jirriżulta mill-punti 431 u 433 tas-sentenza appellata.

"[…] l-istudju ppreparat mill-ekonomisti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jippreżentax data suffiċjentement affidabbli, rilevanti u komparabbli u ma jippermettix li jiġu sostnuti l-konklużjonijiet li tislet minnu l-Kummissjoni. Anki jekk jitqies li hija stabbilita, iċ-ċirkustanza li mhux il-bejjiegħa bl-imnut kollha dejjem japplikaw sistematikament l-istess mark-up għall-prezz bl-imnut hija, f'kull każ, irrilevanti. Filwaqt li huwa tabilħaqq probabbli li t-tipi differenti ta' bejjiegħa bl-imnut (supermarkits, kumpanniji indipendenti, stabbilimenti speċjalizzati, eċċ) japplikaw politika ta' mark-up differenti, u li jeżistu differenzi fi ħdan kull kategorija ta' operaturi, u anki differenzi għal kull operatur individwali skont it-tipi ta' album jew il-grad ta' suċċess tagħhom, min-naħa l-oħra xejn mhuwa probabbli, u l-istudju ma jikkontjeni ebda data f'dan ir-rigward, li bejjiegħ bl-imnut ser japplika politika ta' bejgħ differenti għall-istess tip ta' album."

264. L-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza injorat l-istudju magħmul mill-esperti ekonomiċi tagħhom li ġie ppreżentat mill-Kummissjoni bħala Anness B.17 [214] u b'mod partikolari t-taqsima 2 ta' dan l-istudju. Dan allegatament jinkludi informazzjoni ekonomika komprensiva li turi li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet żbaljata inkwantu kkonstatat illi l-bejjiegħa bl-imnut kienu jsegwu politika ta' mark-up uniformi.

265. Din is-sottomissjoni ma tikkonvinċinix. Minn sempliċi qari tal-punt 434 tas-sentenza appellata, jidher ċar illi l-Qorti tal-Prim'Istanza mhux talli ma injoratx dan l-istudju, iżda anżi kkunsidratu.

266. Fir-rigward tal-kontenut tal-istudju, huwa korrett li t-taqsima 2 tiegħu tikkonċerna *l-politika ta' mark-up* tal-bejjiegħa bl-imnut u b'mod partikolari jekk il-bejjiegħa bl-imnut japplikawx mark-ups standard. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat illi l-istudju kien nieqes minn informazzjoni rigward jekk "bejjiegħ bl-imnut japplika[x] *politika ta' bejgħ* differenti għall-istess tip ta' album" [215]. Wara li qrajt l-istudju fl-Anness B.17, wasalt għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Prim'Istanza.

267. Fid-dawl ta' dan kollu, jidhirli li l-ilment dwar l-iżnaturament tal-provi huwa infondat fir-rigward tal-punt 434 tas-sentenza appellata.

3. Konklużjoni provviżorja

268. Għaldaqstant, ir-raba' agravvju huwa kollu kemm hu infondat, kif huma wkoll il-punti magħmula fil-punti 101 u 102 tal-appell li fis-sustanza tagħhom jikkoinċidu mar-raba' aggravju.

214 — Dan huwa l-anness B.17 tar-risposta tal-Kummissjoni fl-ewwel istanza.

215 — Punt 434 tas-sentenza appellata (enfasi miżjuda).

C — *L-użu ta' provi mhux żvelati fis-sentenza appellata (is-seba' aggavju)*

269. Permezz tas-seba' aggravju tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat legalment meta hija bbażat is-sentenza tagħha fuq provi li ma kienux ġew żvelati lill-applikanti, li fuqhom huma ma kellhomx opportunità jikkummentaw, u li ma kienux ġew ippreżentati quddiem il-Kummissjoni fiż-żmien illi hija adottat l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. Peress illi tali provi ma setgħux ipprovdew bażi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, lanqas l-annullament tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni ma seta' jkun ibbażat fuq tali provi.

270. Il-punt prinċipali ta' kontestazzjoni f'dan l-aggravju huwa d-diskussjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar it-trasparenza tal-prezzijiet u b'mod partikolari tal-opportunità — ikkontestata — tal-majors li jissorveljaw is-suq tal-bejgħ bl-assistenza ta' rapporti ta' kull ġimgħa mill-aġenti tagħhom [216]. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Prim'Istanza l-ewwel tenfasizza waħda mill-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, jiġifieri li Sony u Bertelsmann *kellhom sistema ta' rapporti ta' kull ġimgħa* li kienet tinkludi informazzjoni fuq il-kompetituri tagħhom ukoll [217]. Biex tkompli ssostni dan, fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi wkoll għal ċerti dokumenti ppreżentati minn Impala u klassifikati bħala kunfidenzjali [218].

271. Peress illi l-appellanti jilmentaw *inter alia* li huma ma setgħux jikkummentaw fuq dawn l-aħħar imsemmija dokumenti *quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza*, irid l-ewwel jiġi kkunsidrat jekk kienx hemm xi ksur tal-prinċipju tal-proċeduri fil-kontradittorju *quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza*.

272. M'hemmx dubju li deċiżjoni ġudizzjarja ma tistax tkun ibbażata fuq fatti u dokumenti li l-*partijiet infushom* — jew wieħed minnhom — ma kinux jafu dwarhom u li għaldaqstant huma lanqas ma setgħu jikkummentaw fuqhom [219]. Madankollu, f'din il-kawża, fil-proċeduri fl-ewwel istanza, l-appellanti ma kinux fil-pożizzjoni ta' *parti* fil-kawża, iżda pparteċipaw biss bħala *intervenjenti* sabiex isostnu lill-Kummissjoni. Bħala tali huma għandhom pożizzjoni iktar dgħajfa fil-proċeduri minn rikorrent jew konvenut.

273. B'mod partikolari, it-tieni sentenza tal-Artikolu 116(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tipprovdi espressament li l-President jista', fuq talba ta' parti, jeskludi xi dokumenti sigrieti jew kunfidenzjali milli jiġu żvelati lil intervenjent, u dan mhuwiex rari b'mod partikolari fi proċeduri fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni [220]. Partikolarment fil-kawżi Komunitarji dwar

216 — Punti 352 sa 361 u 451 tas-sentenza appellata.

217 — Ara l-punt 352 tas-sentenza appellata, li jikkwota mill-premessa 113 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

218 — Punti 356 sa 360, 389 u 451 tas-sentenza appellata.

219 — Sentenzi maqgħuda tat-22 ta' Marzu 1961, Snupat vs L-Awtorità Għolja, 42/59 u 49/59, Ġabra p. 101, 169; tal-10 ta' Jannar 2002, Plant *et* vs Il-Kummissjoni u South Wales Small Mines, C-480/99 P, Ġabra p. I-265, punt 24, u tat-2 ta' Ottubru 2003, Corus UK vs Il-Kummissjoni, C-199/99 P, Ġabra p. I-11177, punt 19. Ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-29 ta' Mejju 1986, Feldbrugge vs L-Olanda, Serje A, Nru 99, p. 16, punt 44), u tal-31 ta' Ottubru 2006, Aksoy (Eroğlu) vs It-Turkija, (Nru 59741/00, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

220 — Ara pereżempju d-digriet tal-15 ta' Ġunju 2006, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, T-271/03, Ġabra p. II-1747.

il-kompetizzjoni l-ġbir ta' provi huwa kkaratterizzat bil-fatt illi d-dokumenti meqjusa spiss jinkludu sigrieti kummerċjali jew informazzjoni oħra li jew ma tkunx tista tiġi assolutament ippubblikata jew biss taħt restrizzjonijiet sinjifikattivi [221]. Għaldaqstant, huwa diġà inerenti fl-iskema tar-Regoli tal-Proċedura li l-Qorti tal-Prim'Istanza tista' tibbaża s-sentenza tagħha, jekk ikun il-każ, fuq provi li ma jkunux ġew żvelati lill-intervenjenti (ara l-Artikolu 67(3)(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza u iktar minn hekk l-Artikolu 287 KE).

274. Fil-fatt, b'kuntrast ma' dak li jista' jidher mal-ewwel daqqa t'għajn, it-trattament kunfidenzjali ta' dokumenti sottomessi minn Impala huwa inqas problema fil-proċeduri avversarjali quddiem *il-Qorti tal-Prim'Istanza* milli kwistjoni ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet fil-konċentrazzjoni fil-*proċedura amministrattivi.*

275. L-appellanti ġustament jissottomettu li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kellhiex dritt tistrieħ fuq id-dokumenti kkontestati li ġew ippreżentati minn Impala biex isostnu l-annullament tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni, peress illi l-Kummissjoni nnifisha ma kienx imissha użat dawn id-dokumenti, minħabba n-natura kunfidenzjali tagħhom. Jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkunsidra ċerti dokumenti kunfidenzjali tant illi żżomm lura l-kontenut kollu tagħhom mill-impriżi li jkunu qed jipparteċipaw fil-konċentrazzjoni [222], il-Kummissjoni ma tistax raġjonevolment tkun mistennija tistrieħ fuqhom fil-proċedura amministrattiva biex tiġġustifika deċiżjoni ta' projbizzjoni possibbli, jew anki sempliċiment biex tirribatti argumenti partikolari tal-partijiet fil-konċentrazzjoni.

276. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta sostniet id-deċiżjoni tagħha li tannulla l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni billi bbażat ruħha fuq dokumenti kunfidenzjali ppreżentati minn Impala.

277. Madankollu, dan l-iżball ta' liġi ma jfissirx illi s-sentenza appellata għandha tiġi annullata, peress illi l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza kienu sostnuti b'raġunijiet oħra li ma kinux relatati mad-dokumenti kunfidenzjali sottomessi minn Impala. Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq dawk id-dokumenti kien biss wieħed mill-fatturi li minnhom hija kkonkludiet li "t-trasparenza diġà qawwija [...] hija msaħħa iktar" [223]. Għaldaqstant, anki jekk, b'kunsiderazzjoni għad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet irrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni d-dokumenti kunfidenzjali ppreżentati minn Impala, dan xorta ma kienx ikun ippreġudika bl-ebda mod il-konklużjonijiet li hija wasslet għalihom fis-sentenza appellata [224].

278. Minn dan isegwi li s-seba' aggravju huwa infondat ukoll.

221 — Sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Salzgitter Mannesmann vs Il-Kummissjoni, C-411/04 P, Ġabra p. I-959, punt 43.

222 — Anki jekk għandi dubju kunsiderevoli wara li ħarist lejn il-proċess tal-proċeduri fl-ewwel istanza dwar jekk tali approċċ kienx iġġustifikat f'dan il-każ, mhuwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn il-proċeduri ta' appell li tqiegħed f'dubju l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-kunfidenzjalità ta' dawn id-dokumenti.

223 — Punti 348 sa 362, b'mod partikolari l-punt 362 tas-sentenza appellata.

224 — Fl-istess sens ara, is-sentenzi Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121, punt 72), Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 117, punt 30) u tad-29 ta' Ġunju 1995, Solvay vs Il-Kummissjoni, T-30/91, Ġabra p. II-1775, punt 58.

D — *Konklużjoni provvižorja*

279. Għaldaqstant, l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

## VI — L-allegat appell inċidentali

280. Fl-aħħar tar-risposta tal-Kummissjoni għall-appell hemm taqsima separata b'"osservazzjonijiet addizzjonali" [225] fuq dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeskriviet bħala l-"motivi essenzjali" tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

281. Hemmhekk, il-Kummissjoni tissottometti li fil-punti 474 u 476 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kklasifikat ħażin il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri ta' ritaljazzjoni [226] bħala motiv essenzjali tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni. B'mod partikolari, jekk f'dawn il-proċeduri kellu jiġi deċiż illi, b'kuntrast għall-fehma tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' trasparenza tas-suq ma kinux ivvizjati bi żball ta' liġi, l-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni jkollha tiġi kkonfermata, irrispettivament minn jekk kienx fiha żball ta' liġi fir-rigward tal-miżuri ta' ritaljazzjoni.

282. Impala kkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni bħala *appell inċidentali,* u b'riferiment għall-Artikolu 117(2) tar-Regoli tal-Proċedura wieġbet għalihom b'dokument separat. Bil-permess tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, ġew ippreżentati dokumenti oħra fuq din il-kwistjoni.

283. Madankollu, dan fih innifsu bl-ebda mod ma jikkostitwixxi konstatazzjoni definittiva mill-Qorti tal-Ġustizzja li f'din il-kawża, hemm fil-fatt appell inċidentali. Taħt l-Artikolu 117(2) tar-Regoli tal-Proċedura, sabiex sottomissjoni tiġi kkunsidrata bħala appell inċidentali, jeħtieġ illi hija tkun intiża għall-annullament, totali jew parzjali, tas-sentenza appellata fuq raġuni li ma kienitx ġiet imqajma fl-appell. Il-fatt dwar jekk dan huwiex il-każ hawnhekk għandu jiġi stabbilit b'riferiment għad-diċitura, għan u kuntest tas-silta inkwistjoni fir-risposta tal-Kummissjoni għall-appell.

284. F'dan ir-rigward, għandu jiġi emfasizzat illi l-frazi "appell inċidentali" imkien mhija użata mill-Kummissjoni fid-dokument tagħha. Minflok, it-titolu "Osservazzjonijiet Addizzjonali" jindika li fih punti supplimentari li huma intiżi biss sabiex tinftiehem aħjar is-sottomissjoni tal-Kummissjoni b'risposta għall-appell ta' Bertelsmann u Sony. B'mod partikolari, l-"osservazzjonijiet addizzjonali" huma intiżi sabiex jikkjarifikaw xi tkun il-konsegwenza għall-validità tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni jekk is-sentenza appellata tiġi annullata, parzjalment jekk ikun il-każ, fuq it-talba ta' Bertelsmann u Sony [227].

225 — Punti 37 sa 39 tar-risposta tal-Kummissjoni għall-appell, li hija intitolata, "6. Additional observations: On the 'essential grounds' of the Decision".

226 — Punti 114 sa 118 tal-ewwel deċiżjoni ta' approvazzjoni.

227 — Ara b'mod partikolari l-aħħar sentenza tal-punt 39 tar-risposta tal-Kummissjoni għall-appell.

285. Iktar 'il quddiem fil-proċedura, il-Kummissjoni nnifisha għamlitha ċara li "l-osservazzjonijiet addizzjonali" tagħha bl-ebda mod ma kienu intiżi li jikkostitwixxu appell inċidentali, u barra minn hekk ċaħdet espressament li tassumi kwalunkwe responsabilità għall-ispejjeż f'dak ir-rigward; barra minn hekk, hija enfasizzat illi "l-osservazzjonijiet addizzjonali" tagħha ma kellhom ebda effett indipendenti, imma kienu relevanti biss jekk l-appell imressaq minn Bertelsmann u Sony irnexxa (parzjalment, skont il-każ) [228].

286. Fid-dawl ta' dan kollu għandu jiġi deċiż li l-"osservazzjonijiet addizzjonali" tal-Kummissjoni ma jinkludu l-ebda appell inċidentali, u li mhuwiex neċessarju għall-Qorti tal-Ġustizzja tieħu deċiżjoni separata fuqu, peress li tali deċiżjoni tkun saħansitra *ultra petita*.

## VII — Spejjeż

287. Jekk, kif nissuġġerixxi f'din il-kawża, l-appell jiġi miċħud, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq l-ispejjeż (Artikolu 122(1) tar-Regoli tal-Proċedura) skont l-Artikolu 69 flimkien mal-Artikolu 118 tar-Regoli tal-Proċedura.

228 — Ittra mill-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2007 lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja.

288. L-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li l-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba; jekk ikun hemm iktar minn parti waħda li titlef, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż. B'deroga minn dan, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 69(3) jipprovdi li jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż; dan japplika wkoll meta appell jiġi miċħud minkejja li l-appellant ikun irnexxa f'parti mis-sottomissjonijiet tiegħu [229].

289. Peress illi l-appellanti, Bertelsmann u Sony, tilfu iżda partijiet mill-aggravji tagħhom intlaqgħu fis-sustanza, l-ispejjeż għandhom jinqasmu. Nissuġġerixxi li Bertelsmann u Sony għandhom jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u tliet kwarti tal-ispejjeż ta' Impala; iktar minn hekk, safejn għandhom ibatu l-ispejjeż ta' Impala jidher xieraq li Bertelsmann u Sony għandhom jiġu kkundannati *in solidum* għall-ispejjeż [230]. Impala għandha tiġi kkundannata tbati kwart mill-ispejjeż tagħha.

290. Partijiet oħra fil-proċeduri li jsostnu appell b'talbiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jiġu kkundannati jsostnu l-ispejjeż tagħhom, b'applikazzjoni, b'analoġija, tal-Artikolu 69(4). Peress illi Il-Kummissjoni u Sony BMG

229 — Sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Biret International vs Il-Kunsill, C-93/02 P, Ġabra p. I-10497, punt 72 u tat-30 ta' Settembru 2003, Biret u Cie vs Il-Kunsill, C-94/02 P, Ġabra p. I-10565, punt 75.

230 — Sentenzi maqgħuda tal-31 ta' Mejju 2001, D u L-Iżvezja vs Il-Kunsill, C-122/99 P u C-125/99 P, Ġabra p. I-4319, punt 65.

Music Entertainment sostnew l-appell ta' Bertelsmann u Sony bit-talbiet tagħhom, u peress illi huma ma rnexxewx f'dan, jidher li jkun xieraq li kull waħda minnhom tbati l-ispejjeż tagħha [231].

## VIII — Konklużjoni

291. Għar-raġunijiet mogħtija iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej:

(1) L-appell huwa miċħud.

2) Bertelsmann AG u Sony Corporation of America għandhom ibatu kull waħda minnhom l-ispejjeż rispettivi tagħhom, u jbatu tliet kwarti mill-ispejjeż ta' Independent Music Publishers and Labels Associaton, *in solidum* bejniethom; l-Independent Music Publishers and Labels Association għandha tbati kwart mill-ispejjeż tagħha;

3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u Sony BMG Music Entertainment BV għandhom ibagħtu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

231 — F'dan is-sens ara pereżempju s-sentenzi tas-26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer, C-23/00 P, Ġabra p. I-1873, punt 56, u s-sentenzi maqgħuda tat-2 ta' Ottubru 2003, International Power *et* vs NALOO, C-172/01 P, C-175/01 P, C-176/01 P u C-180/01 P, Ġabra p. I-11421, punt 187.